# IL-ĦAJJA f'Għawdex

April 2007 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 62 SENA * Nru. 887





# Ajruport f'Għawdex?

## IDEA TA' ROY PERRY

*Looking at the future with a new vision . . .*



Orienta

feel at home

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 887***
***April 2007***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail:*** **gozopress@onvol.net**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***


*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
Kummentarju (1) • 6
X'għadda minn għalina • 8
Riflessi • 14
Kummentarju (2) • 15
Il-Kliem fin-Numri • 17
Attwalità • 18
Mill-Knisja fid-Dinja • 20
Kotba minn Għawdex • 21
Tieqa fuq l-Ambjent • 22
Għemmaws • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
Il-Misteru tal-Knisja • 28
Il-Biedja f'Għawdex (54) • 30
Letteratura Għawdxija • 32
Għawdex 300 sena ilu (153) • 33
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin: Sannat • 34
Għawdxin li għadna niftakru (42) • 36
Passiġġata Biblika (25) • 38
L-Istorja tal-Mediċina (13) • 40
Xhieda Nisranija • 42
Bejnietna n-Nisa • 43
Apprmnt (1): Dun Manuel Galea • 44
Apprmnt. (2): Patri Vitor Buhagiar • 45
Apprmnt. (3): Mons. Ġużeppi Borg • 46
Irqaqat mill-Imgħoddi • 47
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
L-Irħula Għawdxin (13): Iż-Żebbuġ • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Joe Zammit, George Scerri, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Teddie Attard, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*

***Ritratti tal-Qoxra u ta' paġna 14:*** *Ħajr lil Roy Perry.*





# L-Istatistika u n-Nies ta' l-Għid

*Servej fost il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea sabet li l-poplu Malti hu l-aktar wieħed li jqis "ir-reliġjon bħala aspett importanti ħafna fil ħajja". Ninsabu fil-quċċata tal-klassifika bi tmienja u tmenin fil-mija. Iżda meta aħna nirriflettu kemm il-maġġoranza l-kbira tal-Maltin hi ta' twemmin nisrani u kattoliku, il-perċentaġġ għoli tas-servej tal-UE joħloq kuntrast ma' l-istatistika l-oħra li sabet li kważi ħamsin fil-mija tal-Maltin jonqsu li jattendu b'mod regolari għall-quddiesa tal-Ħadd.*

*Għaldaqstant jeħtieġ nistaqsu: "X'inhi din ir-reliġjożità tagħna?" Le, mhix il-festa tal-qaddis tar-raħal iċċelebrata bil-marċijiet brijużi u bil-logħob tan-nar, li xi drabi twassal sa l-aljenazzjoni bil-valuri ta' taħt fuq. Forsi hi reliġjożità li fiha xi ħadd isir il-qassis tiegħu nnifsu - mentalità li trawwem art għammiela għall-kompromessi mal-kuxjenza?*

*Wieħed jittama li l-qofol ta' din ir-reliġjożità Maltija huwa 'l-qawmien mill-imwiet' li kull wieħed u waħda minna ngħata d-dritt li jikseb bir-rebħa ta' Kristu Irxoxt. Dan it-twemmin jidher ċar fostna bil-konsolazzjoni li nsibu meta l-mewt tnikkitna u bid-devozzjonijiet lejn il-qraba tagħna fiċ-ċimiterji. Iżda b'danakollu, aħna nies ta' l-Għid? X'inhi l-identità tan-nies ta' l-Għid?*

*Il-Qawmien tal-Mulej hu n-nukleju ta' kull predikazzjoni kif irrapurtata fl-Atti ta' l-Appostli. U jekk il-fatt singulari u misterjuż tal-Qawmien tal-Mulej sawwar l-għeruq fil-kultura pagana ta' dak iż-żmien, għaliex m'għandux ikun hekk għalina wkoll illum, f'dil-kultura post-moderna u daqstant pagana? - għalina li fil-maġġoranza kbira tagħna għandna din il-fidi u din it-tama.*

*In-nies ta' l-Għid għandhom identità b'fatti u fattizzi u personalità partikolari. Huma jistqarru bil-fomm li Kristu hu l-Mulej u jemmnu f'qalbhom li Hu qam mill-imwiet. Imma din l-istqarrija u dan it-twemmin għandhom implikazzjonijiet fil-fond fl-istil tal-ħajja tagħhom. Għax bħalma Kristu jgħid "Jien il-qawmien u l-ħajja", daqstant ieħor jgħid, fil-ħatra ta' dixxipli partikolari, b'missjoni preċiża, "Morru mela u għallmu l-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' Ruħ il-Qodos...u, ara, jiena magħkom sa l-aħħar taż-żmien." Hemm ukoll il-wegħda Tiegħu li fejn tnejn jew tlieta jingabru f'ismu, Hu jkun hemm f'nofshom; hemm it-testment tiegħu, "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"; hemm ukoll il-proposta ta' l-aċċettazzjoni tat-tbatija li Miegħu mhix moħlija iżda hi bħal dik il-marda li minnha l-arzella taħdem il-perla.*

*Id-diskrepanza bejn is-servej tal-UE u l-istatistika ta' l-attendenza għall-quddiesa tal-Ħadd, tindika li ħafna u ħafna minna rriduħ lil Kristu Irxoxt...iżda x'uħud minna mhux qed jirnexxilhom jagħrfuħ "fil-qsim tal-ħobż". Għaliex?...Għax qalbna mhix imħeġġa biżżejjed?*

**Joseph W. Psaila**

www.gozodiocese.org



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

*Mis-Seminarista Richard Farrugia*

"Ir-Randan huwa sejħa speċjali biex niskopru min hu l-Missier li jilmaħna meta nkunu għadna 'l bogħod minnu, jitħassarna, u b'ġirja waħda jiġi jiġri jiltaqa' magħna, jimliena bil-bews u jordna li nitlibbsu bl-isbaħ libsa tad-dinjità ta' bnedmin, biċ-ċurkett tas-setgħa li tiġi mid-dinjità ta' bnedmin ulied, u bil-qorq tad-dinjità ta' wlied ħielsa biex nistgħu nimxu bil-libertà!...Ir-Randan huwa opportunità biex il-Missier jibni relazzjoni ġdida magħna, li jridna nkunu miegħu mhux bħala "lavranti" imma bħala "uliedu"; u frott ta' din ir-relazzjoni, nistgħu nidħlu f'relazzjoni ġdida ma' l-aħwa." (mill-*Ittra Pastorali*, Randan 2007).




Matul ix-xahar ta' Marzu għexna ż-żmien qaddis tar-Randan. Kien żmien li fih bħala djoċesi immeditajna b'mod profond il-parabbola ta' l-Iben il-Ħali (Lq 15,11-32) fuq stedina li r-Ragħaj tagħna għamel fl-ittra pastorali tiegħu fl-okkażjoni tar-Randan 2007. Il-parroċċi u l-komunitajiet kollha tal-Knisja Għawdxija ħejjew programmi ta' attivitajiet, talb liturġiku u devozzjonali, irtiri, u laqgħat bl-għan li lkoll kemm aħna bħala nsara nkunu nistgħu "nagħmlu esperjenza aktar qawwija ta' Alla, Missier li jħobbna, uliedu" (*Ittra Pastorali*).

**Eżerċizzi**

"Tkun għażla tajba jekk f'dan ir-Randan noqorbu ftit aktar lejn il-Kelma ta' Alla, b'mod partikulari fl-Eżerċizzi ta' dawn il-granet" (*Ittra Pastorali*). Tul dawn il-ġimgħat il-knejjes tagħna laqgħu numru sabiħ ta' predikaturi, kemm minn Għawdex stess kif ukoll minn Malta, biex jgħinu lill-poplu ta' Alla jimmedita fid-dawl tal-Kelma ta' Alla. Kienu mumenti ta' konverżjoni u ta' grazzja għal dawk kollha li laqgħu l-istedina u attendew. Ir-Ragħaj tagħna



wkoll priedka fl-eżerċizzi li saru fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Taċ-Cawla, u f'dawk li saru fil-Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria. It-tagħlim, l-aktar dak imwassal fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, jgħin mhux ftit biex tonqos dik li r-Ragħaj tagħna spiss qed jirreferi għaliha bħala l-"injoranza reliġjuża" u fl-Ittra tiegħu widdeb biex in-nisrani ma jiħux fuqu l-attitudni ta' l-iben il-kbir tal-parabbola: "għandhom il-kumpless ta' l-iben il-kbir dawk li fil-Knisja huma kuntenti bl-għarfien li għandhom dwar Alla u ma jinteressahomx li jsiru jafuh aktar fil-fond; dawk li jagħmlu kompromessi ma' Alla u mal-kuxjenza tagħhom; dawk li ma' Alla jirraġunaw bil-liġi tas-suq: agħtini u nagħtik; dawk li huma aktar attenti biex josservaw il-liġi milli biex jikbru fir-relazzjoni ta' iben jew bint tal-Missier; dawk li huma xħaħ ma' Alla fil-ħin tat-talb u fl-għotja tagħhom infushom; dawk li mhumiex miftuħin għas-sorpriżi ta' Alla; dawk li jeskludu lill-oħrajn mid-dar ta' Alla; dawk li l-Knisja ma jriduhiex tkun id-dar tal-Missier imma d-dar tagħhom; dawk li dejjem attenti biex jippuntaw subgħajhom lejn id-dnub ta' ħaddieħor".

**Żgħażagħ**

Apparti l-Eżerċizzi li sarulhom fil-parroċċi, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ organizzat għal darb'oħra Katekeżi apposta għaż-Żgħażagħ kull nhar ta' Sibt matul iż-żmien tar-Randan ġewwa s-Seminarju. Is-sensiela ta' Katekeżi tmexxiet minn saċerdoti differenti u trattat suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-fidi tagħna.



Dawn il-mumenti taw l-opportunità biex iż-żgħażagħ preżenti jkunu jistgħu jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom, jiċċaraw ċertu punti dwar il-fidi nisranija li għalihom kienu għadhom ftit oskuri, u anki biex jidħlu f'relazzjoni aktar intima ma' Gesù. Fuq kollox, dawn l-okkażjonijiet, imsaħħa bil-presenza ta' Mons. Isqof Grech, ifakkru liż-żgħażagħ li huma parti integrali mill-Knisja u huma msejħa biex inkunu "dawl fuq il-muntanja u melħ ta' l-art" għal dawk li jiltaqgħu magħhom l-università jew fuq il-post tax-xogħol. Barra mill-Katekeżi tas-Sibt, bejn it-12 u l-15 ta' Marzu saru l-Eżerċizzi għall-Universitarji Għawdxin fil-kappella tas-Sorijiet fl-Imsida, Malta.

**Presbiteri**

Anke s-saċerdoti għandhom bżonn ta' formazzjoni kontinwa sabiex ikomplu jikbru fir-relazzjoni tagħhom mar-Ragħaj il-Kbir u jkunu jistgħu jaqdu aħjar il-ministeru tagħhom. Għalhekk minn żmien għal żmien, is-saċerdoti ta' numru ta' parroċċi li flimkien jiffurmaw "żona" (fid-djoċesi tagħna, il-parroċċi huma miġbura f'erba' żoni), jiltaqgħu flimkien sabiex jitolbu, jitgħallmu u jiddiskutu bejniethom. Għal dawn il-laqgħat ikun preżenti wkoll Mons. Isqof. Nhar is-Sibt, 17 ta' Marzu saret laqgħa għas-saċerdoti taż-Żona C, u jumejn wara, nhar it-Tnejn, 19 ta' Marzu, saret laqgħa għas-saċerdoti taż-Żona D. Barra minn dan, fit-2 ta' Marzu iċċelebrajna Jum l-Isqof Cauchi. Filgħaxija saret quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fil-knisja Taċ-Cawla. Tul dan ix-xahar, id-Djoċesi tagħna sellmet lil saċerdot ieħor li l-Missier sejjaħlu fi ħdanu: Dun Gużepp Borg. Il-funeral tiegħu, li tmexxa minn Mons. Isqof, sar it-Tnejn, 26 ta' Marzu fil-knisja parrokjali ta' l-Għarb.

**Studenti**

Minn żmien għal żmien, l-Isqof tagħna ma jonqosx milli jmur iżur lill-istudenti li jattendu l-iskejjel tal-primarja u tas-sekondarju fi gżiritna. Fil-bidu tax-xahar, hu żar lil Fifth formers ta' l-iskola Agius de Soldanis, fis-26 tax-xahar għamel żjara lill-iskola primarja Laura Vicuna, l-Għasri; u jumejn wara żar l-MCAST fix-Xagħra.

**Il-valuri ta' l-Ewropa**

Bejn it-22 u l-25 ta' Marzu, Mons. Isqof Grech attenda għal Kungress Ewropew imniedi mill-Kummissjoni tal-Konferenzi ta' l-Isqfijiet ta' l-Unjoni Ewropeja (COMECE) bl-isem: "*Values and Perspectives for Tomorrow's Europe – 50 years of the Treaty of Rome*" ġewwa l-belt ta' Ruma. Fl-istqarrija li ħarġu l-isqfijiet preżenti, huma saħqu li l-istituzzjoni Ewropeja għandha "tħares dejjem id-dinjità umana u l-valuri li joħorġu minnha, bħalma hi l-libertà tar-reliġjon fl-aspetti kollha tagħha. Hi għandha tħares id-drittijiet istituzzjonali tal-Knejjes u tal-komunitajiet ta' fidi. Hi għandha wkoll tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-patrimonju nisrani tal-kontinent tagħna. Hu permezz tad-djalogu fuq u għall-ġid komuni taċ-ċittadini tagħna li aħna nistgħu nikkontribwixxu mill-aħjar għal għaqda soċjali li, illum, hi tant importanti u meħtieġ għall-Ewropa".

COMECE


OFFICE NEEDS



MARIO ZAHRA

Triq il-Muniċipju Ruman, Victoria, Gozo, Malta.

| | |
|---|---|
| Res. Tel: | 21 563072 |
| Off. Tel: | 21 556500 |
| Fax: | 21 556500 |
| Mob: | 99459387 |

DM

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

*Kummentarju (1)*

# *Meta l-Mulej Isejjaħ...*



## *Id-Dixxeriment u l-Evalwazzjoni ta' kull Vokazzjoni b'responsabiltà*

*minn Mons. Anton Gauci*

**Is-sejħa li Alla l-Imbierek jagħmlilna għas-servizz tiegħu, bħal bieraħ anke llum, aħna nafuha bħala "vokazzjoni". Fl-Iskrittura Mqaddsa, u preċiżament fit-Testment il-Ġdid, din il-kelma "vokazzjoni" hija ġeneralment użata biex tfisser dik il-grazzja u benefiċċju li Alla jagħti tant lil-Lhud kemm lill-pagani meta jistedinhom jemmnu f'Ġesù Kristu permezz tal-predikazzjoni tal-Vanġelu.**

L-Appostlu Missierna spiss isejjaħ lill-insara "il-maħbubin ta' Alla" msejħa għall-qdusija. Hekk fl-Ittra lir-Rumani, kap 1, vers 7: "lill-maħbubin kollha ta' Alla li jinsabu f'Ruma, imsejħin biex ikunu qaddisin". Fl-Ewwel Ittra lill-Korintin, kap. 7, vers 22 l-istess Appostlu għandu dan il-kliem: "Jekk wieħed kien imsejjaħ meta kien ħieles, issa hu lsir ta' Kristu." U, mill-ġdid, "Lil dawn li ppredestinahom, sejħilhom ukoll" (Rum. 8, 30) L-"ippredestinati" huma dawk tant maħbuba minn Alla li se jgawduh għal dejjem!

**Lill-insara kollha l-Appostlu San Pietru jħeġġiġhom sabiex, permezz ta' l-opri tajba, jagħmlu "ċerti" is-sejħa u l-għażla tagħhom minn Alla: "Għalhekk, ħuti, b'ħeġġa kbira għandkom tfittxu li ssaħħu s-sejħa u l-għażla tagħkom...**U hekk ikollkom miftuħ beraħ quddiemkom il-bieb tad-dħul fis-saltna ta' dejjem ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu." (2 PT. 1, 10-11).

**Il-kelma "vokazzjoni" tindika wkoll id-destinazzjoni ta' persuna għal xi ministeru partikolari.** Huwa f'dan is-sens li San Pawl jgħid li kien "imsejjaħ" għall-appostolat: Hekk beda l-imsemmija Ittra lir-Rumani: "Pawlu, qaddej ta' Kristu Ġesù, imsejjaħ biex ikun appostlu, maħtur għal l-Evanġelju ta' Alla." (Rum. 1, 1). U l-istess Appostlu jwissi li "**Ħadd m'għandu jieħu b'idejh għalih innifsu dal-ġieħ, imma biss min hu msejjaħ minn Alla**, sewwa sew kif kien imsejjaħ Aron."(Lhud 5, 4).

Sinifikat ieħor tal-kelma "vokazzjoni" huwa meta tintuża biex stat li fih jinsab il-bniedem meta Alla jsejjaħlu għall-fidi. Hekk l-istess appostlu Missierna jgħid: "Ħalli kulħadd jibqa' fl-istat li kien meta kien imsejjaħ. Kont ilsir meta kont imsejjaħ, tħabbilx rasek; eħles jekk tista' imma fittex l-aħjar." (I Kor. 7, 20-21). Ma tagħmilx differenza jekk int ilsir jew ħieles, ċirkonċiż jew le, miżżewweġ jew ċelibi.

### *Saċerdot jew Reliġjuż*

Aħna ġeneralment nużaw il-kelma "vokazzjoni" biex infissru sejħa għall-istat ta' saċerdot jew ta' reliġjuż inkella reliġjuża. Hawn is-sejħa ta' Alla trid tkun waħda speċjali. Peress li dawn iż-żewġ stati jġibu magħhom dmirijiet partikolari, u spiss ta' sagrifiċċju għal dawk li jkunu jinpenjaw ruħhom fihom, ma tistax tittama li twettaq dawn l-istess dmirijiet jekk Alla ma jagħtikx il-grazzji meħtieġa. Anzi tkun temerarju jekk tistenna dawn il-grazzi, meta inti tkun ħadt dak l-istat partikolari mingħajr is-sejħa t'Alla, fi kliem ieħor "kontra r-rieda t'Alla".

**Naturalment Alla mhux se jiġi jirrivelalna x-xorti destinata għalina. Madankollu, jeżistu sinjali li għalihom nistgħu prudentement naslu biex ngħidu li Alla l-Imbierek ikun sejjaħ wieħed għal dan l-istat pjuttost milli għal stat ieħor.**

Fost dawn is-sinjali, kittieba spiritwali jaraw l-inklinazzjoni kostanti u għal żmien twil li wieħed jikkonsagra ruħu għal dak l-istat partikolari. Inkella l-pjaċir li wieħed iħoss meta jwettaq d-dmirijiet li dak l-istess stat jimponi. Jew il-prattika għat-tul ta' dawk il-virtujiet mitluba minn dan l-istess stat. Inkella d-distakk jew firda minn kull interess jew mottiv temporali u mhux spiritwali. Iva, jgħidulna l-imgħallma ta' l-ispirtu, dawn huma sinjali ta' vokazzjoni soda, anzi sinjali li mhumiex ekwivoki jew ambigwi.

Kien appuntu sabiex wieħed ikun żgur mis-sejħa tiegħu, li ġew stabbiliti d-diversi ordni tal-klerikat u l-istess seminarji għall-kjeriċi sekulari u n-novizzjat għar-reliġjużi. Hawnhekk l-imgħallma ta' l-ispirtu jinnotaw li **dawk li jsibuha diffiċli li joqogħdu għal dak mitlub minnhom f'dawn l-istadji, fuq kollox dawk li ma jħossux ruħhom stabbiliti fis-sod fil-qasam tal-kastità,**



jagħmlu tajjeb jekk jiddubitaw mill-vokazzjoni tagħhom. Anzi dawn l-istess imgħallma jmorru aktar fil-bogħod. Saħansitra jgħidu li **wieħed għandu jibża' li d-dmirijiet u l-obbligi li jkun dieħel għalihom ma jkunux għalih "għajn ta' xjaguri f'din id-dinja u fl-oħra!"**

## *Fatturi Barranin*

Konsiderazzjonijiet bħal dawn għandhom iservu sabiex jirriflettu tajjeb dwar il-vokazzjonijiet mhux biss iż-żgħażagħ konċernati, subien u bniet, imma anki persuni oħra li jkollhom x'jaqsmu magħhom.

Fost dawn hemm il-ġenituri nfushom ta' dawn l-istess żgħażagħ, subien u bniet. **Dawk il-ġenituri li b'xi mod jisfurzaw il-vokazzjoni ta' wliedhom. Tant dawk li jippruvaw jipperswadu lit-tfal li tajjeb għalihom li jħaddnu l-istat saċerdotali jew reliġjuż, billi jesponu l-vantaġġi u mhux id-dmirijiet u s-sagrifiċċji. Kemm oħrajn li, mill-banda l-oħra, ifixklu u jżommu lil uliedhom milli jiddedikaw ħajjithom għas-servizz t'Alla u tal-proxxmu fis-saċerdozju jew f'xi ordni inkella kongregazzjoni reliġjuża.** Żewġ estremitajiet li Alla l-Imbierek mhux biss ma jeħux gost bihom, imma anki jikkastigahom.

Hekk ukoll ir-responsabbiltajiet ta' dawk impenjati fil-qasam tal-vokazzjonijiet - speċjalment superjuri fis-seminarji, mgħallma u mexxejja oħra taż-żgħażagħ, inklużi l-istess konfessuri u diretturi spiritwali; dawk, li bħall-kappillani, huma fi stat li jistgħu jgħinu lill-Knisja u lis-soċjetà f'dan il-qasam tal-vokazzjonijiet - mhux biss bil-kelma u t-tagħlim, imma anki bl-eżempju.

Illum, fl-istess Knisja, hemm ukoll uffiċjali oħra li jista' jkollhom parti u impenji u responsabbiltajiet f'dan il-qasam tal-vokazzjonijiet. Qabel, dawn l-uffiċjali ma tantx kienu jidħlu f'dan il-qasam. Imma llum daħħluhom, anki jekk la huma superjuri f'seminarji, konfessuri, jew diretturi spiritwali, inkella kappillani. Huma "esperti", spiss imsejħa anki "psikologi" jew "psikoloġisti". Ħafna drabi, meta superjuri f'seminarji jibagħtu l-istudenti tagħhom għand dawn l-uffiċjali, il-kelma tagħhom hija meqjusa bħala ġudizzju li l-awtoritajiet ekkleżjastiċi għandhom joqogħdu fuqu.

Fi kliem ieħor, **diversi huma dawk li fuq spallejhom jerfgħu responsabbiltajiet għall-vokazzjonijiet għal saċerdoti u reliġjiżi. F'kull każ, ħaġa serja u tremenda quddiem Alla l-Imbierek. Tant fil-każ ta' dawk li jintbagħtu għas-saċerdozju jew għall-istat reliġjuż meta mhux imsejħa, kemm f'dak l-ieħor ta' tfixkil meta Alla fil-fatt isejjaħ.**

**F'dan l-aħħar każ, tremend huwa l-ħsieb li wieħed ikun ippriva jew seraq lill-Knisja u lill-erwieħ mill-ħidma ta' min Alla jkun sejjaħ. Titkexkex taħseb biss fuq il-ħaġa!**

Bħala konklużjoni, tajjeb li wieħed jinsisti fuq il-ħtieġa tat-talb f'din il-kwistjoni tal-vokazzjonijiet. Tant biex Alla l-Imbierek isejjaħ ħafna ħaddiema għall-għalqa tiegħu, kemm biex tabilħaqq iseħħu l-għażliet li jkun irid Hu. U, meta jkunu seħħew l-għażliet, biex il-magħżulin jimxu 'l quddiem bla waqfien fil-qasam tal-ħidma u d-dmirijiet tagħhom skond ir-rieda mqaddsa ta' l-istess Alla.

Ma ninsewx dak il-kliem ta' Kristu Sidna : "Il-ħsad hu kbir, iżda l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu."(MT. 9, 37-38; LQ. 10, 2) **Imma jrid ikun bagħthom Hu! Imsejħa.** ***VOCATI "TAMQUAM AARON"*** (Lhud 5, 4).

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN



GREZZJU BONELLO
**Jiġi jagħtik stima b'xejn**
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija*
*minn Charles Spiteri*

## Il-"Gozo Martial Arts Festival" - Suċċess



*Master Mario Saliba, Marie Therese Camilleri, Nathan Camilleri*

Nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu , fil-għodu, il-*Gozo Spirit Combat (Int.) Association* organizzat il-*Gozo Martial Arts Festival 2007*. Din l-attività giet imtella' minn Master Mario Saliba. Madwar ħamsa u għoxrin student ħadu sehem f'dan il-festival li sar fil-Kumpless Sportiv, fir-Rabat, Għawdex. Il-festival kien imqassam f'dawn il-kompetizzjonijiet: '*viking combat, back to back ground wrestling, free-style free-hand kata u free-style weapon kata*'. L-istudenti tant ħassew l-ispirtu sportiv u kompetittiv, li għamlu l-almu kollu tagħhom biex imorru tajjeb. Il-ġenituri li kienu preżenti għal din l-attività verament baqgħu mistagħġba għax qatt ma' basru li t-tfal tagħhom laħqu livell daqshekk għoli! L-*isponsor* prinċipali kien il-'*Gozo Sports Complex*' fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Oħrajn kienu *Papillion Unisex Hair Salon* u *Refcold*. Hemm il-ħsieb illi dan il-festival jibqa' jsir kull sena.

Ir-rebbieħa kienu :

**Viking Combat:** Nathan Camilleri, Joseph Mario Vella, Marie Therese Camilleri, Lucian Camilleri, Ryan Vella, Anthony Xerri, Joshua Vella, Melvin Calleja, Christopher Gauci, Joseph Louis Grech.

**Back to Back Ground Wrestling:** Marie Therese Camilleri, Scott Saliba, James Vella, Jurgen Spiteri, Lucian Camilleri, Mark Grech, Ryan Vella, Gordon Formosa, Joe Mifsud, Christopher Gauci, Melvin Calleja.

**Free-style Free-hand Kata - White grades:**
1st place -Joseph Mario Vella
2nd place - Marie Therese Camilleri
3rd place - Lucian Camilleri

**Free-style Free-hand Kata -Colour grades:**
1st place - Melvin Calleja
2nd place - Joseph Louis Grech
3rd place - Christopher Gauci

**Free-style Weapon Kata:**
1st place - Melvin Calleja
2nd place - Joseph Louis Grech
3rd place - Christopher Gauci

**Martial Artist of the Year 2007** - Melvin Calleja



*Master Mario Saliba, Marie Therese Camilleri, Nathan Camilleri*

## Ser jibdew ix-xogħlijiet fuq Triq ir-Ramla

Fil-jiem li ġejjin hu mistenni li jibda x-xogħol fuq l-ewwel parti tat-triq arterjali li minn Nadur tieħu għall-bajja pittoreska tar-Ramla l-Ħamra. Din il-bajja, li tiġi ffrekwentata minn Għawdxin, Maltin u turisti speċjalment waqt l-istaġun tas-sajf, hija ta' importanza kbira fil-proġettazzjoni ta' Għawdex bħala prodott turistiku.

Ix-xogħol li se jkun għaddej f'din li hi l-ewwel fażi tal-proġett se jinkludi asfaltar ta' 1.6km fil-parti mhux residenzjali ta' Triq ir-Ramla. It-tieni fażi mbagħad tikkonsisti f'xogħlijiet fil-parti residenzjali



Fejn tippermetti l-wisa' tat-triq li fuqha ser jibda x-xogħol fil-ġranet li ġejjin ser isiru passaġġi għall-mixi, u x-xogħol ser jinkludi wkoll tisbiħ u rranġar ta' passaġġi u ħitan li jmissu ma' din it-triq biex ikomplu jikkumplimentaw il-pajsaġġ pittoresk li wieħed jista' jgawdi minn hawnhekk. Dan il-proġett qiegħed ikun iffinanzjat minn fondi tal-Ministeru għal Għawdex, li f'dawn l-aħħar ġimgħat kompla għaddej bil-programm ta' titjib ta' toroq f'żoni residenzjali u arterjali f'Għawdex. Sa fejn hu possibbli l-aċċess għal din il-bajja ser jibqa' matul il-fażijiet differenti tax-xogħol, filwaqt li ser tingħata attenzjoni partikolari biex dawn ix-xogħlijiet ta' l-ewwel fażi jkunu lesti sal-bidu tas-sajf, meta l-użu ta' din it-triq isir aktar frekwenti minħabba l-popolarità ta' din il-bajja unika.

## *Librerija Pubblika "Patri Ġiġi Camilleri S.J." fix-Xagħra*



*Il-Prim Ministru, Dr Lawrence Gonzi waqt l-inawgurazzjoni tal-Librerija Pubblika fix-Xagħra. Jidher ukoll is-Sindku tal-Lokalita' Joe Spiteri.*

Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi nhar is-Sibt 3 ta' Marzu, inawgura uffiċjalment Librerija Pubblika ġdida fix-Xagħra Għawdex. Il-Librerija ngħatat l-isem "LIBRERIJA PUBBLIKA PATRI ĠIĠI CAMILLERI S.J. MISSJUNARJU U EDUKATUR".

Patri Ġiġi, iben ix-Xagħra, għadda fuq erbgħa u erbgħin sena l-Indja jaħdem fil-missjoni tas-Santal Parganas. Barra xogħol ta' reliġjuż huwa mpenja ruħu bi sħiħ fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ indjani. Għal żmien twil kien is-Surmast f'wieħed mill-ikbar kulleġġi - *St. Joseph High School*, Guhiajori. Studenti minn dan il-kulleġġ kienu jiġu minn ta' l-ewwel fl-eżamijiet ta' l-Università ta' Cambridge. Ħafna professjonisti ħarġu minn dan il-kulleġġ u ħafna oħrajn spiċċaw jokkupaw postijiet għolja fiċ-ċivil. Il-kulleġġ kien igawdi stima kbira mill-awtoritajiet governattivi. Barra minn dan fetaħ skejjel u kulleġġi madwar il-missjoni kollha tal-Ġiżwiti.



*Lawrence Camilleri, ħu l-Ġiżwita Patri Ġiġi jidher jagħmel kelmtejn ta' l-okkażjoni.*

Meta fl-1994 ġie lura Malta minħabba saħħtu hu beda jikteb artikli għar-rivista tal-parroċċa tax-Xagħra. Hawn tfaċċat il-pinna mirquma ta' Patri Ġiġi. L-artikli tiegħu "Dawn Mantnewna" u "Dawn Qdewna" kienu jittrattaw nies li b'xogħolhom kienu pprovdew ikel jew servizzi fir-raħal. Fihom kien jiddeskrivi b'dettall il-ħajja ta' tfulitu, sebgħin sena ilu. Permezz ta' kitbietu huwa wassal lill-ġenerazzjoni żagħżugħa tagħrif kif kienet il-ħajja soċjo-kulturali ta' dak iż-żmien. Iżda akkademiċi u studjużi wkoll tefgħu għajnejhom fuqhom u kienu jfittxuhom. Kien f'nofs il-bijografija tiegħu meta Patri Ġiġi miet fl-10 ta' Mejju 2006.



*L-Arċipriet Carmelo Refalo waqt it-tberik tal-Librerija Pubblika fix-Xagħra.*

Qabel ġiet miftuħa uffiċjalment il-Librerija, saru diskorsi minn Lawrence Camilleri, ħu Patri Ġiġi; is-Sindku, is-Sur Joseph Spiteri u l-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi. Ġew irregalati wkoll xi kotba għal din il-librerija, fosthom il-kotba li kienu fil-Librerija ta' Patri Ġiġi fiż-żmien li dan dam f'Dar Manresa, ir-Rabat, Għawdex. Is-Sindku Joe Spiteri imbagħad stieden lil Dr. Gonzi jiddikjara l-Librerija miftuħa bi kxif ta' lapida kommemorattiva waqt li Mons. Arċipriet Carmelo Refalo bierek il-post. Għan-nom tal-Kunsill, is-Sindku Spiteri ffirma żewġ kuntratti li permezz tagħhom għadda r-responsabbiltà u t-tmexxija tal-librerija f'idejn id-Direttur tal-Libreriji Pubbliċi, is-Sur Philip Borg, u l-Prinċipal ta' l-M.C.A.S.T is-Sur Frank Edwards. Id-Direttur tal-Libreriji Pubbliċi, is-Sur Borg fakkar li waħda mill-ewwel żewġ libreriji li nfetħu Għawdex fuq tmenin sena ilu, kienet fix-Xagħra, u ta' min jinnota li twieldet fl-istess żminijiet ta' Patri Ġiġi u jieħu ħsiebha kien zijuh, is-Surmast ta' l-Iskola is-Sur Franġisk Camilleri. Kienet waqfet għal xi żmien taħdem bħala Librerija Pubblika u ironikament reġgħet ingħatat il-ħajja ftit xhur wara l-mewt tiegħu. Il-Prim Ministru Gonzi f'kelmtejn ta' l-okkażjoni qal li l-edukazzjoni hija ċavetta għas-suċċess, u dawn l-inizjattivi jgħinu lill-poplu Malti jkompli jkabbar l-għerf u l-ħiliet tiegħu. Din il-librerija kellha investiment ta' Lm10,000 u hija proġett tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra flimkien mal-Librerija Pubblika u l-MCAST. Il-librerija l-ġdida toffri wkoll servizz ta' *Internet.*

## *Laqgħa Ġenerali Annwali tal-"Chorus Urbanus"*

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-*Chorus Urbanus* inżammet nhar is-Sibt 10 ta' Frar fis-Sala Kaċċatur, Marsalforn. Il-laqgħa fetħet bir-rapport tas-Segretarju Ġenerali li ta rendikont ta' l-attivitajiet tal-Kor matul is-sena li għaddiet. Is-Sur George Borg semma s-suċċessi li kiseb il-Kor b'riferenza partikolari għall-mawra korali f'Alsace u l-Kunċert tal-Milied fit-Teatru Astra matul Diċembru, kif ukoll il-'*world premiere*' ta' l-Oratorio "*Il Cuore di Cristo*" fil-verżjoni



*Waqt il-laqgħa ġenerali tal-Chorus Urbanus. Jidhru jindirizzaw lill-membri, mix-xellug għal-lemin Mro. John Galea, Direttur Mużikali tal-Kor; il-Perit Edward Scerri, President; u George Borg, Segretarju Ġenerali.*

taljana fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni fir-Rabat, Għawdex, tal-monument nazzjonali tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

Il-Perit Edward Scerri, il-President attwali tal-Kor, irringrazzja lill-membri kollha ta' l-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom li kienu ċ-ċavetta wara s-suċċessi li kiseb il-Kor. Huwa ħeġġeġ lill-membri kollha biex jibqgħu juru dan l-istess entużjażmu għax dan hu l-uniku mezz li wieħed jassigura li jżomm il-livelli għolja u r-reputazzjoni li għandu l-Kor illum.

Mro. Galea, min-naħa tiegħu, ittratta aspetti aktar tekniċi. Huwa enfasizza dwar dawk li fl-opinjoni tiegħu huma l-punti l-aktar pożittivi tal-Kor u indika fejn wieħed jista' jkompli jtejjeb. Huwa saħaq li meta wieħed iżomm quddiem għajnejh għanijiet għoljin ikun qed jiggarantixxi li jkompli jżomm il-livell li jkun laħaq jew addirittura jkompli jtejbu. Huwa rringrazzja lill-membri għas-sens ta' mpenn li dejjem urew u enfasizza li s-suċċessi tal-proġetti li hemm ippjanati għall-futur jiddependu kompletament minn dan l-impenn. Il-President u s-Segretarju/Teżorier tal-Kor ġew ikkonfermati fil-kariga, filwaqt li nħatar il-kumitat il-ġdid.

## *Il-Karnival ta' Għawdex - attrazzjoni għal eluf ta' Maltin*





Il-Karnival t'Għawdex din is-sena kien mifrux fuq żewġ '*weekends*'. Beda nhar il-Ġimgħa 9 ta' Frar fil-Belt Victoria, b'*defile'* u kompetizzjonijiet għall-aħjar żifna u kostum. Il-Ħadd 11 ta' Frar il-Karnival ġie organizzat b'sehem barrani fin-Nadur fil-ħin ta' wara nofsinhar.

Il-Karnival tat-Tfal, bis-sehem ta' l-iskejjel primarji u sekondarji għawdxin, sar il-Ġimgħa 16 b'ripetizzjoni s-Sibt 17 fil-għodu u l-Ħadd 18. Il-programm tal-Ġimgħa fil-għaxija nkluda wkoll serati fil-pjazez tax-Xagħra u tax-Xewkija. Is-Sibt filgħaxija mbagħad l-attivitajiet prinċipali tal-Karnival saru fl-irħula tax-Xewkija, il-Qala u San Lawrenz filwaqt li l-Ħadd 18 il-programm inżamm fit-triq prinċipali u fl-'*enclosure*' fil-belt Victoria. Nhar it-Tnejn tal-Karnival l-attivitajiet seħħu fil-Qala, fl-Għarb u f'Sannat filwaqt li l-egħluq uffiċjali sar it-Tlieta 20 b'*Defile'* Grandjuża fil-Belt Victoria li għalqet iċ-ċelebrazzjonijiet.

Il-Karnival t'Għawdex din is-sena kien jinkludi għall-ewwel darba s-sehem ta' kategorija ġdida bl-isem ta' "Allegrija", magħmula minn taħlita ta' umoriżmu akkumpanjat bid-daqq ta' mużika ferriħija. Minbarra l-attivitajiet organizzati, fil-jiem tradizzjonali tal-Karnival bejn il-Ġimgħa 16 u t-Tlieta 20 ta' Frar, ġie organizzat ukoll il-karnival spontanju ta' bil-lejl fin-Nadur. L-attivitajiet varjati u popolari tal-Karnival servew ta' attrazzjoni għat-turiżmu intern fi żmien meta t-turiżmu ma jkunx fl-aqwa tiegħu.






## *Il-Kummittiva fix-Xagħra u anke fil-Qala*









Fix-Xagħra u fir-raħal tal-Qala, kellna l-okkażjoni li fil-Karnival ngawdu ż-żifna tal-Kumittiva. Tnejn u tletin ġuvni u xebba, żammew it-tradizzjoni u żifnu man-noti melodjużi ta' l-argonett u t-tamborlin.

Illum l-affarijiet inbidlu xi ftit, għax fejn dari kienu jieħdu sehem irġiel biss, issa hemm tfajliet li jieħdu sehem fil-parti tan-nisa, iżda l-ispirtu taż-żifna għadu l-istess. Dan l-aktar minħabba l-fatt li l-membri kważi kollha għandhom ġo demmhom il-Kumittiva. Missirijiethom u nanniethom kienu jiżfnu f'kull Karnival fi żmien l-antik kif jixhdu dawn il-laqmijiet, Ta' Ksisa, Tal-Mesikk, Tas-Sultan, Tal-Kesis, Taz-Zikk, Tal-Merin u oħrajn min-naħa tan-Nazzarenu. Mhux hekk biss imma issa hemm oħrajn mix-xaqliba ta' fuq tax-Xagħra li qed jiżfnu fil-Kumittiva.

Għal min ma jafx din hi żifna ta' madwar siegħa u nofs u tinqasam f'diversi biċċiet. Dawn it-taqsimiet għandhom isem ukoll. Hemm il-Mina, is-Salib, Il-Franċiża, l-Ingliża u l-aqwa biċċa, in-Nisġa. Dawn għandhom konnessjoni mill-qrib ma' l-istorja ta' Malta. U għaliex il-Kumittiva hi żifna tal-Karnival? Peress li kienet tal-popolin jew tan-nies tax-xogħol, l-unika opportunità għalihom biex jiżfnu kien il-Karnival biss. Wieħed ma jridx iqis dari ma' llum, meta f'Għawdex ma kien hawn xejn divertiment. Dan il-briju kien jiġi biss fit-tlett ijiem ta' qabel Ras ir-Randan.

Il-Kumittiva nżifnet f'ħames okkażjonijiet fil-jiem tal-Karnival, il-Ġimgħa 16 ta' Frar, fil-festi karnivaleski organizzati mill-Kunsill Lokali, Xagħra, fil-Pjazza prinċipali tar-raħal. Is-Sibt 17 ta' Frar, fl-inħawi tan-Nazzarenu, ix-Xagħra wkoll, il-post minn fejn oriġinat din id-danza tal-Kumittiva. Reġgħet saret fix-Xagħra nhar il-Ħadd 18 ta' Frar, kmieni wara nofsinhar. It-Tnejn 19, saret fir-raħal tal-Qala. U ġiet organizzata għall-aħħar darba nhar it-Tlieta 20 ta' Frar, fil-Pjazza tax-Xagħra.



## *"Seħer il-Punent" fl-Għarb - suċċess folkloristiku kbir*



*Waqt il-"cultural walking tours" studenti qed jaraw kif kienet issir il-Qiegħa fl-antik.*

Għall-ewwel darba din is-sena, l-Kunsill Lokali Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex nieda festival ta' arti, kultura, patrimonju u mużika mifrux fuq tlett t'ijiem bejn il-Ġimgħa 16 u l-Ħadd 18 ta' Marzu, 2007, liema '*week-end*' ħabat ukoll '*long week-end*'. Il-Fesitval li ngħata l-isem ta' 'Seħer il-Punent' espona il-karatteristiċi ewlenin ta' dan ir-raħal għawdxi, uniku fl-istil tiegħu u ferm popolari mal-Maltin u turisti.

Matul dawn it-tlett t'ijiem dan ir-raħal ittrasforma ruħu f'attività kontinwa. Il-pjazza ċentrali tar-raħal 'Pjazza Żjara tal-Madonna' fejn l-attrazzjonijiet prinċipali ġew organizzati, ġiet imżejna bl-armar tal-festa. Il-postijiet ta' kultura, patrimonju bħal ma' huma mużewijiet, kappelli ecc. ġew miftuħa sa tard bil-



*Żfin folkloristiku waqt l-ewwel serata tal-Festival*



*Żeffiena Bulgari 'Rainbow Spirit' waqt is-show tal-palk prinċipali fl-ewwel serata*



lejl. Ġew organizzati ukoll '*walking guided tours*' madwar il-lokalità flimkien ma' reċitazzjoni ta' ġrajjiet storiċi, marċi mill-banda lokali, u esebizzjonijiet ta' arti u snajja li kienu lkoll ta' attrazzjoni kbira. Il-viżitaturi ta' dan il-festival setgħu igawdu ukoll mill-'*outside catering*' tal-*Country Terrance Restaurant* fejn kien qed joffri servizz ta' *restaurant* kif ukoll '*snack points*' ġewwa l-pjazza tar-raħal. Kien hemm ukoll *area* għat-tfal b'diversi animaturi u logħob. *Rock bands* lokali, kumpaniji ta' żfin ma' diversi artisti oħra li ħadu sehem fuq palkijiet żgħar li kienu jinstabu matul Triq il-Knisja. Attrazzjoni oħra li żgur ma ġietx mitlufa mid-diversi viżitaturi ta' dan il-festival kienet il-'*live performance*' ta' uħud mill-finalisti tal-*Malta Song for Europe 2007*.

Għalkemm ir-raħal ta' l-Għarb huwa żgħir u r-riżorsi tiegħu huma ferm limitati bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex u diversi *sponsors*, dan l-avveniment seta' iseħħ. David Apap, Sindku tal-Lokalità, qal lil '*il-Ħajja f'Għawdex*' li "il-Kunsill huwa ferm sodisfatt li s-suċċess li nkiseb f'dan il-festival kien wieħed kbir mhux biss għar-raħal ta' l-Għarb però ninsabu ċerti ukoll li kien ta' suċċess għall-istabbilimenti ta' Għawdex minħabba l-għadd kbir ta' turisti u Maltin li qasmu minn Malta għal Għawdex matul dan il-'*weekend*' sabiex jattendu għal dan l-imsemmi festival."

Attività ta' din ix-xorta kienet l-ewwel waħda ta' dan it-tip li ġiet organizzata ġewwa Għawdex. Attivitajiet oħra ta' din ix-xorta ser jiġu organizzati madwar Għawdex fix-xhur li ġejjin u nistgħu ngħidu li r-raħal ta' l-Għarb kien ta' eżempju għal oħrajn sabiex tingħata għajnuna lill-kummerċ għawdxi u jinġabu iktar turisti lejn din il-gżira.

## *50 sena tas-Sorijiet Karmelitani f'Kerċem*



*Mons. Isqof Mario Grech jidher jieħu b'idejn Swor Venerina Borg. Jidhru wkoll mix-xellug għal-lemin Swor Bernadette Theuma u Swor Domitilla Cassar.*

Is-Sorijiet Karmelitani Missjunarji ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu', nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu, 2007, iċċelebraw il-50 sena tagħhom f'Kerċem u fid-Djoċesi Għawdxija. Għal din l-okkażjoni ta' ferħ, u bħala ringrazzjament lil Alla, Mons. Isqof Mario Grech, fl-10.15 ta' filgħodu, akkumpanjat mill-Kappillan Dun Injazju Borg, mill-Provinċjal tal-Karmelitani, Patri Alexander Vella, mill-Kappillan tal-Komunità Karmelitana f'Kerċem il-Kanonku Dun Karm Borg, il-Kappillan ta' Santa Venera, Patri Karmelitan, Alexander Scerri, id-Delegat ta' l-Isqof għall-Ordnijiet Reliġjużi Mons. Salv Debrincat u għadd ta'saċerdoti oħra, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, fil-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem.

Il-knisja kienet ippakkjata bin-nies u mżejna għall-okkażjoni. Fuq il-presbiterju tpoġġiet ukoll l-istatwa devota ta' Santa Teresa tal-Bambin Ġesu li nsibu meqjuma fil-kappella tal-kunvent tas-Sorijiet, f'Kerċem. Il-qari ta' l-ewwel lezzjonijiet sar minn Swor. Carmen Bonnici, Madre tal-Kunvent ta' Kerċem waqt li Swor. Concetta Dye mill-istess kongregazzjoni, qrat it-tieni lezzjoni. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof fakkar iż-żmien ta' tfulitu meta kien jattendi l-iskola f'Kerċem, immexxija mill-istess sorijiet. Għamel ukoll appell sabiex il-komunità tibqa tgħin lis-Sorijiet Karmelitani kemm bit-talb u anke b'għajnuniet oħra. Fl-offertorju ttellgħu għadd ta' oġġetti marbuta mal-ħidma Karmelitana f'Kerċem u f'Għawdex. Fi tmiem il-quddiesa nqrat il-Barka Appostolika tal-Papa Benedettu XVI mibgħuta minn Ruma f'din l-okkażjoni. Wara Mons. Isqof ippreżenta ikona tal-fidda li tirrappreżenta l-Madonna bil-Bambin lill-ewwel erbgħa sorijiet li kienu jagħmlu parti mill-Komunità Karmelitana f'Għawdex u li lkoll kienu preżenti għal din l-okkażjoni. Dawn huma, Swor Domitilla Cassar, mis-Siġġiewi, Swor Venerina Borg minn Santa Venera, Swor Bernadette Theuma mix-Xagħra, Għawdex, u Swor Mariannina Barbara minn Birkirkara. Preżenti kien hemm fost oħrajn, l-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Anton Tabone u s-Sinjura tiegħu, il-Ministru għal Għawdex , Giovanna Debono u s-Sindku ta' Kerċem Joe Grima. Kien hemm ukoll il-Komunità Karmelitana kollha mmexxija mill-Madre Provinċjala Swor Donatella Cappello, li ġiet apposta mill-Italja, kunsilliera, sorijiet oħra minn diversi ordnijiet reliġjużi , it-tfal li jattendu l-iskola *St. Therese* ta' Kerċem, ħbieb u għadd kbir ta' Kerċmin. Wara li ntemmet il-funzjoni fil-knisja, sar festin fis-sala ta' maġenb il-knisja parrokkjali.



*Mistiedna distinti, preżenti fil-knisja parrokkjali ta' Kerċem. Mix-xellug għal-lemin, l-iSpeaker Anton Tabone u s-Sinjura Tabone, il-Ministru Giovanna Debono u s-Sindku tal-Lokalita' ta' Kerċem, Joe Grima.*

# *"Flimkien" - Ċelebrazzjoni tal-50 Anniversarju tat-Trattat ta' Ruma fin-Nadur*



Il-Kunsill Lokali tan-Nadur flimkien mal-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew fil-Belt Valletta tella' b'suċċess attività mifruxa fuq tlett ijiem mill-Ġimgħa 23 sal-Ħadd 25 ta'Marzu, fiċ-ċentru tan-Nadur u l-madwar, bl-isem "*FLIMKIEN*".

Din l-attività kienet frott ta' proġett iffinanzjat mill-Parlament Ewropew, wara s-sejħa INFO/2007/4 għal dan il-għan, biex jgħin inizjattivi varji fis-27 Stati Membri għaċ-ċelebrazzjoni tal-50 Anniversarju tat-Trattat ta' Ruma.

Il-miri tal-proġett kienu li filwaqt li tingħata kemm jista' ikun informazzjoni wiesgħa lill-Għawdxin u l-Maltin dwar l-rwol tal-Parlament Ewropew u l-istorja tal-Unjoni Ewropeja mit-twaqqif tagħha, jittella' programm varju kulturali u ta' rikreazzjoni għall-gosti ta' kulħadd.

Mill-Ġimgħa 23 ta'Marzu fil-għaxija sal-Ħadd 25, iċ-Ċentru tan-Nadur kien maqsum f'sezzjonijiet differenti: dik għall-informazzjoni, dibattiti dwar l-Ewropa, wirjiet ta' arti fis-sala tal-Kunsill u fit-torri ta' Kenuna, teatru fit-triq, mużika klassika fil-Bażilka u folkloristika fi Pjazza Dun Martin Camilleri, attrazzjonijiet speċjali għat-tfal fi Pjazza 28 t'April, wirja ta' vetturi militari fi Triq Cicciano, suq ta' prodotti lokali flimkien ma' programm wiesgħa ta' varjetà bis-sehem ta' kantanti barranin mtellgħa għall-pubbliku Malti u Għawdxi.



L-attivitajiet bdew il-Ġimgħa fil-għodu fl-10.00 fejn it-tfal tal-iskola primarja kellhom attività kulturali li bdiet bi żjara fix-xelter tal-gwerra fil-pjazza, għall-mawra fl-istand b'ritratti u storja tal-Unjoni Ewropeja fejn kienu ndirizzati minn Dr Julian Zammit rappreżentant tal-Parlament Ewropew f'Malta. Fil-bażilika ta' San Pietru u San Pawl saru tliet kunċerti. L-ewwel kunċert inżamm nhar il-Ġimgħa 23 ta' Marzu fis-7.30p.m. mill-Kor *Gaulitanus* taħt it-tmexxija tas-Surmast Colin Attard. Il-Kor *Gaulitanus* esegwixxa diversi biċċiet ta' mużika sagra.

L-għada s-Sibt 24 ta' Marzu fis-7.30p.m. ittella' kunċert strumentali minn orkestra mmexxija mis-Surmast Colin Attard. F'dan il-kunċert ġew esegwiti biċċiet reliġjużi u oħrajn popolari.




L-aħħar kunċert sar il-Ħadd 25 ta' Marzu fis-6.00pm minn kor u orkestra ffurmati minn żgħażagħ bl-isem '*American School in Londra*'. Dan il-kunċert ġie esegwit minn kor ta' 60 persuna u orkestra ffurmata minn 55 persuna. Ix-xogħlijiet esegwiti varjaw minn biċċiet sagri għal oħrajn meħuda minn opri u *musicals*. Fis-sezzjoni tal-*folk* fi Pjazza Dun Martin, twaqqfu għadd ta' *stands* tal-ikel fejn wieħed seta' jitrejjaq f'atmosfera tradizzjonali Maltija bi programm varjat ta' kant, żfin u daqqaqa li kienu: *Xagħra Folk Group* (Kummittiva); *San Lawrenz Folk Group*; *Imnarja Folk Group* u Daqqaqa; *Aurora Folk Group*; *Menhir Qala Folk Group*; *Astra Folk Group*; Spiro Sillato; *Sinet Folk Group*;għana tradizzjonali Malti; in-*Nafra Folk Ensemble*; Philip Vella u Tony Camilleri (L Għannej).

Is-Sibt infetħet wirja ta' arti fis-sala tal-Kunsill b'xogħlijiet ta' artisti minn fost il-pajjiżi li jagħmlu parti mic-'*Charter of European Rural Communities*' li fih in-Nadur jirrappreżenta lil Malta. Madwar 25 membru, bejn Sindki u rappreżentanti ġew apposta biex jieħdu sehem f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

Il-Ħadd sar dibattitu minn Dr Simon Busuttil u Dr John Attard Montalto membri fil-Parlament Ewropew fejn ingħata ukoll tagħrif dwar l-Ewropa llum, filwaqt li wieġbu għall-mistoqsijiet ta' dawk preżenti.

Fuq il-palk prinċipali fi Pjazza San Pietru u San Pawl kien hemm programm varjat b'għadd ta' gruppi u kantanti fosthom: *Gozo Creative Theatre Club*; *Body Art Dancers*; *Ace Line Dancers*; Mario Caruana; Joe Formosa; Mariella Spiteri; Miriam Christine; Mike Spiteri; Renato; *Spectrum* ma' Morena; Klinsmann Coleiro u l-Band; Mark Spiteri Lucas Band; Olivia Lewis u Fuego Italiano.

Bħala l-mistiedna speċjali kien hemm il-grupp taljan *Matia Bazar* bil-preżentazzjoni tiegħu s-Sibt 24 ta' Marzu, filwaqt li l-Ħadd 25 ta' Marzu, wara li s-sindku tan-Nadur Dr Chris Said u Dr Julian Zammit rappreżentant tal-Parlament Ewropew f'Malta, indirizzaw lil folla u fetħu flixkun xampanja b'ċelebrazzjoni għad-daqq ta' l-innu tal-Unjoni Ewropeja, Riccardo Fogli f'serata '*live*' għalaq l-attivitajiet kollha fil-preżenza ta' eluf ta' nies li ħonqu l-pjazza.

**RIFLESSI** *Osservazzjonijiet mill-Kav. Joe M. Attard*

# AJRUPORT F'GĦAWDEX? *Proposta ta' Roy Perry*

Dawn il-jiem ġibditli l-attenzjoni l-proposta tal-proġett ta' Roy S. Perry li ilu jgħix fostna sa mill-1990 dwar il-ħtieġa ta' *airlink* bejn iż-żewġ gżejjer. Jidher li Roy Perry hu tassew ta' l-affari tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport bl-ajru u mas sitwazzjoni fil gżejjer tagħna. Fil *website* tiegħu Perry jagħti l-istorja li tibda mill-ewwel mezz ta' trasport bl-ajru li jmur lura lejn is-sena 1943 meta kellna f'Għawdex l-ewwel mitjar li nbena mir-RAF u mill-US Army. Charles Bezzina fil-ktieb tiegħu *The Gozo Airfield* jiddiskrivi fid-dettall din l-inizjattiva.

Ifakkar Roy Perry li fil-1968 kien sar tentattiv biex jibdew isiru titjiriet b'*Islander*. Imma dan baqa' biss tentattiv.



Kellna mbagħad nistennew sa l-1987 biex mill-ġdid nerġgħu ngħaqqdu liż-żewġ gżejjer permezz ta' servizz ta' ħelikopter. Il-*Malta Air Charter* kienet kriet żewġ ħelikopters mibnijin fir-Russja u bil-mod rajna wkoll Heliport tassew modern imfassal skond ir-regolamenti ta' l-ATOL u l-IATA. Maż-żmien dawn il-ħelikopters ma baqgħux addattati għaż-żmenijiet tal-lum u posthom ħaduh l-Ispanjoli, komdi kemm tridhom iżda l-prezz issa kien għola mas-seba' sema u allura fi żmien qasir dan is-servizz kellu jieqaf. Issa wara disgħa u tletin sena mit-twelid tal-*Malta to Gozo Air Services Ltd* u erbgħa u sittin sena minn meta l-ewwel *Spitfire* niżel qrib ta' Lambert, Għawdex sab ruħu mingħajr trasport bl-ajru.



*Proposed Gozo Airport*

Roy Perry jikkummenta wkoll dwar l-idea li tħabbret dan l-aħħar li jkollna xi *DHC-3 Otter Floatplane* li jtir fuq il-baħar w anke jinżel fuq l-ilma. Hu jagħti raġunijiet għaliex dan muhiex wisq prattikabbli. Trid tkun xi ftit jew wisq avventuruż biex tasal fl-ajruport ta' Malta, tirkeb il-minibus, tieħu madwar għoxrin minuta sal-Port il-Kbir, taqbad xi tip ta' lanċa jew dgħajsa, dejjem skond id-direzzjoni ta' l-irjieħ, titla' xi ftit taraġ jew sellum għal ġo dan it-tip ta' ajruplan b'magna waħda u wara għaxar minuti ssib ruħek il-port ta' l-Imġarr fejn mill-ġdid trid terġa' tirkeb dgħajsa oħra biex twasslek sax-Xatt. Bla dubju mbagħad jibqagħlek it-traġitt bit-*taxi* jew bil-*minivan* jew bil-*bus* sad-destinazzjoni tiegħek. Trid tagħmel sforz biex taqbel li dan kollu huwa '*val la pena*'!

Roy Perry qed iressaq proposta bis-soluzzjoni. Bi ftit tar-raba' ieħor minn dak li jinsab mwarrab w abbandunat qrib il-ħeliport, jista' jkollna *airport* ċkejken fejn ikun jista' jinżel ajruplan żgħir bla ebda storbju u dħaħen fost ordni u ħafna ħdura li taqta' t-trabijiet minn dawn l-inħawi. Perry jissuġġerixxi wkoll is-soluzzjoni għall-fondi ta' l-ispiża meħtieġa - il-Gvern Malti permezz tal-*Budgets* għall-MIA u l-AFM, jew self mill-Ewropa, jew intrapriża pubblika-privata.



Perry jagħmel lista tal-vantaġġi ta' l-*airlink* bejn iż-żewġ gżejjer. L-ekonomija tagħna tkompli tiżdied konsiderevolment; it-turist tiżdiedlu l-kumdità u l-għażla biex jaqsam bejn Malta u Għawdex; wieħed jitlef inqas ħin biex jattendi f'Malta u *vice versa* konferenzi, laqgħat u appuntamenti oħra; iktar faċilità għall-anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali; iktar ajruplani żgħar jistgħu jinżlu fostna; *transfer* iktar sod ta' fondi u dokumenti; taħriġ iktar komdu u spiss għal dawk dilettanti ta' ajruplani żgħar; pakki u tagħbijiet żgħar jaslu iktar malajr; iktar kumdità u sigurtà għall-ġarr ta' ċerti persuni; servizz dirett anke għal bliet 'l barra minn xtutna u raġunijiet oħra. Perry ifaħħar l-*Islander*, ajruplan żgħir li jeħtieġ inqas minn 1000 pied *runway* sabiex jopera, jew it-*Trislander* li jeħtieġ *runway* ta' 1350 pied u kapaċi jaħdem servizz *shuttle* bejn il-gżejjer u titjiriet sa Catania.

Fid-dawl li l-ġid ta' Għawdex jinżamm l-ewwel u qabel kollox, wasal iż żmien li tittieħed deċiżjoni.



*Kummentarju (2) - It-Tieni Parti*

# L-Etika fin-Negozju...




## L-onestà u r-rispett lejn il-klijenti

*minn MICHAEL GRECH*

**Minbarra l-etika tan-negozjanti bejniethom, in-negozju għandu x'jaqsam ukoll ma' l-att tar-relazzjoni bejn in-negozjant u l-klijent tiegħu.**

Il-poplu Malti u Għawdxi minn dejjem kien ħawtiel u għalhekk xi ftit jew wisq kważi kulħadd huwa negozjant. Min fuq bażi permanenti kif ukoll dawk ta' negozju ta' darba fil. Ħa nispjega ruħi iżjed ċar.

Jekk bniedem qiegħed f'akkordju li jbigħ il-post fejn joqgħod, dan qiegħed jagħmel negozju anke forsi jekk sejjer ikun l-uniku wieħed f'ħajtu. Fi żminijiet mhux tant imbegħda, li anke jiena stess niftakar, meta xi ħadd kien ikun qiegħed jagħmel negozju bħal dan, fil-maġġoranza tal-każi kien ikun biżżejjed biex wieħed jieħu b'idejn l-ieħor u hekk għal kull fini in-negozju jkun seħħ. Waqt li jkun qiegħed isir dan il-ġest ta' l-idejn, kont tisma' lil bejjiegħ jgħid il-kliem "ir-riżq u l-barka". Dan kien sinjal ċar li mhux talli wieħed huwa kuntent bin-negozju li jkun għamel iżda wkoll ikun



jixtieq li dak li akkwista minn għandu jkollu kull riżq u barka fl-oġġett li jkun akkwista. Dan il-kliem għadna ngħiduh illum il-ġurnata jew inkella min ibigħ hekk kif jagħlaq in-negozju u jitħallas jixtieq li dak li akkwistat il-parti l-oħra ssir duħħan? Għadha teżisti l-irġulija li meta int tajt kelma dik il-kelma lest li żżommha akkost ta' kollox?

Ejjew induru għal dawk li għandhom negozju fuq bażi permanenti, bħal per eżempju dawk li għandhom xi tip ta' ħanut jew ieħor. Kemm-il darba ltqajna ma' negozjanti li jippruvaw japprofittaw rwieħhom billi jkomplu bqija ħażina lil min ikun qiegħed jixtri minn għandhom? Sfortunatament dawn il-każi nisimgħu anke bihom fil-gazzetti ħafna drabi minn turisti li jiġu jżuru pajjiżna. Issib ukoll dawk in-negozjanti li akkost ta' kollox ikunu jridu jeħilsu minn dak l-oġġett li ma jkunx kapaċi jew ikun skadut u jippruvaw jbigħuh bħala oġġett ta' kwalità tajba. Fejn jidħlu affarijiet tal-ikel hawn jista' jkun hemm konsegwenzi serji għas-saħħa tal-persuna.

Xi ngħidu mbagħad għal dawk in-negozjanti li jridu jsiru sinjuri mil-lum għal għada. Fejn hi l-etika li wieħed jagħmel qligħ ġust fin-negozju li jkun qiegħed jagħmel? Jiena nifhem li ma hawn l-ebda negozju li huwa xi istituzzjoni tal-karità, iżda dan ma jfissirx li inti għandek tisloħ lil ħaddiehor fin-negozju għax per eżempju x-xerrej m'għandux triq oħra ħlief li jixtri dak l-oġġett. Hawn min jgħidlek li la darba n-nies lesti li jħallsu dawk il-prezzijiet allura jiena naqa' w inqum kemm naqla' perċentwal fuq il-bejgħ. Jiena ngħid li dan xorta waħda huwa serq li tiegħu wieħed






irid jagħti kont lil Alla. Ma ninsewx li biex wieħed jinħafirlu d-dnub tas-serq irid irodd lura! Kultant il-kunċett tas-suq ħieles jista' jkun ta' periklu għaċ-ċittadin żgħir.

Iżda l-etika fin-negozju m'għandhiex tiġi biss min-negozjant iżda wkoll mill-klijent. Kemm insibu nies li waqt li jkunu qegħdin jixtru minn ħanut jippruvaw jisirqu xi oġġetti u jitilqu l-barra mingħajr ma jħallsu għalihom. Issib ukoll każi fejn klijenti, avolja jkunu ħarġu sodisfatti bl-oġġett jew bis-servizz li jkunu ħadu xorta waħda jmorru jgergru konrta n-negozjant u jgħidu li huwa ħalliel jew inkella li pprova jagħtihom servizz ħażin. Kemm huma dawk il-klijenti li jekk tal-ħanut tahom bqija żbaljata li hi favur tagħhom ikunu rġiel jew nisa biżżejjed li jroddu lura dak li mhu huwiex tagħhom? Kultant issib min jgħid li jkun għamel hekk għax min jaf kemm in-negozjant ikun seraq lill-klijent qabel. Iżda jiena ngħid li l-ħażin ta' ħaddieħor ma huwiex sejjer jagħmel il-ħażin tiegħek tajjeb!

Jekk nibqgħu niflu u nidħlu fil-fond ta' dan is-suġġett jista' wieħed jikteb ktieb sħiħ bil-każijiet u sitwazzjonijiet differenti li jeżistu. Jiena nammira lil dawk il-ftit nies, li għad baqa', li l-kelma tagħhom kienet, għadha u tibqa' tiswa daqs kuntratt. Wara kollox jekk il-bniedem tneħħilu l-irġulija x'jibqa' fih? Id-dinja tal-lum sfortunatament tgħajjar lil min ikun raġel bħala ġifa. Iżda meta wieħed ikun onest, raġel jew mara ta' prinċipju u li l-etika fin-negozju ma jibdilha ma' xejn, ħadd u xejn qatt ma jista' jħammar wiċċ dik il-persuna.






KLIEM FIN-NUMRI

# Proġetti / Korsijiet Finanzjati mill-UE



## ... u Mistoqsija u Tweġiba fil-Parlament

23733. L-Onor. Anton Refalo *staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid liema huma l-proġetti, korsijiet ecc., li huma ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2004 - 2006 li għadhom ma tlestewx? X'sar s'issa fuq kull wieħed minnhom? X'jonqos isir? Meta għandhom jitlestew skond il-ftehim ta' finanzjament li sar ma' l-Unjoni Ewropea? Kemm kienet l-istima oriġinali fil-ftehim ta' finanzjament u x'se tkun l-ispiża finali?*

07/02/2007

Onor. Giovanna Debono: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija skond it-tabella li qed titpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 495
14/02/2007

| Priorità | Isem tal-Proġett | Status / x'baqa' xi jsir | Stima Oriġinali Lm | Spiża Mistennija Lm | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 | *Bini ta' Ċentru ta' l-Istudji turistiċi f'Għawdex* | Qed isir ix-xogħol ta' elettriċi u mekkaniċi kif ukoll xogħlijiet ta' ltestija. Dan il-proġett għandu jitlesta din is-sena. | 579, 290 | 674, 761 | Minħabba oġġezzjonijiet li għamlet il-kamra tal-periti sar tibdil sostanzjali fil-pjanti oriġinali li kkawża żieda fl-ispiża tal-proġett. |
| 4 | *Estensjoni taċ-Ċentru ta' l-arti u l-arteġġjanat u bini ta' Ċentru għall-Iżvilupp ta' l-arteġġjanat* | Ix-xogħlijiet waslu fil-fażi finali. Dan il-proġett għandu jitlesta din is-sena. | 335, 750 | 372, 465 | Fuq talba tal-MEPA sar tibdil sostanzjali fil-pjanti oriġinali li kkawża żieda fl-ispiża tal-proġett. |
| 4 | *Proġett ta' titjib tat-triq San Lawrenz / Rabat* | Tlestew ix-xogħlijiet fuq l-ewwel 2km. Qed isir xogħol fuq it-tieni fażi. Il-proġett għandu jitlesta din is-sena. | 2,052, 533 | 2, 454, 089 | Iż-żieda fl-ispejjeż ta' dan il-proġett kienet ikkawżata mill-fatt li f'dik it-triq instab tip ta' tafal partikolari li kien jitlob li jinbidel id-disinn tal-bini tat-triq. L-Ispiża mistennija ma tinkludix spejjeż fuq xogħol relatat ma' din it-triq u xogħlijiet relatati ma' servizzi. |
| 4 | *Skemi u korsijiet mill-ETC Għawdex* | Il-korsijiet ta' taħriġ spiċċaw fl-2006. L-iskemi kollha barra dik tal-gradwati tlestew fl-2006, filwaqt li l-iskema tal-gradwati għandha tispiċċa f'Mejju 2007. | 127, 555 | 121, 034 | Id-differenza hija dovuta għal 'savings'. |
| 4 | *Korsijiet fis-snajja' għall-karrieri sostenibbli* | It-tieni sett ta' tnax-il kors beda f'Ottubru 2006 u għandu jispiċċa din is-sena. | 65, 811 | 68, 240 | Din iż-żieda ġejja minn 'savings' fuq komponenti ta' l-istess progett, kif ukoll proġetti oħra taħt l-istess miżura.Dawn il-flus ser jintefqu biex isiru aktar korsijiet tas-snajja' minħabba d-domanda qawwija li kien hemm għalihom. |
| 4 | *Korsijiet miċ-Ċentru ta' Għawdex ta' l-Università ta' Malta* | L-ewwel sett ta' erba' korsijiet ġie fi tmiemu f'Ġunju 2006. It-tieni sett ta' erba' korsijiet beda f'Ottubru 2006 u għandu jispiċċa din is-sena. | 47, 376 | 47, 376 |  |
| 2 | *Korsijiet sabiex tissaħħaħ l-employability tal-labour force f'Għawdex* | It-tender qed tiġi evalwata. Il-proġett għandu jitlesta din is-sena. | 42, 107 | 42, 107 | |
| 3 | *Akkwist ta' Faċilitajiet ta' Friżi* | L-offerti li ġew sottomessi ma kinux jilħqu l-kriterji mitluba u ma ġewx aċċettati. Għalhekk għandha terġa' toħroġ sejħa għall-offerti. Il-proġett għandu jitlesta din is-sena. | 55, 272 | 55, 272 | |

ATTWALITÀ

# Miżuri u Inizjattivi li kien ilu jinħass il-Bżonn Tagħhom



*Notamenti ta' Saviour Grech*

**Waqt żjara li l-Prim Ministru Lawrence Gonzi kien qed jagħmel f'Għawdex nhar is-Sibt, 24 ta' Frar 2007, ġew imħabbra sensiela ta' inizjattivi u inċentivi, li kif intqal fi stqarrija għall-istampa, għandhom l-għan ewlieni 'li jkompli jiġi żviluppat l-potenzjal ta' Għawdex'. Dawn il-miżuri tħabbru waqt żewġ konferenzi ta' l-aħbarijiet li ngħataw matul il-ġurnata msemmija. Fl-ewwel konferenza tħabbar li ġiet allokata s-somma ta' Lm 1,000,000 biex tintuża bħala inċentiv għat-tkattir ta' l-impjiegi u l-investiment f'Għawdex, waqt li fit-tieni konferenza ġie mħabbar li ġiet allokata s-somma ta' Lm 40,000 biex b'riżq is-settur turistiku f'Għawdex.**

Waqt l-ewwel konferenza stampa, li kienet indirizzata mill-Prim Ministru, mill-Ministru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informatika l-Onor. Dr. Austin Gatt, kif ukoll mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono, ġiet mħabbra dik li ssejħet 'Politika Industrijali għal Għawdex immirata biex jitkattar iktar ġid li jissarraf fil-ħolqien ta' aktar xogħol f'Għawdex. Fit-tieni konferenza stampa, li fiha flimkien mal-Prim Ministru u l-Ministri l-Onor. Giovanna Debono u l-Onor. Dr. Austin Gatt ingħaqad ukoll is-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Onor. Tonio Fenech, ġie spjegat li Lm 40,000 indirizzati lejn is-settur turistiku, se jintużaw biex jiġu organizzati attivitajiet li jattiraw viżitaturi lejn Għawdex bejn ix-xhur ta' Ottubru u Mejju.

### *L-inċentivi għat-tkattir ta' l-impiegi u l-investimenti*

Il-miljun lira allokati għat-tkattir ta'l-impiegi se jintużaw biex permezz tagħhom jinħolqu tliet skemi.

**L-ewwel skema** deskritta ***Għajnuna għall-operaturi żgħar fil-qasam tal-industrija tal-artiġanat*** hija mmirata għal operaturi żgħar *part-time* li jaħdmu fl-artiġġjani li jagħmlu qliegħ sa Lm5,000 fis-sena. Dawn l-operaturi ser ikunu eżentati mill-VAT. Fi stqarrija għall-istampa, intqal li dan ser ikun pass importanti biex jgħin lill-*retailers/ wholesalers* biex jinnegozjaw prodotti artiġanali ġenwini għawdxin.

**It-tieni skema** għandha l-iskop li tinċentiva l-impjieg ta' persuni meqjusa bħala ħaddiema żvantaġġjati. Permezz ta' din l-iskema l-*Malta Enterprise* ser tagħti flus lill-Korporazzjoni tal-Impiegi u t-Taħriġ (l-ETC) biex din minn naħa tagħha tallokahom lill-imprendituri Għawdxin. Taħt din l-iskema l-għotjiet ta' flus jistgħu jilħqu l-ogħla rati permessi mill-Unjoni Ewropeja. Dan ifisser li min jagħżel li jinvesti f'Għawdex ser ikun qed igawdi minn benefiċċji ogħla minn dawk applikabbli f'Malta. Permezz ta' dawn l-għotjiet ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati sa 50% tas-salarju għall-ewwel tnax-il xahar ta' kull impjegat ġdid.

**It-tielet skema** deskritta bħal ***għajnuna lill-intrapriżi biex jinvestu f'Għawdex*** hija indirizzata kumpaniji ibbażati f'Għawdex, u li huma eliġibbli għat-*tax credits* taħt il-*Business Promotion Act*. Permezz ta' din l-iskema it-*tax credits* applikabbli jkunu jistgħu jikkonvertu f'għotjiet finanzjarji. Il-*cash grants* ser ilaħħqu sa Lm2,500 fis-sena għal kull impjieg *full-time* ġdid li jiġi maħluq.

Waqt il-konferenza stampa, il-Ministru Austin Gatt fakkar li l-inċentivi mħabbra huma b'żieda għall-inċentivi li igawdu minnhom l-impriżi kollha f'Malta u f'Għawdex. Il-Ministru Gatt ġie kkwotat li qal ukoll li fejn jidħol investiment barrani kbir dan hu moqdi bil-*Business Promotion Act*, filwaqt li dawn l-inċentivi ġodda huma maħsuba primarjament għall-imprendituri li tassew jemmnu f'Għawdex, jiġifieri l-imprendituri Għawdxin li b'inizjattivi żgħar joħolqu xogħol u ġid għall-komunità tagħhom.

### *L-inizjattivi b'risq it-turiżmu*

L-inizjattivi mħabbra, fir-rigward tas-settur turistiku huma: l-allokazzjoni ta' Lm 40,000 għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet f'Għawdex matul l-istaġuni hekk imsejħa *low season* u s-*shoulder period*; u t-tieni, il-pubblikazzjoni ta' rivista ***Let's Go Gozo*** u li diġa bdiet titqassam fid-djar f'diversi lokalitajiet f'Malta. L-ispejjeż konnessi mal-istampar u t-tqassim ta' din ir-rivista qed jiġu ffinanzjati mill-*Gozo Channel*, il-Ministeru għal Għawdex u l-Awtorità tat-Turiżmu Maltija (l-MTA). L-esperjenza uriet li meta





*Tabella 1: Numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol l-ewwel parti tar-reġistru*

| Sena | Għawdex | Malta | Total | Persentaġġ |
|---|---|---|---|---|
| 2000 | **437** | 6453 | 6890 | **6.8** |
| 2001 | **410** | 5967 | 6377 | **6.9** |
| 2002 | **467** | 6412 | 6879 | **7.3** |
| 2003 | **551** | 6583 | 7134 | **8.4** |
| 2004 | **599** | 6942 | 7541 | **8.6** |
| 2005 | **616** | 6103 | 6719 | **10.1** |
| 2006 | **662** | 6036 | 6698 | **11.0** |
| **Medja** | | | | |
| Diċ-06 | **706** | 5740 | 6446 | **12.2** |
| Jan-07 | **703** | 5774 | 6477 | **12.3** |

jiġu organizzati attivitajiet ta' livell f'Għawdex dawn jattiraw lil residenti Maltin kif ukoll turisti biex jaqsmu lejn Għawdex. Wieħed jawgura li permezz ta' dawn iż-żewġ miżuri s-settur jingħata nifs ġdid lis-Settur Turistiku f'Għawdex, li f'dawn l-aħħar snin ma tantx kien għaddej minn żmien feliċi.

### *Sitwazzjoni ekonomika li kienet sejra għall-agħar*

**L-aħbar li se jittieħdu inizjattivi ġodda biex jiġi stimulat l-iżvilupp ekonomiku t'Għawdex żgur li ferrħet lil kull min jgħix f'Għawdex u lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-iżvilupp t'Għawdex. Kien ilu jinħass il-bżonn li tittieħed xi forma ta' azzjoni. Kien ilu jinħass il-bżonn ta' miżuri bħal dawn. Diversi kitbiet fil-ġurnali kien ilhom idoqqu l-allarm tas-sitwazzjoni f'Għawdex. In-nies fil-ħwienet u fil-pjazez kien ilhom jgħidu li l-affarijiet f'Għawdex m'humiex sejrin sew u li hemm bżonn issir xi ħaġa biex l-affarijiet ma jibqgħux sejrin għall-agħar. It-twaqqiegħ ta' lukanda wara l-oħra, biex minflokom jinbnew appartamenti, kien evidenza biżżejjed li s-settur turistiku f'Għawdex kien qiegħed fil-periklu. Kien għadda wisq żmien minn meta tħabbret li fetħet xi intrapriża ġdida f'Għawdex. Saħansitra l-istatistika uffiċjali kienet ilha turi li qed isir iktar diffiċli li wieħed isib jaħdem f'Għawdex, u li r-rota ta'l-iżvilupp ekonomiku t'Għawdex qed iddur dejjem iktar bil-mod u qed taqta' iktar lura minn dik ta' Malta.**

Figuri mħabbra mill-Uffiċċju Nazzjonali ta'l-Istatistika (l-NSO) kienu ilhom jindikaw li l-impiegi f'Għawdex qed jonqsu waqt li juru li l-qagħad qiegħed jiżdied. U dan f'perjodu meta f'Malta l-impiegi kienu qed jiżdiedu u l-qgħad kien qiegħed jonqos. Harsa lejn il-figuri ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol, f'dik li hija msejħa l-ewwel parti tar-reġistru, u li ġiet ippublikati mill-NSO turi dan b'mod ċar. (Ara Tabella 1). Filwaqt li l-medja ta' nies jirreġistraw għax-xogħol f'Malta matul is-sena 2000 kienet ta' 6453 persuna, f'Jannar ta' din is-sena din il-figura niżlet għal 5774 - tnaqqis ta' 679. Minn naħa l-oħra, l-medja ta' nies jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex minn 437 fis-sena 2000, telgħet għal 703 f'Jannar 2007 - żieda ta' 266. Barra minhekk, meta jiġi mqabbel in-numru ta' persuni f'Għawdex li qed jirreġistraw għax-xogħol (it-tieni kolonna) man-numru totali ta' nies li qed jirreġistraw għax-xogħol f'Malta u Għawdex flimkien (l-aħħar kolonna) is-sitwazzjoni tidher iktar kerha. Fis-sena 2000, in-numru ta' nies f'Għawdex li qed jirreġistraw għax kien jirrappreżenta 6.8 fil-mija tat-total kollu ta' persuni fil-pajjiż kollu li qed jirreġistraw għax-xogħol. Meta tqabbel il-figuri tal-2007, l-ammont ta' nies li qed jirreġistraw f'Għawdex jirrappreżenta 12.2 fil-mija tat-total ta' nies f'Malta u Għawdex li qed jirreġistra għax-xogħol. Kważi qabża perċentwali ta' mija fil-mija.

Statistika oħra f'diversi oqsma ta'l-ekonomija turi stampa simili ta' stallar ta' l-ekonomija f'Għawdex.

L-istatistika uffiċċjali mhux talli turi ż-żieda msemmija fin-numru ta' persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol, iżda turi ukoll xejra ta' tnaqqis fin-numru ta' nies totali li huma *gainfully occupied* (total ta' persuni li qegħdin f'xi forma ta' impieg sew għal rashom jew impjegati mal-gvern jew mas-settur privat) f'Għawdex (Tabella 2) . Din is-sitwazzjoni tintwera ukoll fis-settur ta' persuni mpjegati fis-settur privat. Dan waqt li l-istess statistika turi żieda fin-numru totali ta' persuni f'Malta li huma *gainfully occupied*, jew impjegati fis-settur privat (Tabella 3).

*Tabella 2. Numru ta' persuni "gainfully occupied"*

| Sena | Għawdex | Malta | Total |
|---|---|---|---|
| 2000 | 10,057 | 135,146 | 145,203 |
| 2001 | 10,6047 | 135,540 | 145,587 |
| 2002 | 9,856 | 138,837 | 148,403 |

*Tabella 3. Numru ta' persuni f'impieg mas-settur privat*

| Sena | Għawdex | Malta | Total |
|---|---|---|---|
| 2000 | 5,934 | 89,333 | 95,267 |
| 2001 | 4,998 | 92,105 | 97,103 |
| 2002 | 4,783 | 92,433 | 97,216 |

### *Sitwazzjoni li għandha tibqa' tingħata l-attenzjoni kontinwa*

Meta dan id-deterjorament kien daqshekk magħruf, huwa misteru kif ittieħed dan iż-żmien kollu biex jiġu mħabbra xi forma ta' miżuri korrettivi u speċifiċi biex jilqgħu għad-diffikultjiet li jidher b'mod ċar li Għawdex qed iħabbat wiċċu magħhom.

**Wieħed għalhekk jawgura li issa, li tħabbru l-miżuri ġodda dawn ikollhom l-effett li jdawwru r-rotta ta' l-affarijiet biex forsi s-sitwazzjoni ekonomika t'Għawdex ma tibqax teħżien. Għal quddiem wieħed jittama li s-sitwazzjoni t'Għawdex tinżamm taħt l-attenzjoni kontinwa tal-Gvern u ma noqogħdux nistennew li jasal xi kontest elettorali ieħor biex isir dak li għandu jsir.** Miżuri ta' emerġenza fir-rigward t'Għawdex ma għandhomx jittieħdu biss u għaliex, kif intqal: ir-riżultati ekonomiċi qed juru li l-ekonomija f'Malta sejra tajjeb u għalhekk hemm xi ħaġa żejda x'titqassam. Qisu xi forma ta' karità.

**Jekk verament nemmnu dak li ngħidu, li Għawdex għandu jingħata għajnuna biex tagħmel tajjeb għad-diffikultà ta' insularità doppja, ma għandniex noqogħdu nistennew l-affarijiet jaggravaw qabel tittieħed azzjoni. Jekk irridu li Għawdex iżomm il-kolp, hemm bżonn li dak li għandu jsir, isir fil-ħin.**




***Eżortazzjoni dwar l-Ewkaristija***

Ħarġet l-Eżortazzjoni Appostolika postsinodali *Sacramentum Caritatis* (Is-Sagrament ta' l-Imħabba), tal-Papa Benedittu XVI, li ġġib id-data 22 ta' Frar 2007, mibnija fuq l-għana ta' riflessjonijiet u proposti li ħarġu mill-Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet fuq l-Ewkaristija, li sar fl-2005. Id-dokument ta' Benedittu XVI hi pass ġdid lejn il-maturazzjoni tar-riforma liturġika u fl-istess ħin hija sinjal ġdid tal-kontinwità mal-pontifikat tal-Qaddej t'Alla, Ġwanni Pawlu II. In-novità l-kbira ta' din l-Eżortazzjoni hi r-riflessjoni li l-Knisja, miġbura fis-Sinodu ta' l-Isqfijiet (2005), għamlet fuq is-sagrament tal-karità li hu l-Ewkaristija. Il-Papa jitlob – u din hi novità kbira – koerenza sħiħa ewkaristika. In-numru 83 kollu kemm hu jinsisti fuq il-fatt li l-Ewkaristija teżiġi koerenza interna da parti ta' l-azzjonijiet tagħna.

***Ktieb ġdid tal-Papa***

Il-Ġimgħa, 13 ta' April għandu jiġi ppreżentat fil-Vatikan il-ktieb "Ġesu ta' Nazaret" miktub minn Joseph Ratzinger-Benedittu XVI. Il-Kardinal Ratzinger beda l-ktieb fil-vaganzi tal-2003. Wara li ntagħżel Papa, hu approfitta minn kull mument liberu biex ikompli din l-opra. Fil-prefazzjoni, jikteb li din l-opra "m'hijiex assolutament att maġisterjali, imma unikament espressjoni tar-riċerka personali tiegħi tal-wiċċ tal-Mulej. Għalhekk kulħadd hu liberu li jikkontradixxini". Hu fisser li ladarba ma jafx kemm żmien u saħħa għad ikollu fil-futur, allura qatagħha li jippubblika bħala l-ewwel parti tal-ktieb l-ewwel għaxar kapitli, li jmorru mill-magħmudija fil-Ġordan għall-istqarrija ta' Pietru u għat-Trasfigurazzjoni.

***Kors fuq il-Bibbja lill-Ħabsin***

Dismas Ministry, *outreach program* nazzjonali bbażat f'Milwaukee, beda jqassam kors ta' korrispondenza dwar studju tal-Bibbja bl-Ispanjol lill-priġunieri. Il-kors jismu "*Dios con Nosotros*" u hu l-verżjoni Spanjola tal-kors ta' Studju tal-Bibbja "*God With Us*", iddisinjat għall-ħabsin. Il-kors kollu kellhom jieħdu ħsiebu tim ta' voluntieri ta' Dismas minn Cristo Rey, parroċċa Ħispanika f'Racine, Wis., li hi parti mill-Arċidjoċesi ta' Milwaukee. L-għan tal-kors hu li japprofondixxi l-għarfien dwar l-istorja, l-isfond u l-kontenut tal-Bibbja. Dismas bdiet fl-2000 u offriet programmi għall-ħabsin kattoliċi f'29 Stat.

***Ċerti "drittijiet" tal-omosesswali fil-Parlament Taljan***

Li tissapportja liġijiet li jagħtu drittijiet legali lil koppji *gay* jew koppji eterosesswali li m'humiex miżżewġin hija pożizzjoni li m'hijiex konsistenti mal-fidi kattolika, qalu membri tal-kunsill permanenti tal-Konferenza Taljana ta' l-Isqfijiet. In-nisrani hu obbligat li jifforma l-kuxjenza tiegħu skond it-tagħlim tal-Knisja Kattolika, qalu l-isqfijiet f'dikjarazzjoni maħruġa fit-28 ta' Marzu hekk kif politiċi taljani komplew jiddibattu proposti leġiżlattivi li jirrikonoxxu unjonijiet iffurmati minn koppji mhux miżżewġin, inklużi omosesswali. Id-dikjarazzjoni ta' l-isqfijiet ikkwotat dak li qalet il-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi fuq "Is-Sehem tal-Kattoliċi fil Ħajja Politika". Skond id dokument tal-Vatikan, iffirmat mill-futur Papa Benedittu XVI, il-politiċi nsara ma jistgħux jappellaw għall-prinċipju tal-pluraliżmu jew għall-awtonomija ta' l-involviment lajk fil-ħajja politika biex jissapportjaw *policies* li jaffettwaw il-ġid komuni li jikkompromettu jew imorru kontra rekwiżiti fundamentali etiċi.

***Reliġjuża tmut f'inċendju biex issalva l-morda ta' l-Aids***

F'dak li l-istampa lokali ddeskriviet bħala att ta' martirju, soru ta' 35 sena li kienet taħdem f'dar għall-morda bl-*Aids* fl-Afrika t'Isfel mietet hi u tfittex li ssalva l-pazjenti minn ħruq li seħħ. Suor Anne Thole kienet taħdem għall-missjoni tal-Knisja Kattolika ta' Maria Ratschitz, barra Dundee, fejn kienet tokkupa ruħha mill-morda bl-*Aids*. Il-ħruq seħħ f'binja bis-saqaf mgħotti bit-tiben, apparentement ipprovokat minn sigarett ta' pazjent. Tliet persuni mietu qalb il-fjammi flimkien ma' Suor Anne.

KOTBA

Minn Għawdex

# "L-GĦANJA TAĊ-ĊINJU"

## Ktieb ġdid tal-poeżija ta' Dun Ġorġ Mercieca

Dan huwa l-isem ta' l-aħħar ktieb tal-poeżija li tana l-poeta Għawdxi Dun Ġorġ Merċieca. Fih huwa qed jiġbor xi ftit mill-poeżiji li huwa kiteb mal-medda tas-snin. Prof. Joe Friġġieri għamel id-daħla tal-ktieb li huwa mitbugħ b'mod tassew pulit u tipa ċara għand il-BCD tal-Belt Victoria.

Il-pubblikazzjoni tiftaħ bi ftit poeżiji dwar in-*Natura* li hi tant għal qalb il-poeta. Hekk hu xi jgħid meta darba kiteb fuq *'L-Għolja ta' Gelmus'*:

**"Nilmaħ mas-sebħ lin-naħla bieżla bieżla**
**ħierġa bħal xi sinjura biex fuq fjur**
**jum sħiħ mill-ħajja tgħaddi mbagħ'd kif nieżla**
**ix-xemx tidher fil-bogħ'd, lejn darha ddur.**

**Jinsa kulħadd il-għawġ, għax mal-mistrieħ**
**isaltan sagħtar hawn, leħjet ix-xiħ."**

Fit-tieni taqsima tal-ktieb Dun Gorġ Mercieca jagħtina poeżiji dwar Art Twelidu, fosthom *'Il-Bandiera Maltija'*, *'Lil din l-Art ħelwa l-omm li tatna Isimha'*, u oħrajn.

Dun Gorġ jiddedika taqsima oħra msejħa *'Ħbiberija u Mħabba'*. Hawnhekk niltaqgħu ma' poeżiji li juru l-kuntatt tiegħu ma' ħbieb u postijiet li daħlu fil-ħajja tiegħu. Il-poeta jiddedika l-ktieb tiegħu lil Ommu Maddalen, li f'paġna 61, jgħidilha hekk:

**"Kont mara fuq in-nisa, ġmiel id-dinja!**
**Kont mara li taf tħobb u ħabbejt sħiħ!**
**Għaddejna l-isbaħ jiem u snin ferħana!**
**Illum qiegħda hemm tistrieħ wara t-taħbit!**
**Il-ward m'għandikx x'tambih jidbiel u jmur...**
**Kif kriehet is-sbuħija minn fuq wiċċek!**
**L-irħama daħk fil-wiċċ, tgħatti l-irmied!**
**Illum ma teħtieġ xejn ħlief xi talbiet!**
**Għax int fejn il-Mulej, li hekk ħabbejt,**
**Ilum qiegħda hemm tistrieħ, tinsab fil-kwiet**
**Għall-għana ta' l-għasafar li jferrħuk**
**Għad-dell tal-kurċifiss u tas-siġriet."**

L-aħħar sebgħa u għoxrin poeżija f'dan il-ktieb jaqgħu taħt l-isem *"Twemmin – festi u ferħ"*, u hawnhekk naraw tispikka l-imħabba kbira tal-poeta lejn il-Madonna u lejn il-festa tat-Tlugħ is-Sema tagħha. Kull min jaf lil Dun Ġorġ, bla dubju jinduna li f'kitbietu ma jsibx għajr tifħir lil din l-isbaħ krejatura, mimlija bil-grazzja u Omm il-Feddej. Isimgħuh ikellimha f'parti minn dan is-sunett li ġej:

**"X'jiswew l-istilel jiddu kollha dija**
**għalfejn wiċċek leqqien, surtek bajdana?**
**X'inhu tas-sema blu tal-gżira Għawdxija**
**għalfejn għajnejk ħelwin, ġawhriet kaħlana?**

**Snin ilu hawn fuq tlajt, sbejħa Marija,**
**f'dal-Maqdes kbir, għażiż tal-gżira tagħna,**




**Għalik waqgħu ħitan, is-swar żonqrija**
**u hawn ġo darek dħalt biex tibqa' magħna."**

Il-festi wkoll huma għal qalbu u f'għeluq il-1700 sena mill-mewt ta' San Ġorġ, hekk mar itemmlu s-sunett li kiteb għall-okkażjoni:

**"Ħa jifirħu l-għoljiet ta' dil-gżira**
**B'Ġorġi qawwi, rebbieħ fuq dragun,**
**U fuq fommna, minn ruħna għajta kbira,**
**'Viva Ġorġi', din l-għajta trid tkun!**

**San Ġorġ jibqa' bħal Kristu rebbieħ,**
**żagħżugħ mimli bid-dija, sabiħ."**

Biex intemm din ir-reċensjoni qasira, ħa nikkwota x'kien qal Erin Serracino Inglott meta kkummenta fuq il-poeżija ta' Dun Ġorġ Mercieca.

*'F'dawn il-ftit paġni, Ġorġ Mercieca tana silta minn dak li ħass bħala poeta fuq ħaġa u fuq oħra , silta mill-aktar imżewqa li, f'waqt minnhom, iġġorna b'nifisna maqtugħ mid-dlam ikexkex tat-Torri ta' Londra għall-ġmiel imdawwal u kenni tax-Xlendi, u fl-aħħar twassalna, fuq kollox, għal dawk il-versi ta' l-għeluq li l-poeta sejjaħ "Ħajr". Il-versi tiegħu nfirxu bħal balzmu fuq il-ġrieħi ta' xjuħiti, u nħosshom tawni nifs ġdid ta' ħajja, xhin tnehidt u għidt għalihom, "ftit u tajjeb"'.*

Veru li forsi l-Poeżija ftit timxi, iżda nemmen li dal-ktieb jieħu gost bih kulħadd, iktar u iktar meta ssib li dan hu xogħol b'differenza. Meta tqalleb il-paġni tiegħu, tiltaqa' ukoll ma' għadd ta' stampi ħelwin marbuta mas-suġġett ta' ħafna mill-poeżiji. Nirrikkmandah! Jista' jinkiseb minn għand l-awtur/poeta nnifsu li joqgħod fir-Rabat, Għawdex.

*Kav. Joe M. Attard*

TIEQA FUQ L-AMBJENT

# BIEX GĦAWDEX JIBQA' JĦADDAR

*minn **Lino Bugeja***
*(President - Ramblers Association)*

Lilna l-Maltin Għawdex joffrilna *escape route,* speċi ta' *safety valve* kull darba li nkunu għajjiena mentalment, taħt pressjoni, jew irridu bidla fil-ħajja mgħaġġla ta' kuljum. Għawdex għalhekk huwa speċi ta' terapija, balzmu fejjiedi li jserraħ il-moħħ u jsaħħaħ il-ġisem.

Mhux ta' b'xejn li kważi l-ordnijiet reliġjużi kollha li nsibu f'Malta għandhom il-kunvent tagħhom Għawdex. Wara kollox il-ħajja Għawdxija kienet toffri l-ambjent perfett għal spiritwalità 'l bogħod mill-ħsejjes u l-geġwiġija ta' l-ibliet.

**Kwalità ta' Ħajja Aħjar**

Sinċerament, ma rridx li niġi nterpretat ta' paternalistiku, jew li rrid niddetta x'għandu jsir, jew li jien kontra l-progress. Xejn minn dan. Għalija l-kwalità ta' ħajja Għawdxija li kienet tiġbidni fi tfuliti ġo l-ħelu Munxar, f'żgħożiti bħala kap ta' l-iskola fir-raħal ħiemed ta' l-Għasri u aktar tard fil-Qala, għadha sal-lum, fl-għabex ta' ħajti, tiġbidni bla heda lejn il-gżira tat-tliet għoljiet. Biżżejjed ngħidilkom li barra ż-żjarat ta' spiss, kull sena niġi Għawdex f'għeluq snini fi Frar biex nitla' l-għolja Ta' Dbieġi, meqjusa bħala l-aktar post għoli f'Għawdex. Nistqarr magħkom li din is-sena batejt ftit, ħassejtha aktar għolja. Imma xi sbuħija ta' panorama, x'leġġendi jidwu madwarek. Bla dubju Għawdex għad għandu s-seħer maġiku tiegħu. Is-sena l-oħra għaddejt lejl sħiħ sajfi fil-beraħ tar-Ramla l-Ħamra u x'kalejdoskopju ta' ħsibijiet għaddew minn moħħi... hawn kien il-post magħżul minn Omeru, missier il-letteratura Ewropeja, fejn in-ninfa Calypso kienet titlajjeb ma' Ulisse... u fejn il-kittieb f'deskrizzjoni tal-Għar jgħidilna "liema alla li jkun għaddej minn hawn ma jiqafx biex jara sbuħija bħal din". Ir-Ramla l-Ħamra setgħet kienet il-post ta' l-ewwel Ordni Monastika li ġiet f'dawn il-gżejjer fis-snin bikrin tal-Knisja, jiġifieri fis-sena 439 AD meta l-Agostinjani ħarbu mill-Alġerija u waqqfu knisja ddedikata lill-Madonna taħt it-titlu ta' Gaudiorum. Infatti fix-Xagħra fuq in-naħa tar-Ramla għadu magħruf sal-lum bħala "Ta' Gajdoru". Fuq din il-bajja biss tista' tikteb volumi sħaħ.



Ikun hawn min jgħidlek: "Ħija, inti iffissat. Int romantiku żżejjed." Imma din is-sena stess kelli okkażjoni nitkellem fit-tul ma' xi *ramblers* Maltin u barranin li sena wara oħra jiġu *week-end* magħna, fejn nimlew *hotel* sħiħ wara biss ġurnata li noħorġu l-avviż. Mingħajr eżżezzjoni, kollha jgħidu li Għawdex għad għandu seħer uniku. Iżda rridu noqogħdu attenti biex l-ambjent naturali ma nirvinawhx; li l-karatteristiċi li jgawdi Għawdex u n-nies tiegħu jibqgħu bla mittiefsa.

**Il-Ħajja Għawdxija**

Immankabbilment kif nasal Għawdex irrid immur ir-Rabat għall-kafè u żewġ qassatat tal-ġbejniet li "fid-dinja kollha ma ssibx bħalhom". Imbagħad nitlajja' mat-toroq dojoq... ħallini ndur fil-labrint ta' sqaqien tal-Mandraġġ bl-art tleqq xummiema, isqini "farka" nbid fil-wesgħa taċ-Ċittadella partikolarment f'xi lejla sajfija fejn tidwi l-poeżija. X'ferħ ġenwin inħoss meta l-Kav.Pawlu Camilleri Cauchi jistedinni fil-*bottega* tiegħu u nagħmlu sigħat niddiskutu b'nostalġija għaż-żgħożija. Emmnuni għadni nitpaxxa bis-seħer ta' l-Għarb u l-leġġendi tiegħu. Għalija l-Misraħ

tal-Knisja b'dik il-faċċata barokka li twissik: "Ibni Ibża' għaż-Żmien", b'dak is-salib karatteristiku viċin il-Mużew interessanti tal-Folklor, bit-teżori tal-knisja fosthom il-fonti tal-magħruf skultur Sqalli Cagini... dawn huma l-karatteristiċi li Għawdex għandu jgħożż b'imħabba tal-ġenn.

Inħoss li din ir-Rivista għandha wkoll impenn nisrani u għalhekk nixtieq nemfasizza l-importanza li l-bniedem joħroġ u jimraħ fil-kampanja vera , 'il bogħod mill-ħsejjes u l-artifiċjalità li niffaċċjaw ta' kuljum. Kemm kienu aktar viċin in-natura misserijietna! Analizzaw il-kelma "qawsalla"; filwaqt li l-Ingliżi dan il-fenomenu jsejħulu *rainbow* (il-qaws tax-xita) u l-Franċiżi *arc-en-ciel* (qaws fis-sema), aħna ngħidu "il-qaws t'Alla". Waħda mill-poeżiji l-aktar li mpressjonatni f'żgħożiti kienet "Alla Mhux Hekk" ta' Dun Karm. In-nies tistgħaġeb bis-sbuħija ta' nżul ix-xemx fuq tila u qajl tinduna li "Alla mhux hekk... mija jagħmel minn dawn u mija jħassar". Forsi għalhekk niskanta jien, meta fil-mixjiet żgħar tas-sajf nara biss turisti sejrin lejn Ras il-Wardija, biex jaraw nżul ix-xemx, mument maġiku fir-ritmu tal-ħajja... Ritmu li aħna l-Maltin ma nħossuhx.

Fl-Iskrittura, il-beraħ tal-kampanja kien il-post fejn saru l-akbar għeġubijiet. Kristu stess kien jerħilha lejn il-wesgħat ħiemda biex jitlob. Kien



fuq muntanja meta lissen il-beatitudni. Wara l-konversjoni tiegħu San Pawl mar jinħeba fid-desert biex jissoda l-fidi (Gal.1: 15-18). San Franġisk eżalta s-sbuħija naturali fl-ogħla livell. Għalhekk il-Knisja għamlet il-ħarsien ta' l-ambjent naturali bħala mpenn ħaj tagħna wkoll.




SMUGGLER'S CAVE
BAR ® RESTAURANT ® PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

**FI ŻMIEN IL-GĦID** *Riflessjonijiet ta'* **Mons. Lawrenz Sciberras**

# IL-ĠRAJJA TA' GĦEMMAWS U JUM IL-MULEJ

Wieħed mill-episodji qawwijin marbut sħiħ mal-qawmien ta' Ġesù hija l-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws. Din l-istorja jiktibha Luqa waħdu, pero' jiddedika għaliha tlieta u għoxrin vers. Immaġina x'dettalji hemm moħbija f'dan ir-rakkont! Din il-ġrajja ta' Għemmaws li twettqet nhar jum il-qawmien matul il-għasar, tiġbor fiha bosta tagħlim. Il-Kardinal Martini jaqsam dan ir-rakkont f'erba taqsimiet: hu jsejħilhom ministeri. In-nisrani veru għandu bżonn japprezza aktar u aktar Jum il-Mulej. Naraw.

**Il-ministeru tal-Kojnonija jew akkoljenza (Lq 24, 13-24)**
Il-kelma kojnonija tfisser tixxierek, tingħaqad ma' xi ħadd, turi interess u solidarjetà, ma' u fi sħabek. Turi bil-fatti li inti mhux bniedem passiv, ma jimpurtak u ma jinteressak minn ħadd u minn xejn. Ġesù jgħallimna din il-ħaġa tassew u bil-fatti f'dan ir-rakkont. Luqa jikteb: "Ġesù **NNIFSU resaq lejhom** u baqa' miexi magħhom" (24,25). Ġesù wera tassew interess fil-ħajja ta' dawn iż-żewġ dixxipli. Anzi għamel it-tieni pass; beda huwa stess l-konverżazzjoni. Kisser is-silġ. "X'intom **tgħidu bejnietkom intom u miexja**? (24,17). Ġesù daħal personalment fil-problemi iebsa u l-ħsibijiet tqal ta' ħajjet id-dixxipli ta' Għemmaws.

Iż-żewġ dixxipli fil-pront weġbuh. Kienu jafu sew il-kredu tagħhom bl-amment, tant li tawh it-tweġiba. "Kien profeta, mela għalliem; il-qassisin il-kbar tagħna tawh il-mewt tas-salib; konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael. Ġa



għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja!" Issa dawn iż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws u li wieħed minnhom jismu Kleofa wieġbu preċiż! Dawk kienu l-fatti tal-ġranet ta' qabel.

Bosta drabi hekk ukoll jiġri mill-insara u anke mill-qassisin. Iqaddsu jum il-Mulej **b'mod formali wisq**. Drawwa ta' quddiesa u talb bl-amment, għaġġel għaliex ħierġa quddiesa oħra, mingħajr pero' ebda riflessjoni serja. Miskin int jekk ifettillek iddum xi ftit aktar. Sewwa pero' li niftakru fi kliem Nehemija: "Qaddis hu dan il-jum quddiem il-Mulej tagħna. La titnehdux, u la tibkux. Għax dan hu jum qaddis quddiem Sidna: la ssewdux qalbkom. Għax ferħ il-Mulej hu l-qawwa tagħna" (8,9-10). L-akkoljenza tidher ukoll fi kliem San Pawl: "Għalhekk ilqgħu 'l xulxin, bħalma Kristu wkoll laqagħkom għall-glorja ta' Alla" (Rum 15,7).

**Il-ministeru tal-Kelma (Lq 24, 25-29)**
Għal dawk it-tweġibiet formali tad-dixxipli ta' Għemmaws Ġesù jqum waħda sew fuq tiegħu u kellimhom iebes, tant li uża żewġ termini tassew iebsin: "Kemm intom **BOLOĦ u TQAL** biex temmnu!? U beda jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu". Issa fl-Iskrittura min huwa l-iblaħ? L-iblaħ huwa nieqes mid-dixxiplina fuqu nnifsu. Mhux kapaċi jikkontrolla lilu nnifsu. Prużuntuż, ma jaħsibhiex tnejn. "Alla ma jeħux pjaċir bil-boloħ" (Koħ 5,3). Ara x'jasal biex jgħid il-Proverbji. "Bħal kelb li jerġa jiekol dak li jaqla', hekk l-iblah li jtenni bluhatu" (Prov 26,11). "L-iblah jgħid f'qalbu, ma hemmx Alla". (Prov 14,1)

Ġesù kompla iżid: **U tqal**; il-grieg għandu wkoll *te kardia*, jiġifieri f'qalbkom. Id-dixxipli kienu nies ma jemmnux, jafu iva l-formola bl-amment u ma jħarsux dak li hemm fil-kotba ta' Mose' u tal-profeti. L-Iskrittura hija midmuma minn 72 ktieb, pero' bejniethom jiffurmaw ktieb wieħed. Huwa ktieb qaddis, għaliex miktub bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu. Issa Ġesù qed jikkonferma li dak kollu li nkiteb f'dawn il-paġni kollox seħħ FIH. Mela jekk id-dixxipli ta' Għemmaws ma jemmnux anqas ma jemmnu f'Ġesù.

Kull nhar ta' Ħadd, jum il-Mulej, n-nisrani jiddisponi ruħu biex jisma' l-Kelma t'Alla. Magħha hemm imsieħeb it-*targum*, l-ispjegazzjoni. Mela l-omelija. Waqt dawn il-mumenti, n-nisrani għandu jieħu atteġġjament, lest biex jisma' u jagħmel tiegħu l-messaġġ li jkun irid jasallu f'dik l-okkażjoni. Il-Kelma t'Alla ma teqdiemx, tgħodd għal kulħadd, u kull żmien. **Tħallilek f'qalbek is-serħan, u l-paċi**. Id-difett ikun ġej mhux le minn naħa tal-Kelma Spirata, daqskemm mid-dispożizzjoni ta' min jismagħha. Għalhekk huwa meħtieġ ħafna l-mistrieħ ta' Jum il-Mulej.

**Il-ministeru ta' l-Ewkaristija (Lq 24,30-32)**
Fuq l-insistenza qawwija u ħierġa mill-qalb ta' dawk id-dixxipli, Ġesù daħal id-dar. "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm". Kemm hija stedina sabiħa lil Ġesù! Huwa aċċettaha, tant li daħal magħhom u qagħad madwar il-mejda biex





jieklu bukkun flimkien. Iżda waqt l-ikla, Ġesù għamel erba' azzjonijiet li magħqudin flimkien, il-konklużjoni hija li dan Ġesù ċċelebra l-Ewkaristija magħhom. Dawn l-erba' azzjonijiet huma: (1) qabad il-ħobż, (2) qal il-barka, *euxaristesas*, (3) qasmu, (4) tahulhom (Lq 24, 30). Dawn l-erba' espressjonijiet niltaqgħu magħhom ukoll kull fejn fit-T.Ġ. saret iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. Mela (1) fit-twaqqif ta' l-Ewkaristija propju nhar Ħamis ix-Xirka (Lq 22,19). Dan għamlu Ġesù. (2) Fit-tagħlim ta' San Pawl lil Korintin (I Kor 11,23-24), (3) Meta Pawlu kien fi Troas fl-ewwel jum tal-ġimgħa qasmu l-ħobż (Atti 20,7-11) (4) fuq il-baħar Mediterran qrib Malta (Atti 27,35).

U x'kien l-ewwel effett ta' din l-Ewkaristija fid-dar hemm f'Għemmaws? **"Infetħulhom għajnejhom u għarfuh"** (Lq 24,31). Interessanti kif ftit versi qabel, l-istess Luqa jikteb li għalkemm Ġesù nnifsu resaq fuqhom, mexa magħhom u kellimhom "ma setgħux jagħrfuh" (24, 16). Issa dan il-"barrani" iċċelebra l-Ewkaristija u ġara totalment l-oppost. L-espressjoni biblika "infetħulhom għajnejhom u għarfuh" tfisser wisq aktar mill-kliem li fiha. Id-dubji kollha li kellhom qabel, id-dlam u d-dellijiet li ħarġu matul jiem il-passjoni u l-mewt, il-qtigħ ta' qalb li għaddew minnu matul it-tlitt ijiem li għaddew minn mewtu, issa f'daqqa waħda għab kollox u għarfu kollox ma' min kienu qegħdin. U dan ġara minħabba l-Ewkaristija ċċelebrata fid-dar tad-dixxipli.

Issa Jum il-Mulej li għalina l-insara jagħżilna u jagħmilna tassew segwaċi ta' dak li qam mill-imwiet nhar l-ewwel jum tal-ġimgħa, għandu jkun mħares minn tant tfixkil u taħbit żejjed. Fuq kollox iċ-ċentru ta' dan il-Jum għandha tkun l-Ewkaristija kif għamel Ġesù mad-dixxipli ta' Għemmaws. Il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-enċiklika "Il-Knisja Tgħix bl-Ewkaristija" jgħid li l-Ewkaristija għandha tkun iċċelebrata (a) b'mod dinjituż, (b) b'mod attent, (c) u b'mod ta' devozzjoni. Min iwarrab l-Ewkaristija f'dan il-jum ikun qed jitlef kull kuntatt mal-Mulej. X'ħasra! X'għamad għad għandna fuq għajnejna! Min jista' jorbotna u jgħaqqadna flimkien bħala nsara f'Jum il-Mulej daqs iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija!

**Il-ministeru ta' xhieda. (Lq 24,33-35)**

F'din l-aħħar taqsima Luqa jpitter u jqiegħed il-bidla li ġrat fl-intimu taż-żewġ dixxipli. Sejrin iterrqu lejn darhom fid-dlam, bezziegħa, ma fehmu assolutament xejn, tilfu kull tama: **Jiltaqgħu tassew ma' Ġesù u sseħħ fihom il-bidla.** Huma kienu jafu li sar ħafna ħin, id-dlam riesaq sew, madankollu "dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura f'Ġerusalemm" ( 24, 33). Mixja oħra ta' madwar 30 kilometru!. Fil-Grieg hemm l-*awrist,* jiġifieri dak il-ħin stess, mingħajr ma qagħdu jaħsbuha tnejn, telqu għand sħabhom biex jgħidulhom x'ġara u għadda minn għalihom. Il-biża' tal-lejl u d-dlam li jġib miegħu għabu għal kollox minn quddiemhom. U fil-fatt hekk ġara tassew. Iltaqgħu tassew ma' Ġesù u dan biddilhom. "U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż).

Il-mistrieħ ta' Jum il-Mulej, joffri aktar ħin u spazju biex dak li jkun jista' jiddedika xi ftit minnu għat-tagħlim, għal għajnuna u għal kull xorta oħra ta' filantropija. Il-qawwa **spiritwali li toħroġ minn Jum il-Mulej**, kif ukoll id-differenza ta' dan il-jum mill-jiem l-oħra tal-ġimgħa ġejja mill-fatt li f'dak il-jum partikulari Ġesù qam rebbieħ u glorjuż.

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

## DAWL GĦALL-ĦAJJA

# KIF "DUN ĠORĠ" KIEN J




### 1 ELEVAZZJONI TA' L-ISPIRTU

1. Sinjur Alla, inti hawn u jiena fik.
2. Sinjur Alla, kemm jiena obbligat lejk!
3. Sinjur Alla, tħallinix waħdi ebda mument.
4. Sinjur Alla, għandi bżonnok u għal kollox.
5. Sinjur Alla, aħfirli għax jiena kont ingrat lejk.

6. Sinjur Alla, agħti glorja mhux lilna, iżda lil Ismek.
7. Sinjur Alla, bil-Ħniena tiegħek hija mimlija l-art.
8. Sinjur Alla, nirringrazzjak għall-kbira mħabba tiegħek lejna.
9. Sinjur Alla, inti tara qżież kull ma jgħożżu l-bnedmin.
10. Sinjur Alla, inti ħabbejtna qabel ma ħabbejniek aħna.

11. Sinjur Alla, agħtina l-grazzja tiegħek u aħna nagħtuk qalbna.
12. Sinjur Alla, inti tħobb, u tħobb ta' Alla li int.



13. Sinjur Alla, kemm huma tal-biża' l-opri ta' idejk.
14. Sinjur Alla, inti waħdek tajjeb; m'għandek bżonn ta' ħadd u ta' xejn.
15. Sinjur Alla, inti Missier u bid-dieher tieħu kura ta' kulħadd.

16. Sinjur Alla, inti qaddis: kollox volontà tiegħek minbarra d-dnub.
17. Sinjur Alla, inti tilqa' biss it-talba ta' l-umli.
18. Sinjur Alla, ikollna nistqarru li kollox irċevejna minnek b'xejn.

### 2 KOLLOKJU MA' ALLA

1. Sinjur Alla, jiena għandi bżonnok għal kollox: mingħajrek xejn ma nista' nagħmel: għalhekk tħallini qatt waħdi, la tabbandunanix meta tonqos fija l-ħila tiegħi.

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# IFTAĦ QALBU MA' ALLA




**2.** Sinjur Alla, inti tħobbni tassew, kull ġid inti għamilthuli, u jiena wisq obbligat lejk: nirringrazzjak b'qalbi kollha u riżolut li nibqa' nirringrazzjak dejjem u kullimkien.

**3.** Sinjur Alla, għall-imgħoddi ma nistax naħbilek li jiena ma obdejtekx, u għamiltlek azzjonijiet ħżiena: imma nindem b' qalbi kollha u nitolbok li taħfirli, veru Missier tiegħi.

**4.** Sinjur Alla, bl-għajnejn tal-menti tiegħi narak Sinjur ta' Maestà tremenda, u nħossni ninżel b'wiċċi ma' l-art u nadurak: għax ħadd m'hu bħalek u xejn ma huwa mingħajrek: kollox minnek u permezz tiegħek.

**5.** Sinjur Alla, narak Alla tajjeb, u nħossni ninġibed lejk; narak Alla tal-providenza u nħossni nistrieħ fik: narak Alla ġust u nħossni nibża', narak Alla omnipotenti u sapjenti, u nħossni nitgħaxxaq bik.

**6.** Sinjur Alla, Inti int li inti, u jiena xogħol tiegħek: iffurmajtli ġisem u tajtni ruħ fuq ix-xbieha tiegħek; iżda billi ħallejtni liberu, jiena dejjem fil-periklu li mmeri l-volontà tiegħek jekk inti ma tassistinix bil-grazzja effikaċi tiegħek. Għandi bżonnok għal kollox: għalhekk la tabbandunanix meta tonqos fija l-ħila tiegħi.

## 3 ORAZZJONI TAL-QALB

1. Sinjur Alla, int hawn, u jiena fik. Hekk għallimna l-appostlu tiegħek San. Pawl: li fik ingħixu, fik niċċaqilqu, u fik aħna aħna, bħal ħuta fl-ilma. Fakkarna spiss f'din il-verità.

2. Sinjur Alla, agħtina l-grazzja tiegħek biex inkunu nistgħu nobduk, u f'kollox nagħmlu l-volontà santissma tiegħek, għax mingħajrek ma nistgħu nagħmlu xejn.

3. Sinjur Alla, aħna wisq obbligati lejk għall-ġid li għamilt u li tagħmel lilna bnedmin: grazzi, Sinjur Alla, u aħfrilna, Sinjur Alla, veru Missier ta' kulħadd.

4. Sinjur Alla, agħtina l-grazzja li nagħtu qima lil Marija Santissma biex hija bil-potenza tagħha tidħol għalina quddiemek, u niġu meħlusin mill-għedewwa ta' ruħna, u ta' ġisimna.



5. Sinjur Alla, nitolbok li bil-ħniena tiegħek teħlisna minn kull periklu tar-ruħ, u tal-ġisem, għax jekk ma tindukraniex int, kollox għalxejn.

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (54)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TIELET PARTI)*

## IL-KNISJA: MISTERU U SAGRAMENT TA' KRISTU

Il-Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II, "*Lumen Gentium*" (n.3) tgħidilna li " Biex itemm ir-rieda tal-Missier, Kristu inawgura fl-art is-Saltna tas-Sema u rrevelalna l-misteru tagħha u bl-ubbidjenza tiegħu temm il-fidwa. Il-Knisja jew is-Saltna ta' Kristu, li għandha l-bidu tagħha f'misteru, tikber fid-dinja b'mod li jidher, bis-setgħa ta' Alla". Hekk ukoll il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n.753) jafferma li "Ir-Rivelazzjoni titkellem dwar il-misteru tal-Knisja, li qatt ma se naslu biex nifhmuh kollu kemm hu".

Madanakollu il-verità li l-Knisja hija misteru, mhix xi tagħlim ġdid għaliex diġà kienu jemmnuha l-insara ta' l-ewwel żminijiet; difatti San Pawl kien jaf biha u xandarha meta l-Knisja sejħilha "misteru kbir"; "Alla temm il-pjan tal-misteru, li kien moħbi sa minn dejjem f'Alla li ħalaq kollox" (*Efes.*3,9-10), "Dan il-misteru - qiegħed ngħid għal Kristu u l-Knisja - huwa kbir" (*Efes.*5,32).

Jekk barra mir-raġuni, ninqdew ukoll bil-fidi u nfittxu li nifhmu x'tgħidilna r-Rivelazzjoni, nindunaw li l-Iskrittura Mqaddsa tridna nemmnu li l-Knisja hija misteru, li fil-bidu ma konniex nafuh, imma li issa ġie rivelat lilna u parti minnu diġà seħħ "Hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu; il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet, jiġifieri li kollox jinġabar taħt Ras waħda li huwa Kristu" (*Efes.1,9-10*).



Il-Knisja - kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II għandha "il-karatteristika li hi fl-istess ħin umana u divina, viżibbli iżda mogħnija b'realitajiet li ma jidhrux, mħeġġa fix-xogħol u medhija fil-kontemplazzjoni, preżenti fid-dinja, iżda wkoll miexja lejn is-Sema. Dan kollu jseħħ fiha b'mod illi dak li fiha uman huwa ordnat u subordinat għal dak li hu divin, dak li jidher għal dak li ma jidherx, l-azzjoni għall-kontemplazzjoni, ir-realtà preżenti għall-belt li għad trid tiġi u li aħna qegħdin infittxu" (*Sacrosanctum Concilium*, n.2).

### *Żviluppi fl-ekkleżjoloġija*

Matul it-tieni millennju, l-iktar fl-apoloġetika tal-perijodu tal-Kontro-Riforma, billi ċerti teologi, tkellmu l-iktar fuq il-Knisja bħala istituzzjoni u fuq il-ġerarkija ekkleżjastika, kienet ġiet aktarx traskurata d-dimensjoni tagħha bħala misteru u sagrament, li fl-ewwel millennju kienet tingħata iktar importanza.

It-teologi Sailer, Mohler, u Scheeben, insistew li dak li huwa viżibbli fil-Knisja, ma kienx ir-realtà kollha tagħha. Imbagħad it-tagħlim tagħhom dwar l-aspett intern u inviżibbli ġie integrat fil-viżjoni sħiħa li nsibu fil-*Mystici Corporis* fejn, fost l-oħrajn jingħad "Kif ir-Redentur Divin bagħat l-Ispirtu Paraklitu tal-verità, biex b'mandat tiegħu jrieġi l-Knisja b'mod inviżibbli, hekk ukoll ordna lil Pietru u lis-suċċessuri tiegħu biex bħala rappreżentanti viżibbli fuq l-art tal-Persuna tiegħu, jigvernaw is-soċjetà nisranija". L-enċiklika "*Mystici Corporis*" tagħmel enfasi fuq dan it-tagħlim: hemm Knisja waħda, realtà b'żewġ aspetti, iżda misteru wieħed.

Il-Konċilju Vatikan II, mingħajr ma jinnega l-karattru ġuridiku li għandha l-Knisja bħala soċjetà viżibbli, ma naqasx li juri wkoll l-aspett misteriku tagħha. Għalhekk, fl-ewwel kapitlu tal-Kostituzzjoni "*Lumen Gentium*" il-Konċilju jippreżentalna l-Knisja fid-dawl tal-misteru ta' Kristu u jemfasizza d-dimensjoni umana u divina tagħha.



"B'analoġija xierqa għalhekk, wieħed jista' jxebbah il-Knisja mal-misteru tal-Verb magħmul bniedem, infatti, kif in-natura li ħa l-Verb isservih ta' organu ħaj ta' salvazzjoni, magħqud miegħu b'mod li ma jinħallx, hekk b'mod jixxiebah, l-organiżmu soċjali tal-Knisja jservi lill-Ispirtu ta' Kristu li jagħtih il-ħajja, biex il-ġisem jikber dejjem iktar (cf. Efes.4,16) (*Lumen Gentium, n.8*).

Il-Knisja hija mxebbħa mal-misteru tal-Verb Inkarnat. Għax bħal ma hu ħa fuqu n-natura umana, b'mod simili, Huwa ried li l-Knisja jkollha struttura soċjali viżibbli.

## *Il-Knisja:Realtà divina u umana*

Ngħidu li l-Knisja hija misteru għaliex hija realtà divina u umana. Hija divina għaliex hija komunità li għandha l-bidu tagħha fi Kristu, hija ggwidata u ispirata mill-Ispirtu s-Santu, li jinkwadraha fil-pjan ta' Alla. "Il-misteru tal-Knisja mqaddsa - jgħidilna l-Konċilju (*Lumen Gentium*, n.5) - juri ruħu fl-istess twaqqif tagħha. Għaliex il-Mulej Ġesù ta bidu lill-Knisja tiegħu, meta xandar il-Bxara t-tajba, jiġifieri l-wasla tas-Saltna t'Alla".

Minħabba din id-dimensjoni divina, aħna nemmnu fil-Knisja, u dan ifisser kemm li aħna membri tagħha, kif ukoll li aħna naċċettawha bħal opra ta' l-Ispirtu s-Santu. Ladarba ġejja minn Alla, il-Knisja hija don jew rigal li Huwa jagħti lilna, iżda mhux mingħajr xi kundizzjonijiet u dmirijiet li għandhom josservaw dawk li jidħlu fiha. Hija aċċessibbli biss għal dawk li jemmnu fiha għaliex jemmnu fi Kristu, l-Iben t'Alla li waqqafha u li jibqa' magħha sa l-aħħar taż-żminijiet.

Ngħidu wkoll li l-Knisja għandha karattru uman għaliex hija komunità ta' persuni umani, socjetà u realtà storika li tidher u li jista' jkun jaf biha kulħadd. Għal din ir-raġuni, huwa possibbli li jagħmlulha analiżi soċjoloġika jew ideoloġika. Madanakollu dan l-istudju jew riċerka dwar il-Knisja, ma jista' jasal qatt biex jagħti tifsira sħiħa tal-Knisja bil-misteru tagħha; izda jista' jiswa biss biex jiddeskrivi xi għamliet storiċi ta' l-imġiba tal-membri li hemm fiha. Għan-nisrani li jemmen, analiżi bħal dawn, għad li għandhom il-valur tagħhom, iżda ma humiex biżżejjed biex jasal ħalli jagħraf in-natura vera tal-Knisja u jinġibed biex iħobbha u jemmen fiha.

Fil-Knisja, mela ninnotaw żewġ aspetti fundamentali; hemm l-aspett divin u inviżibbli li jagħmilha ġisem ħaj, għaliex l-Ispirtu s-Santu mogħti minn Kristu, jsawwab fiha l-kariżmi u setgħat spiritwali, imexxiha, iżommha dejjem żagħżugħa u jagħmilha denja li tissejjaħ qaddisa, waħda u universali.

Hemm ukoll l-aspett uman u viżibbli l-"*congregatio fidelium*" l-għaqda ta' l-insara, jiġifieri aħna, li nifformaw il-ġisem soċjali ta' Kristu bħala membri tiegħu. Għalhekk il-Konċilju jwissi li "Is-soċjetà mogħnija b'organi ġerarkiċi u l-ġisem mistiku ta' Kristu, l-assemblea li tidher u l-komunità spiritwali, il-Knisja fuq l-art u l-Knisja li diġà qegħda tgawdi l-ġid tas-Sema, m'għandhomx jitqiesu bħala żewġ realtajiet differenti, iżda bħala realtà waħda komplessa magħmula minn element uman u element divin" (*Lumen Gentium*, n.8).

*(Jissokta)*






# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(L-Erbgħa u Ħamsin Parti )* *(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)*

## *IL-BIEDJA FI ŻMIEN IL-GWERRA*

**Il-Qerda tal-Ħarrub fl-Ewwel Gwerra**

Fis-seklu dsatax il-bdiewa tagħna kienu ħawlu għadd kbir ta' siġar tal-ħarrub, l-aktar f'artijiet xagħrin. Dawn is-siġar kibru u bdew jagħtu l-frott. Iżda ġara li fl-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) naqas il-faħam u l-bdiewa tagħna bdew jaqtgħu u jkissru dawn is-siġar biex l-injam tagħhom jinħaraq minflok il-faħam. Wara xi żmien il-Gvern intebaħ bl-istraġi li kienet qiegħda ssir u fl-1917 ħareġ liġi biex iwaqqaf din il-ħerba kollha. Imma laħqu nqerdu għadd kbir ta' siġar tal-ħarrub, taż-żebbuġ u tal-lewż, u hekk il-ħsara kienet saret.

**Fit-Tieni Gwerra Dinjija**

Fi żmien it-tieni gwerra (fl-1942) l-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex kienet tlaħħaq 270,000 ruħ. Il-għadd tal-bdiewa li kien hawn f'dawn il-gżejjer dik il-ħabta kien dak ta' *circa* 13,000 bidwi. Il-għadu dik il-ħabta kien qiegħed jitfa' l-bombi kullimkien u jkisser u jħarbat l-ibliet tagħna bil-knejjes u l-bini tagħhom. Kien qiegħed ukoll jagħmel assedju ħalli ma jħalli ebda bastiment tan-Navy Ingliża jersaq imgħobbi bl-ikel u l-munizzjon lejn dawn il-gżejjer. Il-għadu ried litteralment joqtolna bil-ġuħ.

Għalhekk, il-Gvern kellu jindaħal mal-bdiewa ħalli t-tkabbir ta' l-uċuħ tar-raba' jkun b'xi mod ikkontrollat fis-sens li l-bdiewa kellhom ikabbru dawk l-uċuħ li jrid il-Gvern. Issa ġara li xi bdiewa bdew igergru għax qalu li r-raba' ma tistax tiżra' fih dak li trid, imma skond in-newba, għax inkella ma tiħux uċuħ tajba. Għalhekk il-Gvern ħatar xi Uffiċjali Distrettwali f'Malta u Għawdex biex dawn l-uffiċjali jkunu jistgħu jitkellmu mal-bdiewa u jfehmuhom il-ħtieġa li fiċ-ċirkustanzi ebsin tal-gwerra wieħed jisma' minn dak li kienu qegħdin jgħidu l-awtoritajiet. Dawn l-uffiċjali kellhom ukoll jisimgħu dak li kellhom xi jgħidu l-bdiewa għax il-Gvern ried li jekk il-bidwi jkollu idea tajba biex ikabbar l-ikel, allura dan seta' jagħtih il-permess li jkabbar dak li jkun irid il-bidwi ladarba kien xorta waħda se jservi biex jittaffa l-ġuħ. L-Uffiċjali Distrettwali ta' Għawdex kienu jinsabu r-Rabat u x-Xagħra.

L-Ordnijiet li ħareġ il-Gvern u li kienu jolqtu l-bdiewa kollha kienu dawn: li kull bidwi kellu jiżra' nofs ir-raba' tiegħu qamħ jew xgħir, u l-bqija għelejjel oħra ta' l-ikel, imma kemm jista' jkun patata. Id-Dipartiment tal-Biedja beda wkoll joħroġ perjodiku ta' darbtejn fix-xahar biex iżomm il-bdiewa aġġornati b'dak li jkun għaddej ħalli l-provvista fil-gżejjer tagħna tinżamm adegwata u jipprova jfiehmhom li żmien il-gwerra ma kienx l-istess bħal żmien il-paċi.

Għal dawk il-bdiewa li kellhom il-bhejjem, il-Gvern ordna wkoll li l-bidwi ma setax iħalli iżjed minn tomnejn raba' silla u nofs tomna raba' furrajna għal kull bhima tax-xogħol li jkollu. Min kellu xi silla żejda kellu jaħratha malli jkun jista' u jara liema hi l-aħjar biex iħalli lilha u jneħħi l-agħar. Fejn kienet tinħarat is-silla, kellhom isiru l-uċuħ ta' l-ikel biex il-poplu jkollu x'jiekol. Għall-istess raġuni ġilbiena bajda u sewda ma setgħux jinżergħu għax aħjar fula jew piżella minnhom. Iż-żofżfa kienet tista' tinżera' għax din tinżera' għall-imwaħħar wara wiċċ ieħor.

Il-bdiewa kellhom jieħdu ħsieb jerfgħu ż-żerriegħa tal-patata mill-isbaħ xtieli, u li ma jkunu mimsusa b'ebda mard. Kienu jissemmew żewġ mardiet: il-marda tal-Werqa tat-Tbajja' u l-marda tal-Werqa Mġiegħda. Ix-xtieli morda ma kinux jagħmlu ħlief patata rqiqa.

Il-bdiewa kienu mħeġġin biex jerfgħu l-patata taż-żrigħ għall-wiċċ tar-rebbiegħa sa mix-xahar ta' Novembru u jaħżnuha x'imkien fil-frisk fejn kellha tinżamm imrewħa tajjeb. Fil-każ li mbagħad kienet tidħol il-patata taż-żerriegħa minn barra, allura l-patata merfugħa għaż-żrigħ setgħet tintuża għall-ikel. Fl-1942 il-Gvern ordna li l-patata ma kellhiex tinqala' qabel il-21 ta' Novembru. Fil-10 ta' Ottubru kienet diġa' bdiet tidher il-patata. Din kienet patata żgħira, daqs ġewża. Kienet tinqala' għax kienet iġġib prezz tajjeb. Imma patata maqlugħa kmieni żżejjed ifisser ħafna telf, telf għall-bidwi u telf mill-prodott bħala ikel. Biex ma jħallix li jsir dan il-ħela l-Gvern ordna li l-patata għandha tinqala' wara l-21 ta' Novembru.

**Ful u Piżelli qalb id-dwieli**

Fi żmien il-gwerra l-Gvern ordna biex il-bdiewa jiżirgħu l-ful u l piżelli qalb id dwieli. Naturalment, mhux il-bdiewa kollha

qablu ma' din l-ordni għax qalu li l-ful u l-piżelli kienu se jieħdu s-sustanzi kollha ta' l-art li kienu qegħdin għad-dwieli.

Iżda l-argument tal-Gvern kien li l-bdiewa xorta waħda ġie li kienu jħallu l-ingliża tikber qalb id-dwieli biex imbagħad jaqtgħuha u jagħilfuha lill-bhejjem tagħhom. L-ingliża wkoll tixrob is-sustanzi mill-art u l-għeneb kien isir xorta waħda. Il-ful u l-piżelli ma kinux se jixorbu sustanzi mill-art aktar mill-ingliża. Għalhekk setgħu jitkabbru qalb id-dwieli fi żmien meta l-ikel kien bżonnjuż ħafna.

Għalhekk, għalkemm l-ideal dejjem kienet li qalb id-dwieli ma jinżera' xejn u l-art tinħadem biex jitneħħa l-ħaxix ħażin, fi żmien ta' gwerra kienet ħaġa sewwa li fir-rebbiegħa jittieħed ukoll wiċċ ful jew wiċċ piżelli.

Għalkemm il-għeneb tajjeb għas-saħħa, m'huwiex wieħed mill-prodotti ewlenin għall-ħajja. Għalhekk, dwieli ġodda ma setgħux jitħawlu u l-Gvern ma biegħx ix-xitel tas-soltu.

## Patata qalb il-qaqoċċ

Xi drabi t-tkabbir ta' wiċċ qalb wiċċ ieħor ma jmurx tajjeb u jiġi intakkat mill-mard. Per eżmpju, fi żmien il-gwerra wkoll il-wiċċ tal-patata miżrugħ qalb il-qoqoċċ safa ntakkat mill-mard. Peró, meta l-Gvern sar jaf b'dan, il-bdiewa ħadu raġun.

## Siġar tal-Frott

Dawk li kellhom is-siġar tal-frott, l-aktar jekk dawn ma kinux imħawlin sfiq, kellu jsir kull mezz biex fix-xitwa jitkabbar bejniethom xi wiċċ ħafif, almenu qabel ma jibdew jiżharu, jiġifieri qabel ma jibdew itellgħu l-weraq. Fejn hemm is-siġar tal-ħarrub u tal-ħalib (tat-tin), il-bdiewa kienu mħajra biex hemm jagħmlu l-furrajna minflok ma jagħmluha f'raba' tajjeb.

## Swieq u Qerq

Minħabba l-prezz għoli tal-prodotti tar-raba' fi żmien il-gwerra kien hemm tgergir li l-bdiewa kienu qegħdin jimlew il-prodotti tagħhom fid-dugħ kif ġie ġie u biex ukoll iqarrqu, iħalltu mal-prodotti ilma, ħamrija, zkuk biex l-użin dejjem ikun ikbar u jitħallsu tiegħu.

***Il-Qara' Bagħli.*** Per eżempju, il-qara' bagħli kien jimtela fil-mezez. F'mezza waħda kont issib qara' bagħli minn daqs ġewża sa daqs dulliegħa.

***Il-Qara' Aħmar.*** Il-Gvern tkellem mal-bdiewa u mbagħad għamel il-prezz £5 il-qantar. Il-bdiewa kollha kienu kuntenti bil-prezz, għax prezz ta' 5s (25c) il-wiżna bl-ingrossa kien prezz mhux biss tajjeb, imma tajjeb iżżejjed. Iżda kien hemm x'uħud li flok taw il-qara' lill-Gvern ħbewh bil-ħsieb li wara jbigħuh bil-għoli. Imma l-Gvern għamel dak il-prezz u ħallih hekk biex min ħeba l-qara' jkun għamel hekk għalxejn.

Il-Gvern imbagħad beda jirrekwiżizzjoni l-qara', jiġifieri jieħdu bilfors. Iżda dak il-qara' li kien jaqbad kien inaqqas għaxra (10) fil-mija tal-prezz u jieħdu bil-prezz tar-rekwiżizzjoni. Min kien jaqbad u jieħu l-qara' lill-Gvern hu stess kien jieħu żewġ soldi (2d) fil-wiżna iżjed tat-trasport.

***Il-Kaboċċi.*** Il-kaboċċi kienet timtela fi xkejjer kbar. Kien hemm min jaħseb li l-bidwi jew is-sensal li ħadha għand il-pitkal għaddasha fl-ilma bix-xkora b'kollox, għax minn barra, ix-xkora kienet tkun għasra minn tarf sa tarf. Dan kien jiġri għax il-prezz jitħallas skond l-użin u, għalhekk, min jagħmel dan ix-xogħol li jitħallas ukoll tal-piż ta' l-ilma bħala użin tal-kaboċċi.

Ħafna inkwiet kien jinqala' wkoll għax kull darba li kienet tintiżen, il-piż tax-xkora kien dejjem jonqos għax l-ilma biċċa jiskula u biċċa jinxef.

Għalhekk il-Gvern ta ordni li l-ħxejjex imxarrbin, meta jintiżnu kellu jinqatgħalhom tant piż ta' l-ilma. Il-bdiewa kienu wkoll imwissija li ħxejjex imxarrba jisħnu fi żmien 24 siegħa.

***Il-Patata.*** Il-Gvern kien iħallas £10 il-qantar tal-patata biex imbagħad ibigħha lill-pubbliku bil-£1.13s.4d (Lm1.66,6) il-qantar. Bla dubju ta' xejn wieħed kien jistenna li l-bdiewa kellhom jieħdu l-patata safja u nadifa. Imma ġara li xi bdiewa bdew iħallu ħafna ħamrija magħha u stennew li l-Gvern iħallashom tal-ħamrija bil-£10 il-qantar!

Allura fejn ikun hemm patata kollha ħamrija l-Gvern beda jaqta' tnejn fil-mija mill-piż.

***Il-basal.*** Malli l-basal tneħħa minn fuq il-lista tal-mieta, beda minnufih jidher fis-suq. Iżda malli reġa' deher fuq il-lista bil-prezz ta' 1s 4d (6c6) ir-ratal bl-imnut (6s - 30c - il-wiżna bl-ingrossa), allura reġa' malajr inħeba! Dan ġara avolja meta jidħol iż-żmien il-basal jibda jnibbet u jitlef mill-piż minn 15 fil-mija 'l fuq.

## Għawdex ikbar minn Sqallija!

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija daħlet il-lieva. Dan ifisser li ż-żgħażagħ minn tmintax-il sena 'l fuq kienu jittieħdu suldati bilfors. Fost dawk eżenti mis-servizz kien hemm il-bdiewa u wliedhom billi dawn kienu meħtieġa biex jipprovdu l-ikel. Imma biex wieħed jeħles mil-lieva kien irid jiddikjara kemm għandu raba' x'jaħdem. U jingħad li kulħadd beda jżid tant li jekk wieħed kellu jgħodd ir-raba' kollu li ddikjaraw il-Għawdxin kien isib li Għawdex huwa ikbar minn Sqallija! Xi ftit eżaġerata, imma din tingħad biex kulħadd ikun jaf kemm kienu jżidu l-ammonti tagħhom il-bdiewa Għawdxin biex jeħilsu mil-lieva.

## Tħin tat-Tgħam

Fi żmien il-gwerra l-bdiewa Għawdxin ma kinux batew daqs il-Maltin minħabba li kollox ma' kollox fi gżiritna kien hawn iżjed ikel minn Malta. F'Għawdex kien hawn jaħdmu wkoll xi mtieħen tal-miexi bil-kuntrabandu, u jidher li l-awtoritajiet kienu jagħilqu għajn waħda. Dawn kienu jitħnu t-tgħam bis-sistema l-antika. Wara t-tħin il-mara tad-dar kien ikun għad baqgħalha biċċa xogħol biex tgħarbel it-tgħam mitħun ħalli minnu tieħu d-dqiq li jkun tajjeb biex tagħġnu ħobż.

Missieri kellu bagħla li kienet għadha żagħżugħa u kien imur jitħan fil-mitħna tal-Għarb. Issa kien ikun hemm bdiewa li ma kellhomx bhima. Allura l-bagħla tagħna kienet tibqa' titħan ta' dawn ukoll, u hekk missieri mhux biss kien jitħan tiegħu, imma jdaħħal ukoll xi ħaġa tal-flus talli jkun taħnilhom bil-bagħla tiegħu. Imma mbagħad il-bagħla ma kenitx tkun trid tersaq 'l hemm iżjed! Sinjal li t-tħin kien xogħol iebes u mhux ħafif bħalma wieħed jaħseb.

## Il-Ġabra tal-Qamħ

Meta l-Gvern, imbagħad, fl-1942 għamel il-ġabra tal-qamħ għax Malta kienet waslet biex tibda tbati ġuħ kbir, il-bdiewa Għawdxin kienu ġenerużi u taw tgħam biżżejjed biex Malta żammet talinqas sakemm daħal il-Convoy ta' Santa Marija fis-sajf ta' dik is-sena, u hekk Malta ma ċedietx u baqgħet tikkumbatti mal-għedewwa.

*(jissokta)*

LETTERATURA GĦAWDXIJA — Poeżiji

## KARBA TAL-MIDNEB

Mulej
Inħossni tifel żgħir mitluf fil-folla
ifittex lil missieru li sparixxa
waqaft miġbud inħares lejn vetrina
mimlija ġugarelli w xerbitelli
biex inti għebtli ħesrem minn quddiemi
u bqajt miblugħ inħares bla ma nara.

Mulej
ejja fittixni int, tħallinix waħdi
tiqafx qabel issibni u terfagħni
u tgħajjatx miegħi wisq meta niltaqgħu,
għannaqni m'għonqok sħun u busni bewsa.

*Carm C. Cachia*

## ĦSIBIJIETI

Ħsibijieti friefet il-lejl
Għanqbut ixekkel l-awtur tiegħu.
Tursin il-bir fl-irwieħ.

Turġien u kantini li jwasslu fid-dlam
Xfar l-irdum, għammieq imċajpar

Għasafar jittajru 'l fuq mis-sisien
Tingiż il-kuxjenza mitluf f'ħondoq ċiniku.

Qabel tiswir il-fehma kont rieqed
Xħin rabbejt il-ġwienaħ darbuni
Fil-ġlieda ma' l-anġlu divin għotort
Iżda ħriġt ħieni għaliex ħieles.

*Alfred Grech*

---

## L-GĦID MAGĦNA

L-Għid!
Fil-lewża mwarrda,
iż-żiffa ta' April
tpespes ġentili
l-ewwel kelma ta' imħabba.

L-Għid!
B'twerżiqa gergurija,
ir-reġina ta' l-arja
il-ħuttafa, tvarja
u tfittex il-fergħa u l-bejta.

L-Għid!
Jinfed it-tajjar safi
tas-sħab, ferrieħi
jiddi fuq id-dinja
l-iżmalt f'nir is-smewwiet.

L-Għid!
Ir-ruħ mgħoxija
ma' Kristu Irxoxt
jitwieled mill-ġdid il-faraġ
li jseddaq, ituq...jifdi.

*E. Murari*
(*maqluba għall-Malti mit-Taljan minn* **Michael Grech**)

## IX-XIĦ

*Il-mara tħares lejn żewġha, ixjeħ minnha*
*u tgħid jew bħal tgħanni:*

Ħanini mar il-baħar,
kif tbiddel bix-xjuħija,
illum m'inix niftaħar
bis-saħħa u s-sbuħija.

Kemm kien hemm nies iħarsu
meta ħriġna flimkien -
"Dawn għadhom kemm jitgħarrsu?
jew ballu tal-ġirien?"

Din kienet l-ewwel ħarġa
biex nidħru ma' xulxin.
Xi żmien! żgur qatt ma jarġa'
jiġina l-ferħ t'għoxrin.

Kif għadda ż-żmien, kif xjaħna!
qisna murtal tal-ftuħ
fl-aħħar jibqa' biss daħna,
duħħan, ġisem mitruħ.

***Marċell Mizzi***

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -153



Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2007

# L-Arloġġ taċ-Ċittadella

**Id-dokument numru mija u tlieta u ħamsin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlas lill-persuna responsabbli mill-arloġġ taċ-Cittadella u ħwejjeġ oħra. Il-ħlas kien awtorizzat nhar is-17 ta' April, 1707. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530 - 1798), manetta (1706 - 1707), folju 22v (NAG, UG, *Acta,* 9/1706–1707, f. 22v).**



Din hi traskrizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni tal-ħlas:

> *Signore Notaio Aloysio Grech, giurato e tesoriere, di questa Università del Gozo pagarete a Mastro Lazzaro Vella, Armiere, Scudi undici di moneta; se gli devono per suo salario di mesi quattro comminciati il primo Gennaio ultimo passato da finirsi l'ultimo istante a ragione di Scudi trenta tre l'anno; cioè Scudi 8 per livare giornalmente li contrappesi dell'orologio di questo Castello e Scudi 25 per pulire, accomodare, e risciarire l'armi dell'Armeria ġnellaħ casa Gubernatoriale e Torri di detta Isola; gli da detta Università per suo tratennimento di che tirano nostra cautela ponerete a usali conti, li 17 aprile 1707.*

L-Università ta' Għawdex, permezz ta' dan id-dokument, qiegħda tawtorizza lin-Nutar Aloysio Grech, ġurat u teżorier tagħha, ħalli jagħmel ħlas ta' ħdax-il skut lil Mastru Lazzru Vella. Din kienet paga ta' erba' xhur, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April, 1707. Mastru Vella kellu żewġ xogħlijiet ma' l-Università.

L-ewwel wieħed kellu x'jaqsam ma' l-arloġġ taċ-Cittadella. Dan l-arloġġ, li għadu wieqaf sa llum fuq ir-riħ tal-Pjazza tal-Katidral, inbena fis-sena 1639 bil-ħidma ta' Girolamo Castelnovo, dak iż-żmien Gvernatur ta' Għawdex. L-arloġġ, fil-bidu kellu kwadrant wieħed biss. Il-kwadrant hu l-wiċċ ta' l-arloġġ, jiġifieri d-dawra tonda fejn jidhru s-sigħat u l-minutieri. Dan il-kwadrant kien faċċata tal-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex. It-tieni kwadrant, dak li jħares lejn ir-Rabat, kien miżjud fis-sena 1739. Dik il-ħabta kien idoqq biss is-sigħat. Fl-1806, il-magna kienet irranġata biex idoqq kull kwarta. Dam jintuża sas-sena 1858.

Lazzru kien obbligat ta' kuljum itella' l-kontrapiż jew il-mażżri ta' dan l-arloġġ. Il-mażżra kienet toqol tal-ħadid jew taċ-ċnagen marbuta b'kantina jew ħabel mar-rota l-kbira ta' l-arloġġ. Din ir-rota kienet iddur bil-piż tal-mażżri jiġbdu 'l isfel u hekk iddawwar il-minutieri ta' l-arloġġ. Jidher minn dan id-dokument li taħt il-binja ta' l-arloġġ kien hemm tromba fonda biżżejjed biex il-mażżri jdumu jiġbdu ma' l-erbgħa u għoxrin siegħa qabel ma jaslu fil-qiegħ.

Darba kuljum Lazzru kien imur jerġa' jtella' dawn il-mażżri 'l fuq biex l-arloġġ ma jiqafx juri l-ħin. Ta' dan kellu s-somma ta' ħdax-il skut (•2.13) fis-sena.

It-tieni, Lazzru kien ukoll obbligat li jżomm f'kundizzjoni tajba l-armamenti ta' l-Università ta' Għawdex. Dawn l-armamenti kienu fl-armerija li kien hemm mad-dar tal-Gvernatur ta' Għawdex fl-istess Cittadella u mxerrda fid-diversi torrijiet fuq il-kosta tal-gżira ta' Għawdex. Kellu b'mod regolari jagħmel tliet ħwejjeġ. L-ewwel, inaddaf l-armamenti; it-tieni, isewwi xi ħsarat li jsib fihom; u t-tielet, jobrox is-sadid li setgħu jrabbu minn żmien għal żmien. Ta' dan kellu tnejn u għoxrin skut (•4.27) oħra fis-sena.

Il-paga sħiħa ta' sena kienet għalhekk ta' tlieta u tletin skut (•6.40) – paga tajba għal dak iż-żmien għax dan ix-xogħol ma kienx jeħodlu l-jum kollu u, għalhekk, seta' faċilment jagħmel ċekċik ieħor, xogħol *part-time* ngħidu llum.

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Ħidma mill-Kunsill Lokali ta' Sannat għall-ġid tas-Sannatin

**Jikteb Anthony Mercieca, Sindku ta' Sannat**

### *Il-Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini*



Proġett innovattiv huwa dak li jitratta l-wied ta' Mġarr ix-Xini bħala park reġjonali. Il-proġett qiegħed isir mill-Kunsill Lokali ta' Sannat flimkien ma' dak tax-Xewkija minħabba li l-wied imsemmi jifforma parti mill-konfini taż-żewġ lokalitajiet. Biex ikun jista' jitwettaq il-proġett, twaqqaf *Action Committee* bejn iż-żewġ Kunsilli Lokali bil-għan li jkun jista' jikkordina mill-qrib ix-xogħol marbut mal-proġett.

### *Proġett ta' Restawr ta' Kalkara tal-Ġir u l-bini ta' Uffiċċju Amministrattiv Ġdid*

Il-Kunsill ser jibni uffiċċju amministrattiv li ser ikollu miegħu ċentru kulturali u soċjali. F'dan iċ-ċentru ser tiġi trasferita wkoll il-librerija tal-lokal biex ikun hemm iktar faċilitajiet u spazju għal iktar kotba. Dawn is-servizzi ser ikunu kollha aċċessibbli kemm għall-anzjani, kif ukoll għal persuni bi bżonnijiet speċjali.




Flimkien ma' l-uffiċċju amministrattiv qed tiġi restawrata l-Kalkara tal-Ġir li oriġinarjament kienet mitħna tar-riħ. Wara, din bdiet tiffunzjona bħala Kalkara tal-Ġir. Wara snin twal li kien ilha mitluqa, il-Kunsill beda x-xogħol ta' restawr fuqha biex isalva dak li fadal mill-istruttura, filwaqt li jsir użu utli minnha bħala attrazzjoni tar-raħal. Dan ix-xogħol kien qed isir bil-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex li pprovda l-ħaddiema għal dan il-proġett, filwaqt li l-Kunsill kien qed joħroġ il-materjal




u l-għodda biex isir dan ir-restawr. Dan ix-xogħol kien qed isir taħt it-tmexxija tal-Perit Ivana Farruġia li hi speċjalizzata fir-restawr. Madwar sena ilu dawn il-ħaddiema tneħħew u ma ġewx lura u x-xogħol waqaf. Min-naħa tal-Kunsill saru diversi tentattivi biex jinġiebu lura dawk il-ħaddiema li kienu qed jagħmlu x-xogħol ta' restawr. Dawn l-aħħar ġimgħat intbagħtu tliet ħaddiema biex jagħmlu xogħol ta' tikħil. Dan kien l-uniku għajnuna li l-Kunsill qatt ingħata mill-Ministeru għal Għawdex f'dawn l-aħħar snin. Nittamaw li hekk kif ilestu dawn il-ħaddiema, jinġabu ħaddiema oħra biex ikomplu x-xogħol fuq il-ġebel li jrid jinbidel. Tajjeb li wieħed isemmi li l-Kunsill suppost li għandu tliet ħaddiema tal-gvern, assenjati

miegħu, iżda fil-fatt għandu wieħed biss. Ipprotestajna u ktibna diversi ittri biex tittranġa s-sitwazzjoni. Nisperaw li din id-darba t-talba tagħna tiġi milqugħa.

***Playing Field wara Triq it-Tilliera***

Peress li fl-inħawi Ta' Saguna HOS hemm il-maġġoranza tal-familji ġodda ta' Sannat, u għalhekk konċentazzjoni kbira ta' tfal, il-Kunsill Lokali ddeċieda li jibni *playing field* biex jitgawda minn dawn it-tfal. Għalhekk, il-Kunsill applika għall-permess mill-MEPA. Dan wasal biex jiġi pprovat u qed isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex il-Kunsill jingħata d-devoluzzjoni ta' l-art. Dan l-aħħar saret talba lill-Ministru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali biex tingħata l-għajnuna finanzjarja għal dan il-proġett bħalma sar ma' Kunsilli Lokali oħra Għawdxin.

***Għoti ta' Tarmak fit-Toroq***

Il-Kunsill ser ikompli bil-għoti tat-tarmak fit-toroq lokali. Hemm tliet toroq li ġa ngħataw l-ewwel kisja tarmak u għad jonqos it-tieni kisja biex ikunu lesti. Il-Kunsill qed jistenna lill-Ministeru għal Għawdex li hu responsabbli



mill-kostruzzjoni tat-toroq sabiex jibni l-ħajt ta' taħt it-triq li jifforma parti mill-barriera, ta' Triq Durell u Triq it-Tempju ta' l-Imramma. Din hi responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali. Wara dan il-Kunsill ikun jista' jkompli bix-xogħol f'dawn it-toroq. Fil-fatt it-triq ġa qed iċċedi għaliex it-tarmak qed jinqasam u ma jdumx ħafna li parti mit-triq tiġġarraf għal ġol-barriera. Jekk it-tieni kisja tingħata qabel jinbena dan il-ħajt, parti sostanzjali mill-flus ikunu qed jintefqu fix-xejn. Għalhekk minn hawn inħeġġeġ lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jinbena dan il-ħajt minn isfel nett mill-aktar fis possibbli biex nevitaw milli sseħħ xi diżgrazzja.

## Proġetti u Xogħlijiet Oħra

***Triq 28 ta' April 1688***

Fi Triq 28 ta' April 1688 fuq in-naħa ta' l-iskola, ser jitpoġġew numru ta' bankijiet kif ukoll ser jitħawlu numru sostanzjali ta' siġar matul it-triq. Dan ser isir mingħajr ma jiġi kkrejat ostaklu għal ħadd. Kull ammont ta' distanza ser jitpoġġew żewġ bankijiet u żewġ siġriet baxxi. Dawn il-bankijiet ser ikunu jħarsu lejn ir-Rabat.

***Tal-Gruwa***

Wara diversi talbiet li saru lill-Kunsill Lokali u lil Ministeru għal Għawdex dwar l-istat ħażin ta' Triq tal-Gruwa li hi l-uniku aċċess għar-raba ta' dawk l-inħawi, il-Kunsill beda jirranġa din it-triq bi spejjeż tiegħu. Dan qed isir billi jiġu mimlija l-ħofor u kanali kbar iffurmati mix-xita, permezz tat-torba. Ħadna din id-deċiżjoni sabiex l-istat ambjentali ta' din it-triq jibqa' bla mittiefes.

***Tranġar ta' bankijiet***

Fit-toroq madwar ir-raħal hemm numru sostanzjali ta' bankijiet, li ħafna minnhom kienu jinsabu fi stat ħażin ħafna. Għalhekk il-Kunsill beda l-inizjattiva li jirranġa dawn il-bankijiet u jibdel l-injam tagħhom fejn hu meħtieġ.

***Tranġar fil-Playing Field ta' ħdejn l-iskola***

Il-Kunsill ser jirranġa l-*playing field* li hemm fejn ir-*roundabout* ta' Sannat. Għandhom jiġu rranġati r-rampi biex ikunu aktar aċċessibbli. Ser jissewwew ukoll il-ħitan tal-konkos u jinżebagħ kull fejn hemm bżonn.

***Attivitajiet Kulturali, Soċjali u Edukattivi***

Matul is-sena l-Kunsill ser ikompli jorganizza diversi attivitajiet kulturali, soċjali u edukattivi. Fost dawn hemm ħarġiet għall-anzjani, attivitajiet għat-tfal bħal *Clean up the World*, il-Karnival, attivitajiet għal Jum Sannat u oħrajn. Ma' dawn ta' min isemmi t-tisħieħ tar-relazzjoni mall-Ġemellaġġ li l-Kunsill għandu ma' Pisoniano, l-Italja.

***Servizzi***

Il-Kunsill qed jaħdem sabiex itejjeb is-servizzi fil-lokalità ta' Sannat. Dawn l-aħħar xhur, il-Kunsill tejjeb is-servizz tal-ġbir ta' l-iskart domestiku. Fejn sa ftit xhur ilu dan kien isir erba' darbiet fil-ġimgħa, issa dan is-servizz qed jiġi offrut sitt darbiet fil-ġimgħa. Apparti dan, il-Kunsill qed joffri s-servizz ta' *Open skips* darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt. Il-Kunsill għandu wkoll erba' *bins on wheels* fir-raħal li jitbattlu kuljum (inkluż il-Ħadd) u *bring in site* fi Triq Xagħman.

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press *gozopress@onvol.net.*

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*Għawdxin li għadna niftakru - 42* *Minn Pawlu Mizzi*

# DUN ĠUŻEPP TA' L-ANĠOLIN

Dari, in-naħa tagħna kien minn kullimkien imdawwar bil-qassisin! Dun Franġisk Spiteri tal-Ħoxna ftit 'l isfel minnha (kien awtorità bħala ċeremonier ta' l-Isqof); Dun Ġużepp Borg ta' Ġurġi ta' Milħa (darba kien Arċipriet ta' l-Għarb); Dun Ġwann tal-Ferħa fil-bidu tal-Vajrinġa (dan kien prokuratur taċ-ċimiteru l-antik ta' fejn Santu Wistin); u quddiem l-iskola Dun Ġużepp ta' Gjojosa (Biblijotekarju, kittieb u traduttur tal-manuskritt ta' Agius de Soldanis fuq l-istorja ta' Għawdex); u kif iddur il-kantuniera Dun Anton tal-Ferħa (dak li dejjem kien italla' l-lotteriji għal San Ġorġ); Dun Tarċis ta' Mariroż ta' Qarabuċċu fl-istess Triq il-Karità, (kien ikanta u joqgħod quddiem tal-Kaptan, fejn kien armat Ġużeppi li jieħu r-ritratti); ftit 'l hawn minn Dun Tarċis fil-bidu ta' Triq il-Librerija, kien hemm dan Dun Ġużepp ta' l-Anġolin li qed nikteb fuqu, ma' ħutu, Ġorġ u Kolinu, wieħed skrivan u l-ieħor kjeriku s-Seminarju; 'il-fuq minnhom ħdejn San Ġorġ tal-Ħaġar l-aħwa taz-Zezzier fl-istess dar: il-Monsinjur Dun Alfonz Hili, Arċipriet ta' San Ġorġ, Dun Ġużepp, il-Kappillan tat-Triq ta' l-Għajn, u Dun Karm, prokuratur ta' l-artal ta' l-Erwieħ (u kellhom ħuhom ieħor qassis u żewġ ħuthom oħra sorijiet); u fl-istess triq iktar 'il fuq minnhom Dun Anton Grech tal-Ferħa u Dun Manwiel Mercieca ta' Zolla ta' Ganġetta (kien Arċipriet ta' San Ġorġ). U, fi Pjazza Santu Wistin ġo kunvent daqs ħabs, il-patrijiet Agostinjani: Patri Klement, Patri Naviġju, Patri Wistin, Patri Ġwann, Patri Rafel, u Patri Anġ Pizzuto. U Fra Grezz, Fra Guliel u z-ziju Fra Ġorġ.

*'Delweqt intellew el ġwineħ!'* smajtu darba jgħid liz-ziju. U, it-tnejn jidħku kemm jifilħu. *'Ġulina tal Mozz junqus!'* Kompla jgħidlu kif lemaħ lill-Patri Anġ bin-novizzi ħiereġ mill-kunvent! Kellu sens kbir ta' umoriżmu dan Dun Ġużepp! Kien jaqsmek bid-daħk!

Dik il-ħabta tas- sajf ta' l-1937 kienu għadhom kemm lestew is-saqaf tal-knisja ta' Sant Wistin. Dekorazzjoni mill-isbaħ! Rożuni u festuni tul il-medda ta' l-arkati kollha fis-saqaf; u 'l hawn u 'l hemm puttini jew anġli żgħar, biċċa rjus biss u oħrajn tal-persuna, tfal sbaħ, għeriewen, min iħares 'l barra u min 'l ġewwa. Sbieħ, imma, mhux lil kullħadd kienu għoġbu!

*'Mur aruna puttinojn meħħim!'* kompla jgħid maqsum bid-daħk. *'Bel ġwineħ u bel patuta barra!'*

Min, bħali, kien jafhom lill-Patri Anġ Pizzuto u lil Ġulina tal-Mazz ma jistax ma kienx jinqasam bid-dħak jisimgħu jxebbaħhom mal-puttini. Hadd minnhom it-tnejn ma kien tad-daħk! Anzi, Patri Anġ ma kienx hemm Għawdex min kien iktar serju minnu! U Ġulina tal-Mazz, għalkemm qasira, xieħa u bil-mustaċċi, lanqas kienet tad-daħk.

Fil-karikatura ta' Dun Ġużepp, imma, is-serjetà tagħhom kienet iddub u ma setgħetx ma ġġiblikx id-daħk!

Dan Dun Ġużepp kien surmast għall-użu tal-metafora fis-satira! Ifjen minn Marziperla tat-*Times*! Minn personaġġ serju kien jaf joħloq maskerun iktar grottesk minn dawk tal-karnival! Trid, imma, tkun midħla tan-nies u tifhimhom fil-



lingwaġġ u l-mutetti tagħhom biex tidħak!

Il-kittieb Ingliż Samuel Butler kien jgħid: *'It takes two to understand a message. The sayer and the sayee!'* U, biex juri kemm dan kien minnu, jirrakkonta din l-istorja żgħira:

'Darba ġo *Post Office* fl-Indja rajt skrivan Ingliż jitlewwem ma' Indjan għax l-Ingliż tiegħu ma kienx l-Ingliż tajjeb u korrett li bih l-Ingliżi kienu jitkellmu f'Londra. U l-Indjan tbissem qallu: *"In Punjab me Mukhejiri and him Bannerji speak Punjab English and him Bannerji understand me Mukhejiri and me Mukhejiri understand him Bannerji . So we laugh. Him Englishman not understand me Mukhejiri. So, him Englishman not laugh!"'* U veru! Jekk wieħed ma jifhimx lil ieħor ma jistax japprezza dak li jkun qed jgħid.

Darba Dun Ġużepp ra lil Roża tal-Bajdi wieqfa titkellem ma' Wiġi ta' Pettu. Hu fuq dahar il-ħmara u hi ma' ġenbha, bit-tifel tal-Muni mqabbad ma' djulha, tgerger u tirraġuna b'idejha. Daħak Dun Ġużepp jarahom. Min jaf f'liema stampa kien qed jarahom! Imbagħad deffes rasu bejni u bejn Renè Ragonesi u qalilna: 'Sejrin huma! Għall-Eġittu!' U baqa' sejjer jidħak waħdu. U jien ukoll dħakt. Għax kif qalli hekk bħalu ġietni f'moħħi l-ħarba ta' San Ġużepp u l-Madonna lejn l-Eġittu. Dak il-kwadru ta' Hyzler li hemm il-Katidral! Renè, imma, lanqas xammha. Ħares lejja skantat u qalli: 'Mela dawn imġienen! Sejrin l-Eġittu bħalissa! B'dat-*trouble* fis-Suez!' Jien iktar dħaqt. U Renè, minkejja li fil-gwerra kien refuġjat ħdejna Fuq it-Tomba, baqa' ma fehem xejn. Daħak, imma, hu ukoll x'ħin fehem il-lingwaġġ satiriku ta' Dun Ġużepp. U iktar daħak meta għidtlu li Roża tal-Bajdi kienet San Ġużepp, għax kienet bil-mustaċċi u bix-xahar ħiereġ minn taħt ilħitha!

Kien laqatni dan Dun Ġużepp l-ewwel darba meta rajtu fuq il-palk tas-Seminarju jirreċta fil-*Gerusalemme Liberata.* Min jiftakarhom dawk ir-reċti tal-karnival ma jistax ma jġibux quddiem għajnejh jibburdelja! Kien buffu mill-aqwa. Spirtu pront f'kull ċajta li kien jgħid. Imma, meqjuż, edukat u jaf sa fejn għandha tasal ċajta u meta ma għandux jgħid kelma

żejda fiha! Kemm nies għadhom jiftakru ċ-ċajt tiegħu!

Il-palk kien għalih l-isbaħ wirt li ħallewlna fis-Seminarju l-Ġeżwiti! Kellhom l-aqwa rjus f'pajjiżna dak iż-żmien. Niftakru jsemmihom lill-ministru Dun Kelment! Kien jgħid li għandna l-aqwa università. U ta' spiss kien isemmi lill-Padre Tommaso u lill-Padre Albanese u jgħid li fost dawk li kienu fetħu s-Seminarju fl-1868 huma kienu l-aqwa surmastrijiet. Mnalla Garibaldi kien keċċihom minn Sqallija!

X'kien qal Dun Ġużepp dak inhar li rajtu fuq il-palk l-ewwel darba ma nafx. Bit-Taljan kienet ir-reċta. U it-Taljan tiegħu, bħall Malti li bih kien jitkellem, kien ikaxkru u jgħidu bl-istakkaturi. Għadni naraħ bix-xabla f'idu jaqbeż mas-swar. U, Toni tagħna miegħi, attent li ma jitlifx xi linja, b'idi f'idu, jgħidli:

'Tidħakx! Din ta' Torquato Tasso taf!'

Xorta, imma, kont dħakt. Forsi, għalhekk, mhux lakemm kont ninsiħ ikarkar kliemu! Hekk kien jitkellem. Bil-lajma! Mhux biex imaqdar jew jitkessaħ. Kien minn qaddisu hekk: ikaxkar kull kelma li jgħid. Dak kien id-djalett ta' Fuq it-Tomba. U, bħalu kienet titkellem ziti, Ġorġ ta' Xaqqaq, ħuh Kalanġ tal-Forn, Gejtan, u Ganni tal-Ħaruf. U l-ġirien l-oħra tiegħu. Kellhom aċċent partikolari. Kull kelma kienu jkarkruha fuq l-aħħar vokali. Donnha teħlilhom mas-saqaf ta' ħalqhom. U , kienet donnha tieqaf. Minħabba f'hekk kull sillaba oħra fil-kelma kienet titkaxkar u tingħad bl-istess lajma u kantilena.

Kultant mank nemmen kif dawn id-djaletti jitnisslu! Kif ta' Sannat iġebbdu lsienhom fuq il-vokali '**a**' u tax-Xagħra fuq l-'**ie**' (l-'e' twila, dik li fl-Għarbi jgħidulha 'alif'). Anke fl-istess Rabat, tiskanta kif naħa jitkellmu bil-'**ke**'u naħa oħra bil-'**qe**'. U kull naħa b'xi kantilena, kullħadd bid-djalett tiegħu.

'Għax il-kliem jittieħed,' kien kiteb Patri Magri f'wieħed mill-'*Cotba tal Mogħdija taz Zmien*'. 'Bħal fit-tribujiet ta' l-Afrika. Jibda mill-għarix. Mal-familja. Bil-lingwa tax-xejħ. U kif jitkellem hu, jitkellmu 'l omm u 'l missier, u jirripetuh l-ulied u warajhom uliedhom u ulied uliedhom. Kullħadd barma u kantilena waħda.' U bħalhom aħna. Fid-dar, fil-knisja, u għand tal-ħanut. Kullimkien. Fit-triq, fis-suq, fil-pjazza. U, iktar ma' l-post ikun żgħir, iktar il-kliem jittieħed u jibqa'.

Fil-fehma ta' l-antropoloġi kif nobormu ħalqna. Jekk ilsienna nħalluh jitħabbat mas-saqaf u x-xuftejn jinġibdu 'l ġewwa, insemmgħu l-vokali '**i**'. U, jekk xuftejna nbexxquhom u nħallu lsienna kemm kemm merfugħ, insemmgħu l-vokali '**o**'. U kull konsonanti bl-artikolazzjoni tagħha, ħarxa jew ratba. U, skond din l-artikolazzjoni jissawwar id-djalett.

Ftit nagħtu każ. Darba biss niftakar li lil Dun Ġużepp rajtu serju. Kien qabadha mas-sur Ruggier fuq dan l-imbierek djalett. Is-sur Ruggier jgħid li d-djalett hu 'tgħawwiġ fonoloġiku tal-vokali' u Dun Ġużepp jgħidlu li hu 'l-esperjenzi ta' ambjent. Skond fejn titrabba. Jekk f'razzett, mod; jekk f'palazz, mod ieħor. Brejku f'kelma waħda. Bħalma jitkellmu ta' l-Għarb!'

Ma xtaqtx inżomm la ma' wieħed u lanqas ma' l-ieħor. L-ewwelnett ma nemminx li qatt fl-Għarb kien hemm min jitkellem bil-brejku. Veru li hekk kien qal George Percy Badger fil-ktieb tiegħu *Description of Malta and Gozo*. Aktarx kiteb dak li qalulu. Il-brejku hi l-lingwa tal-Lhud. Kelma mill-isqalli 'ebbrecciu' li tfisser 'Ebrajk'. Meta Vassalli mar l-Għarb għall-bidu tas-seklu dsatax ma sab lil ħadd jitkellem bil-'brejku'. U lanqas qatt kien hemm Lhud joqogħdu l-Għarb. Ma ċaħadx, imma, li kien sab li d-djalett ta' dak ir-raħal mhux dejjem kien jiftiehem. Għalhekk sejjaħlu 'giorgo artificiale'. Il-professur Aquilina fid-dizzjunarju tiegħu hekk ukoll kien fisser il-kelma 'brejku'. Bħalma fl-Ingliż jgħidu '*double dutch*'.

In-nies ta' l-Għarb għadhom sallum isemmgħu l-'**Għ**' (ajn) u l-'**h**' (akka) b'ton aħrax. Bħar-'rajn' u l-'akka' ta' l-Għarbi. Ħarxa! Għalhekk jippronunzjaw 'ħemes', 'ħemeż' flok 'eemes', u 'deheb','deħeb' u 'dahar','daħar' flok 'deeb' u 'daar'. U hekk ukoll kliem ieħor bħalhom. Oħrajn kellhom aċċenti maħtufa li l-pronunzja tagħhom mhux dejjem jiftehmu sewwa.

Id-djalett, imma, kif qal is-sur Ruggier, hu iktar minn '*tgħawwiġ fonoloġiku tal-vokali*'. Id-djalett għandu grammatika, sintassi u vokabularju partikolari. Xi termni, illum, f'naħiet oħra tal-gżira ma jintużawx. Jew jintużaw b'tifsira differenti. Bħal '*ewmiemies*' għal 'jum ta' qabel' u '*konkos*' għal 'ħaxu tal-ful u l-ġbejniet' fil-qassatat jew fit-torot ta' l-Għid. '*Ħasira'* fl-Għarb u postijiet oħra f'Għawdex tfisser 'purtiera tal-qasab' waqt li f'Malta tfisser 'tapit'. U l-istess '*koċċ*'. F'Għawdex tfisser 'ħafna' u f'Malta 'ftit'.

'*Katt ma smajtum il-Maltojn jejdew 'f'ħakke t'għajn' flok 'f'daqqe t'għajn'*, qalli darba. '*Dejk tof xe tfissirż*' U qabad jidħak. *'Int haw tħikk mewx dejn. Dejn ajnik terika!'* Għalhekk mela jgħidu '*mur aħsel għajnek*' u '*mur ħudu f'għajnek*'.

Ftit nagħtu kas tad-differenza fil-kliem. Min jaf kemm-il darba, jien stess għidt lil ħadd ieħor 'qattus ommok'. Bla ma qatt ħabat ma' moħħi li 'qattus' mhux 'qattûs'.

Għadni nġibhom quddiem għajnejja fuq il-bejt tagħhom lil Dun Ġużepp u lil ħutu, jissaraw ma' 'ħamiema' li kienet tħabblet ma' l-arblu tagħhom.

'*Men jof te men ej del ħamime! Ħallije, ħa nakbada jin!*'

Għall-bidu ħsibt li qabdu ħamiema mill-barumbara ta' Xaqqaq. Kienet, imma, ħamiema tal-karti. Bħal dik li kien jagħmlilna z-ziju Ġanni. Bil-kolla tad-dqiq u bil-qażab. Hekk konna ngħidulha, il-'ħamiema'. F'Malta, ġeneralment, jgħidulha 'tajra'. U, in-naħa taż-Żejtun 'manuċċa' u Ħal Lija 'fjamma'.

Dun Ġużepp, sadattant, mietulu ħutu u safa' waħdu. Madanakollu, ma tilifx l-umur ferrieħi tiegħu. Ċajtier kien u ċajtier baqa'. Kull parti tal-ġurnata. Fuq ix-xogħol u barra mix-xogħol. Kien beda jgħallem fis-Seminarju, iħabbat il-mużika fil-knejjes, u sar *maestro di cappella* fil-Katidral ta' Għawdex. Baqa' dejjem l-istess. Iċ-ċajtier ambulanti!

Anke, meta jkun iħabbat l-orkestra fil-knejjes. Jista' jkun waqt l-aqwa quddiesa bil-Gregorjan. Jekk kien jara l-Bażora dieħla l-knisja, imut 'kk ma jgħaddix xi ċajta! U l-istess jekk jara lill-isqof ħiereġ fuq l-artal bil-kappa mmejla ma jiddejjaqx fit-*Tantum Ergo*, bil-kantanti mitlufa fl-*andante* melodjuż tal-Perosi, flok '*...praestes fides supplementum ...*' ikanta '*... Dun Nikola moda waħdu ...!*' Kien jaqsam lil kulħadd bid-daħk. Darba, waqt il-kompieta, fuq il-presbiterju ħareġ qattus. Kien imgerrex u sa jibda inewwaħ. Biex jagħmel sinjal ħalli jwarrbuh, mill-orgni daqqilhom l-'*Quaranta quattro gatti*'!

Hekk kien baqa' sa mewtu dan l-Anġolin! Jidħak u jiż-żuffjetta, imma, qassis eżemplari! Anke jekk waqt iċ-ċajt!

Passiġġata Biblika - 25

*"Ħobżna ta' kuljum agħtina llum" (Matt 6:11)*

# IT-TEMA TAL-EWKARISTIJA

## fid-dawl tal-Analiżi Rettorika Biblika

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *Introduzzjoni*

F'dan l-istudju ser naraw ir-riċerka biblika l-iktar riċenti dwar it-tema tal-Ewkaristija, permezz ta' l-iżvilupp li sar fuq il-livell ta' metodu ta' interpretazzjoni biblika, permezz tal-metodu l-iktar riċenti tal-Analiżi Rettorika Biblika. Hemm diversi metodi u approwċji oħrajn għall-interpretazzjoni, fosthom il-metodu Storiku-Kritiku; l-approwċji bbażati fuq it-Tradizzjoni; ix-Xjenzi Umani bħal dawk tas-Soċjoloġija, tal-Antropoloġija Kulturali, u tal-Psikoloġija u Psikoanalitika; kif ukoll fuq il-Kuntest Bibliku. L-Analiżi Rettorika Biblika tidħol fl-isfera tal-metodu ġdid tal-Analiżi Letterarja li tinkludi ukoll l-Analiżi Narrattiva u l-Analiżi Semjotika.

### *L-Analiżi Rettorika Biblika u l-Ewkaristija*

Esponent bibliku ta' dan l-istudju tal-Analiżi Rettorika Biblika huwa l-ġiżwita Roland Meynet, Professur tal-Iskrittura Mqaddsa fl-Univeristà Gregorjana ġewwa Ruma. Din l-operazzjoni tpoġġi fil-beraħ il-kriterji letterarji u komunikattivi li bihom il-kittieb sagru kiteb il-Kelma ta' Alla. Biex nifhmu aħjar, il-kittieb sagru kellu jsegwi ċerti regoli, jiġifieri l-mentalità tal-letteratura u r-rettorika speċjalment dik semitika u dik griega ta' żmienu. Allura meta wieħed jiskopri x'kienu dawn ir-regoli tal-letteratura taż-żmien bibliku, wieħed jista' jifhem aħjar il-messaġġ prinċipali li ried iwassal il-kittieb sagru.



L-Analiżi Rettorika Biblika tikkonsisti billi wieħed jindika l-kompożizzjoni jew aħjar l-arkitettura tat-test bibliku, jiġifieri kif inhu mibni t-test, il-forma li għandu f'diversi livelli u r-relazzjoni li hemm bejn parti u oħra. Meta wieħed janalizza t-test u jiskopri r-relazzjonijiet interni u l-paralleliżmi li hemm fih, wieħed jista' jifhem iktar it-test.

• *Fuq il-livell ta' perikopa*

Inħarsu per eżempju lejn it-talba tal-missierna f'Matt 6:9-13 li huwa test komplut ta' ftit versi (perikopa) u li skond il-kriterji letterarji fiha seba' strofi, jew seba' talbiet żgħar kif ser naraw:

1. *"Missierna, li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek,*
2. *tiġi saltnatek,*
3. *ikun li trid int, kif fis-sema, hekka fl-art.*
4. *Ħobżna ta' kuljum agħtina llum.*
5. *Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru li min hu ħati għalina.*
6. *U la ddaħħalniex fit-tiġrib,*
7. *iżda eħlisna mid-deni.*

In-numru sebgħa fl-analiżi rettorika hu importanti, hu n-numru perfett, fejn ir-raba' wieħed, dak tan-nofs, aktarx ikun l-iktar importanti u jkun marbut mal-oħrajn, mat-tlieta ta' qablu u mat-tlieta ta' wara. Kif qegħdin naraw ir-raba' strofa, dik l-iktar importanti hija: "Ħobżna ta' kuljum agħtina llum", frażi li nistgħu norbtuha b'mod ċar mal-Ewkaristija. La darba din hi fiċ-ċentru tat-talba kollha, sinjal li din hija l-iktar frażi importanti, fejn għandna l-qofol tal-messaġġ. Dan jurina li l-Ewkaristija tgħaqqadna mal-Missier tas-Sema (l-ewwel parti tat-talba) u mal-proxxmu tagħna fuq din l-art (it-tieni parti tat-talba).

• *Fuq il-livell ta' kapitlu sħiħ*

Immorru għal test iktar twil, per eżempju l-passaġġ dwar il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu f'Matt 26:1-56,



fejn għandna dawn it-tliet partijiet f'kompożizzjoni konċentrika: l-ewwel parti minn 26:1-19 li hija paralleli mat-tielet waħda li hija minn vv. 36-56 u l-parti ċentrali li hija minn vv. 20-35 fejn bħala ċentru tagħha għandna ċ-ċelebrazzjoni tal-Għid, meta Kristu waqqaf l-Ewkaristija. L-istess insibu fit-testi paralleli li nsibu kemm f'Mark 14:1-52 fejn iċ-ċentru huwa vv. 22-25, l-aħħar ċena, u kemm f'Luqa 22:1-53 fejn iċ-ċentru huma vv. 25-30 fejn naraw id-diskors ta' Ġesù fuq is-servizz u l-qadi lid-dixxipli waqt l-aħħar ikla.

• *Fuq il-livell tal-ktieb sħiħ jew vanġelu*

Inħarsu issa ukoll lejn l-istruttura ta' vanġelu sħiħ per eżempju l-vanġelu ta' San Ġwann u meta napplikaw dan il-metodu ta' studju, ħafna elementi dwar l-Ewkaristija joħorġu fil-beraħ u iktar ċari. Il-vanġelu ta' San Ġwann jinqasam f'żewġ partijiet. L-ewwel parti mill-kapitli 1 sa 12 tissejjaħ: 'il-Ktieb tas-Sinjali' waqt li t-tieni parti mill-kapitli 13 sal-21: 'il-Ktieb tal-Glorja' fejn naraw il-passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu. Iċ-ċentru tal-ewwel ktieb huwa l-famuż kapitlu sitta dwar l-ewkaristija. Fit-tieni volum bħala ċentru għandna t-talba saċerdotali li Ġesù jagħmel waqt l-Ewkaristija biex ikun tassew glorja lil Missier, glorja tassew miġbura f'dan il-misteru hekk kbir tal-Ewkaristija.

L-istess jekk nitkellmu mill-vanġelu ta' San Mattew li jagħlaq il-vanġelu tiegħu bil-frażi: "U ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien (Matt 28:20) li hija l-istess frażi li jibda l-vanġelu fejn naraw l-arblu tar-razza ta' l-Għimmanu-El, Alla magħna (Matt 1:23). Ġesù hu tassew Alla magħna fl-Ewkaristija! Fil-bidu tal-vanġelu għandna l-adorazzjoni tal-maġi: "Meta daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, inxteħtu fl-art jadurawh, (bil-grieg: *prosekunesan auto*)" (Matt 2:11), u fl-aħħar tal-vanġelu naraw lill-appostli jaduraw lil Kristu Rxoxt: "Kif rawh, inxteħtu quddiemu, (bil-grieg: *auton prosekunesan*)" (Matt 28:17). F'dawn iż-żewġ estremi tal-vanġelu għandna ż-żewġ elementi qawwija tal-Ewkaristija li huma: il-Preżenza ħajja ta' Kristu, Alla magħna u l-Adorazzjoni; infatti għandna l-istess kelmiet fl-oriġinal bil-grieg. Nistgħu ngħidu l-istess ukoll għall-vanġelu ta' San Luqa fejn fil-bidu tal-vanġelu għandna l-innu ta' tifħir lil Alla mill-Madonna, il-Magnificat (Lq 1:46-55), u l-profezija ta' Żakkarija, il-*Benedictus* (Lq 1:68-79), li huma żewġ innijiet ta' radd il-ħajr; u fl-aħħar naraw id-dixxipli li quddiem Kristu Rxoxt: "nxteħtu fl-art jagħtuh qima, u mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn Ġerusalemm, u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku lil Alla" (Lq 24:52-53). Kemm fil-bidu u kemm fl-aħħar tal-vanġelu hemm mela elementi tal-Ewkaristija li tfisser 'radd il-ħajr' u 'tifħir', kif ukoll 'tbierek'.

## *Konklużjoni*

Mela anke l-metodu ta' interpretazzjoni l-iktar riċenti fl-istudju bibliku qed jagħti iktar dawl lill-messaġġ bibliku dwar l-Ewkaristija. Żgur mid-dawl li qed joħroġ mill-metodi ta' l-istudju bibliku, it-teoloġija biblika illum qegħda tkompli tiżviluppa iktar tagħrif dwar is-sagrament hekk nobbli tal-Ewkaristija.

*Biblijografija*

Brown, R.E., *The Gospel according to John*, I, II, AB 29 – 29a, New York 1966.

Bottini, G.C., *Introduzione all'Opera di Luca. Aspetti teologici*, Studium Biblicum Franciscanum Analecta 35, Jerusalem 1992.

Léon-Dufour, X., *Le partage du pain eucharistique selon le Nouveau Testament*, Paris 1982.

Meynet, R., *Jésus Passe. Testament, Jugement, Exécution et Résurrection du Seigneur Jésus dans les évangiles synoptiques*, Rhétorique Biblique 3, Roma – Paris 1999.

The Pontificial Biblical Commission, *The Interpretation of the Bible in the Church*, Vatican City 1993.

*Theological Dictionary of the New Testament*, G. Kittel – G. Friedrich (eds.), in C.D. ROM, Grand Rapids (MI) 2000.




# L-Istorja Soċjali tal-Mediċina

miġbura minn Dr. Mario Saliba

## (IT-TLETTAX-IL PARTI)

Minkejja l-użu tal-anestesija biddel il-kirurġija minn proċedura terribbli għall-proċedura passabbli, xorta kienu jmutu ħafna pazjenti wara l-operazzjoni minħabba infezzjonijiet. Kien **Ignaz Semmelweis** (1818 - 65) li nkwetat bin-numru ta' mwiet wara l-ħlas, innota li tobba u studenti kienu qed jidħlu ħdejn dawn il-pazjenti direttament mill-kamra mortwarja. Għalhekk huwa beda l-proċedura tal-ħasil ta' l-idejn qabel ma' wieħed jidħol ħdejn dawn il-pazjenti u anke l-ħasil ta' kwalunkwe strument qabel u wara li jintuża. B'hekk biss huwa naqqas ir-rata ta' l-imwiet drastikament. Iżda mhux lakemm idea ġdida tkun aċċettata. Tobba oħrajn ma ridux iniżżluha li huma stess qegħdin imexxu l-mard. Kien għalhekk li fl-1850 kellu jitlaq Vienna u imdejjaq u frustat spiċċa ġo manikomju! Din hija l-kefrija tal-ħajja. Il-ħolma ta' Semmelweis twettqet meta **Joseph Lister** (1827 - 1912) introduċa l-*antisettiċi*. Huwa kien jieħu ħsieb il-parti kirurġika tar-*Royal Infermery* ta' Glasgow fejn għamel l-ewwel prova meta fit-12 ta' Awissu 1865 uża l-*aċidu karboliku* fuq tifel ta' 11-il sena James Greenlees li kien weġġa' riġlu meta għadda karettun minn fuqha. Il-ferita, huwa xarrabha bil-*aċidu karboliku* u fi żmien erbat ijiem il-ferita fieqet. Huwa ppubblika dak li għamel fil-*Lancet fil*-1867. Il-prinċipji ta' Lister tpoġġew għall-prattika waqt il-*Gwerra Franco-Russa* (1870 -71). Il-Ġermaniżi li użaw il-proċedura ta' Lister kellhom riżultati aħjar u inqas suldati mietu mill-Franċiżi li ma aċċettawx dak li qal Lister (ovjament Franċiż qatt ma ħamel Ingliż).



Sal-1890 il-kirurġija bi strumenti nodfa u idejn indaf saret l-użanza normali u kimiċi oħrajn u metodi oħrajn bħal tgħollija fil-fwar tal-misħun ta' l-istrumenti li ħareġ biha **Koch** fl-1881 segħtet issir b'inqas periklu ta' infezzjonijiet. L-*ingwanti tal-gomma* waqt l-operazzjonijiet bdew jiddaħħlu fi żmien il-kirurgu famuż Amerikan **William S. Halsted** (1852 - 1922) tista' tgħid b'aċċident. Ġara li waħda min-nersis tiegħu *Calorine Hampton* li kienet tgħinu waqt l-operazzjonijiet gergret li l-melħ likwidu tal-merkurju li kienet taħsel idejha bih qabel l-operazzjoni kien qed jagħmlilha raxx. Huwa (peress li kien jieħu ħsiebha ħafna għax wara spiċċa żżewwiġha) ordnalha par ingwanti tal-gomma mingħand il-kumpanija li tagħmel it-tajers tal-karozzi *Goodyear*. It-tobba l-oħrajn bdew jużaw dawn l-ingwanti u biż-żmien indunaw li l-ingwanti huma mezz kif tevita infezzjonijiet fil-pazjent waqt operazzjoni! Bl-użu tal-l-oppju u l-antisettiċi bdew isiru iktar operazzjonijiet u l-istess Halsted beda jagħmel operazzjonijiet kbar fuq is-sider u anke fl-intern. L-operazzjoni tal-*appendiċite* kienet żviluppata u fl-1902 ir-*Re Dwardu II* kien operat ftit qabel l-inkurunazzjoni tiegħu meta nfaqgħetlu l-appendiċite. Mela ommu, r-Reġina Victoria, fetħet lt-triq għall-użu tal-loppju meta welldet lil ħuh Leopald u r-Re Dwardu II gawda mill-iżviluppi moderni li kienu jseħħu fil-kamp tal-kirurġija. L-operazzjoni tat-tneħħija tal-ġebel mill-marrara kienet introdotta fil-1882 u l-istess sar fil-każ ta' operazzjonijiet oħrajn bħal tal-prostata u t-tneħħija tat-tumuri mill-imsaren. Fost il-ħafna kirurgi li kien hemm xi uħud minnhom ġew ippremjati b'unuri kemm akkademiċi kif ukoll mill-gvernijiet. Tnejn minn ta' l-ewwel li rebħu l-Premju Nobel kienu **Theodore Kocher** fl-1909 u **Alexis Carrel** f'1911.

Imma bla dubju l-akbar skoperta li għenet immens mhux biss lill-kamp tal-kirurġija imma lill-qasam mediku kollu kienet l-iskoperta tar-*raġġi X* minn **Wilhelm Rontgen** fl-1895. Sena wara bdew jużaw ir-raġġi kontra l-marda qerrieda tal-kanċer. Fil-1900 **Willem Einthoven** mill-Olanda ivvinta l-ewwel magna li biha tkun tista' tieħu ritratt tal-qalb. Il-magna tal-*ultra sound* kienet żviluppata fl-Amerika u l-iSvezja f'nofs is-snin 50 u **l-CAT-scan** fil-1972 minn **Godfrey Hounsfield** u fl-aħħar il-**PET** u l-**MRI** żewġ magni moderni li l-użu tagħhom illum sar komuni u indispensabbli għat-tobba biex jagħmlu d-dijanjosi u

jikkuraw il-mard. Għalhekk sal-bidu tas-seklu 20 il-mediċina ġa kienet ħadet xejra moderna u kienet imsaħħa bl-użu ta' numru ta' magni sofistikati.

Għodod oħrajn komplew jiġu żviluppati u vvintati. It-teknoloġija għenet ħafna kemm lill-kirurġija kif ukoll lill-mediċina in ġenerali. Il-qasam tal-*fibre-optics* fis-snin 70 kien rivoluzzjonarju biex it-tobba jkunu jistgħu jittawlu fl-organi tal-ġisem mingħajr ma jkun hemm bżonn li l-ġisem jinfetaħ. U fl-aħħarnett l-invenzjoni tal-***lazer***, dik is-'sikkina optika' li permezz tagħha t-tobba jagħmlu l-mirakli. Illum grazzi ta' dawn l-invenzjonijiet kollha l-kirurġija saret kamp modern immens u wasalna fi stadju li ħafna mill-operazzjonijiet jsiru permezz ta' strumenti bid-dawl mingħajr ma ssir fetħa. Din il-proċedura tal-għaġeb tissejjaħ *keyhole surgery.* Permezz tagħha l-pazjent ibati anqas u jdum l-isptar ferm anqas, ħafna drabi ġurnata waħda biss. Barra minnhekk jirkupra iktar malajr u jkollu inqas komplikazzjonijiet.

Anke fiż-żminijiet moderni l-gwerer indirettament għenu biex ċerti tipi ta' kirurġija tavanza 'l quddiem bħal fil-każ tal-kirurġija plastika. Żewġ kirurgi kbar f'din l-ispeċjalita' tal-kirurġija rekonstruttiva kienu **Sir Harold Gillies** fl-Ewwel Gwerra u **Archibald Hector McIndoe** fit-Tieni Gwerra. L-istess ġara fil-każ tal-banek tad-demm u t-trasfużjoni tad-demm minn bniedem għall-bniedem ieħor iddaħħlu fi żmien it-Tieni Gwerra. Fl-istess ħin l-invenzjoni ta' l-antibiotiċi wara t-Tieni Gwerra bdew jagħmlu l-kamp kirurġiku iktar ħieles minn komplikazzjonijiet. It-trabi li kienu jitwieldu blu minħabba toqba f'qalbhom issa setgħu jkunu operati. L-ewwel operazzjoni ta' dan it-tip saret f'John Hopkins Hospital f'Amerika fl-1944. Issa l-kirurgu beda jkabbar il-kamp tiegħu billi jbiddel partijiet minn organi li kienu morda. Hekk bdew isiru l-bdil tal-valvoli tal-qalb (1952). L-ewwel *pacemaker* jew batterija tal-qalb kienet użata fl-1959 minn **Rune Elmqvist** fl-Svezja. Saru l-ewwel ġogi artifiċjali tal-irkoppa u l-ġenbejn (1961) u t-trapjanti ta' l-organi saret xi ħaġa ta' kuljum. Illum l-operazzjonijiet tal-*bypass* fil-qalb saru komuni. F'Malta illum it-tobba tagħna kapaċi jagħmlu dawn l-operazzjonijiet ukoll u operazzjoni tal-*bypass* isiru madwar 12 kull ġimgħa li jġibu medja ta' 600 fis-sena li huwa numru sustanzjali għall-popolazzjoni ta' Malta.

Kien fl-1954 li l-ewwel trapjant tal-kliewi sar minn **Joseph Murray** f'Boston l-Istati Uniti ta' l-Amerika. L-ewwel operazzjoni ta' trapjant tal-qalb saret mill-kirurgu mill-Afrika t'Isfel **Christian Barnard** (1922 -2001) fit-3 ta' Diċembru, 1967 fuq Louis Washkansky sid ta' ħanut tal-merċa li miet wara 18-il ġurnata. It-tieni operazzjoni ta' Barnard, xahar wara, kienet iktar suċċess u l-pazjent għex 563 ġurnata. Sa l-aħħar ta' l-1970 l-operazzjonijiet tat-trapjanti tal-qalb saru komuni u l-pazjenti bdew igħixu għal snin sħaħ. F'Malta l-ewwel operazzjoni ta' trapjant tal-qalb saret fil-1998 minn tim mediku kollu Malti mmexxi mill-kirurgu tal-qalb **Alexander Manche'**. Fl-1968 sar l-ewwel trapjant tal-fwied fl-Ingilterra minn **Sir Roy Caine** u l-kamp tal-kirurġija daħal f'fażi ġdida.




Kien fl-1978 meta *Louise Brown* twieldet fl-Isptar Ġenerali ta' Oldham bħala riżultat ta' fertilizzazzjoni artifiċjali u għalhekk kienet l-ewwel *test-tube baby.* It-tobba pijunieri f'dan il-metodu huma **Patrick Steptoe** u **Robert Edwards**. Dan il-metodu fetaħ toroq ġodda u ħoloq problemi etiċi fil-qasam tal-fertilità. Illum wasalna fiż-żmien li għax-xjenza kollox huwa possibbli u l-bniedem sa wasal biex joħloq koppja tiegħu stess permezz tal-*cloning.* Ix-xjenza u t-teknoloġija flimkien mal-mediċina illum kisbu progress tal-għaġeb u waslu biex mhux biss ifejqu l-bniedem minn ħafna marda, iżda wkoll biex taħt ħafna aspetti jiddeterminaw l-evoluzzjoni tiegħu u anke ta' l-umanità permezz ta' manipulazzjoni ġenetika u interventi fuq l-embrijoni.

Hawn irridu niftakru li mhux dak kollu li tippermetti x-xjenza u l-mediċina huwa moralment leċitu. Huma ħafna l-każi fejn il-mediċina moderna tidħol f'dilemmi etiċi kbar u hawn irridu naraw sa fejn aħna bħala nsara nistgħu naslu. Iktar ma' jgħaddi ż-żmien iktar donnu l-bniedem qed jagħmilha ta' Alla. L-avanzi li għamlet il-mediċina kienu ta' ġid kbir għall-umanità. Il-bniedem iżda jrid jibqa' jagħraf il-limitazzjonijiet tiegħu u ma għandux iħalli s-suppervja tiegħu tibdlu fil-monstru ta' Frankenstein.

Minkejja li l-mediċina għamlet passi ta' ġgant biex tfejjaq kull xorta ta' mard biex dejjem iktar ittawwal il-ħajja tal-bniedem ta' spiss tisma' dwar tobba u xjentisti li wettqu għemejjel biex jeqirdu l-ħajja bħalma jsir fl-abort u l-ewtanasja. Illum il-qasam tal-mediċina qiegħed jiffaċċja problemi ta' etika u sfortunatament xi drabi d-deċizjonijiet li jittieħdu f'isem il-mediċina ma' jkunux favur il-ħajja.

## *L-Isptar fil-Mixja tal-Mediċina*

L-isptar tallum huwa bħal knisja jew tempju tar-reliġjon. Huwa l-qalba ta' dak kollu li jsir fil-mediċina, il-post fejn tingħata l-kura u fejn it-tobba juru l-ħila tagħhom u fejn illum issib l-aqwa magni u laboratorji - ovjament bi speċjeż kbar għall-pajjiż. Fil-pajjiżi żviluppati l-isptar jibla' il-maġġor parti tal-baġit tas-saħħa. Għalhekk l-infiq fis-servizzi tas-saħħa huwa dejjem suġġett politiku u ta' kontroversja bejn l-imseħbin soċjali u ma jonqosx li l-isptarijiet spiss ikunu fl-aħbarijiet.

Imma jekk l-isptar imgħammar b'kull apparat sofistikat huwa l-aqwa ħaġa li jista' jkollu pajjiż, mhux dejjem hekk kien. Il-mediċina fl-antik mhux minn dejjem ħasset il-bżonn ta' l-isptarijiet u xi minn daqqiet kien hemm min kellu d-dubju dwar il-valur tagħhom!

Fil-Greċja tal-qedem kellhom l-*asklepeia* li kif rajna kienu postijiet fejn kienu jmorru l-morda, imma dawn kienu ferm 'il bogħod minn postijiet ta' kura anzi kienu mwarrbin minn Ippokrate u s-segwaċi tiegħu. F'Ruma Antika kien hemm xi forma ta' sptarijiet,imma dawn kienu l-iktar għas-suldati feruti u l-iskjavi. Kien fi żmien il-Kristjaneżmu li l-Knisja bdiet tibni djar għall-kura tal-morda. Dawn biż-żmien saru l-isptarijiet tallum.

*(jissokta)*

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# *Kan. Franġisk Mercieca (1805-1872)*

## *3. Imut b'fama ta' qaddis*

Il-ħajja fuq din l-art hija qasira u għalhekk kull bniedem li jitwieled jasal il-ħin li jidħol fl-eternità.

Dun Franġisk ħassu ħażin fit-8 jew id-9 ta' Novembru 1872. Minn jeddu talab il-Vjatku, li sar bil-għaġla u mingħajr sollennità kbira. Għadda ġimgħa fis-sodda sakemm miet. Manuskritt anonimu li nkiteb matul il-kawża ta' Beatifikazzjoni jgħidilna:"Matul il-marda tiegħu huwa wera ruħu dejjem ferħan. Kien il-ħin kollu jerfa' l-menti tiegħu lejn Alla. B'ġakulatorji ta' spiss kien jirringrazzja lil Alla għall-benefiċċji kollha li kien irċieva. Kien anki jħeġġeġ lil dawk li kienu jassistuh biex iħobbu dejjem lil Alla u ma jinsewh qatt.

Fil-15 ta' Novembru, għall-ħabta tat-tlieta jew l-erbgħa ta' wara nofsinhar, ried li jagħmlulu l-Griżma tal-Morda, iżda billi kien għadu f'sensih, ma nħassitx l-urġenza. Ta' min jinnota li din kienet titħalla sa l-aħħar u mhux tingħata bħal-lum. Imbagħad għall-ħdax ta' bil-lejl ħass għafsa ta' qalb kbira. Sejħu lill-Viċi-parroku u, filwaqt li kien qiegħed jagħmillu l-Griżma tal-Morda, il-Kan. Franġisk Mercieca ngħaqad mal-Mulej. Għalhekk il-Kan. Mercieca miet fil-15 ta' Diċembru 1872 fil-11.30 ta' filgħaxija.

Il-għada ħafna nies marru jarawh. Dakinhar stess ittieħed il-Katidral mill-Kapitlu flimkien ma' folla kbira ta' nies. Hemmhekk saritlu quddiesa. Imbagħad ittieħed privatament biex jindifen fil-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini. Huwa stess kien iddispona dan meta kien għadu terzjarju Franġiskan. Imbagħad l-Isqof ta' Għawdex Pietru Pace ordna biex il-fdalijiet tiegħu jinġiebu mill-knisja tal-Kapuċċini u jitqiegħdu f'qabar li huwa stess kien ħejjielu fil-kappella tas-Ssmu Sagrament.

"*Il-Portafoglio Maltese*", ġurnal magħruf ta' dak iż-żmien, ħabbar b'dan il-mod il-mewt tal-Kan. Mercieca:

Miet fil-bewsa tal-Mulej, is-Sibt 14 ta' dan ix-xahar, fir-Rabat ta' Għawdex, il-Kanonku Kapitolari tal-Katidral ta' dik id-Djoċesi, Dun Franġisk Mercieca. Il-mejjet kien saċerdot żelanti u ħaddiemi, ċittadin integru u patrijott kollu ħeġġa; kien maħbub u meqjum minn kull min kien jafu, għall-virtujiet tiegħu nisranija mill-aħjar. Il-kadavru tiegħu, akkumpanjat mill-Għawdxin l-aktar rispettabbli, tant ekkleżjastiċi kemm lajċi, indifen fil-knisja tar-RR. Patrijiet Kapuċċini. Ministru tal-Knisja Għawdxija tant distint u tant meqjum huwa denn li jkollu funeral sollenni, b'diskors funebri, fil-Knisja Katidrali li magħha kien jagħmel. Din hija xewqa ta' l-Għawdxin kollha li l-Isqof denjissimu ta' dik id-Djoċesi ma jonqosx li jissodisfa għall-imħabba tal-poplu tiegħu (20/12/1872, p.3).

Il-Kan. Franġisk Mercieca miet f'fama ta' qaddis, tant li nbdiet il-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu. Kellhom jissejħu 120 persuna biex jagħtu x-xhieda tagħhom. Iżda, għal raġunijiet li ma nafux x'inhuma eżattament, il-proċess waqaf.

L-imsemmi manuskritt li nkiteb waqt il-kawża tal-beatifikazzjoni jgħidilna: "Malli s-Serv ta' Alla miet, laħqet kullimkien il-fama li xterdet. F'Għawdex kollu ntqal li kien miet il-faraġ tal-fqir, missier l-imnikktin, il-kunsillier ta' kulħadd, u fil-gżira ma jkun hawn qatt aktar saċerdot ieħor bħall-Paċikan[1] kif kienu jsejħulu."

[1]Il-Kan. Franġisk Mercieca kien magħruf bħala "il-Paċikan". Dan il-laqam kien ingħatalu billi kien jipprova jħabbeb lill-familji li fihom kien ikun hemm l-inkwiet.

*(Din is-sensiela ta' artikli fuq il-Kan. Franġisk Mercieca hija msejsa fuq il-ktieb ĠAWHRA MILL-GĦASRI, ta' Mons. Anton Gauci, Għawdex 1988).*

***Angelo Xuereb***

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**



# Bejnietna n-Nisa

**Tiktbilna SUSAN MULVANEY**



## *DIN HIJA S-SENA TAGĦNA N-NISA*

Waqt li l-media internazzjonali tal-*lifestyle* tgħidilna li l-2007 hi s-sena tal-femminilità, il-politiċi qed ibassru li din hi s-sena tagħna n-nisa fil-qasam internazzjonali fejn mhux biss inkissru dak is-saqaf immaġinarju "tal-ħġieġ", iżda skond l-ewwel *Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti Amerikana se "nifqgħu issa - saqaf ta' l-irħam", kif propju għamlet hi meta daħlet fil-kariga wara 200sena.

L-*Ispeaker* Nancy Pelosi, tal-Partit Demokratiku rebbieħ ta' l-elezzjonijiet ta' nofs il-leġiżlatura Amerikana f'Novembru li għadda, għandha sitta u sittin sena, hi omm ta' ħamest itfal u nanna ta' sitta.L-aħħar neputija titwieled propju hekk kif spiċċat tiċċelebra r-rebħa. Qalet li l-aħjar taħriġ li ħadet għall-kariga l-ġdida kien li kellha ħamest itfal f'sitt snin. "Meta wliedi kienu żgħar, l-aktar ħaġa prezzjuża kien il-ħin. Ridt nagħraf inqassmu tajjeb u dan se jgħinni fil-Kamra."

Imlaqqma "iż-żarina", Pelosi hija Italo-Amerikana u Kattolika, iżda jikkritikawha għax mhix kontra l-abort.

Fl-elezzjonijiet ta' Novembru 2006, in-nisa għamlu avanzi kbar. Ikkontestaw 2,433 postijiet fis-Senat, il-Kamra tar-Rappreżentanti u għall-gvernaturi ta' stati. Fis-Senat Amerikan se jgħoddu 16 fil-mija waqt li fil-kamra jinsabu 70 minn 435. Minn 50 ħatra ta' gvernatur, in-nisa ħadu disgħa.

Illum fid-dinja ħafna huma l-leġiżlaturi fejn hemm kwantità ta' parlamentari nisa. Skond l-*Inter-Parliamentary Union* fir-Rwanda hemm l-akbar numru, 49 fil-mija. Fl-Amerika Latina hemm kwantità fl-Arġentina, l-Ekwador, Kuba, il-Messiku u l-Venezwela. Fl-Asja nsibu għadd ġmielu, fiċ-Ċina, il-Korea ta' Fuq, u l-Vjetnam. Anki d-demokraziji l-ġodda ta' l-Afganistan u l-Iraq għandhom nisa parlamentari aktar milli hemm fl-Istati Uniti.

Fis-6 ta' Jannar li għadda tħabbar li l-assistent Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti hija wkoll mara: Asha-Rose Migrio, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tat-Tanzanija. Is-Segretarju Ban iddeskriva lil Migirio bħala "mexxejja rispettata li ħadmet ħafna għall-kawża tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw". Hija se jkollha f'idejha l-*management* u l-amministrazzjoni tal-organizzazzjoni.

Għal darba oħra fl-istorja wkoll għandna mara bħala direttur ġenerali ta' aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti - iċ-Ċiniża, Margaret Chan, ta' l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa. Esperta fil-qasam ta' l-influwenza tat-tjur, Dr .Chan hija minn Hong Kong. Hija qalet li l prijoritajiet tagħha huma l-Afrika u n-nisa, b'mod partikolari n-nisa Afrikani.

Hija qalet lill-gazzetta *South China Morning Star* li "l-Afrika hija mifnija mill-marda ta' l-*AIDS*, gwerer u faqar, u pandemija f'dawn il-kundizzjonijiet tkun katastrofika." Chan ħadet il-ħatra flok is-Sud Korean Lee Jong-Wook li miet bla mistenni s-sena l-oħra meta kien għadu fil-kariga.

Tard f'Diċembru 2006 kellna l-ħatra fit-Tuneżija ta' Maya Eljeribi biex tmexxi l-Partit Demokratiku Progressiv, il-partit ewlieni ta' l-oppożizzjoni. Hija l-ewwel mara li qed tmexxi partit politiku fit-Tuneżija minkejja r-reputazzjoni ta' dan il-pajjiż bħala wieħed mill-aktar avanzati fejn jidħlu n-nisa. Eljeribi hija t-tieni mara li qed tmexxi partit politiku fl-Afrika ta' Fuq għax l-ewwel waħda kienet Luisa Hanoun tal-Partit tal-Ħaddiema ta' l-Alġerija.

Meta kkummentat dwar il-ħatra tagħha, Eljeribi qalet li din hija opportunità oħra għan-nisa fit-Tuneżija biex ikollhom sehem sħiħ fis-soċjetà billi jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom mhux biss minn għaqdiet u *unions* tal-ħaddiema iżda billi jieħdu sehem attiv fil-partiti politiċi li jinsabu fl-oppożizzjoni.

Hija qalet li l-prijoritajiet tagħha huma li jinħelsu l-priġuniera politiċi kollha u li jsiru emendi kostituzzjonali li jiggarantixxu l-libertà ta' l-espressjoni.

Fl-Iran ukoll hemm ċaqlieqa: Mehrnoiush Najafi, attivista fil-ġlieda għad-drittijiet tan-nisa, dan l-aħħar rebħet post fl-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta' Hamedan. *Eteraz* tirraporta lil Najafi tikteb fil-*blog* li għandha fuq l-Internet (li huwa biss bl-Għarbi) dwar l-importanza tas-sehem tal-mara fil-politika Iranjana u appellatilhom biex ma joqogħdux jistennew sakemm jagħtuhom dan is-sehem iżda għandhom jaħdmu għalih billi juru involviment. "Jekk noqogħdu nħarsu mill-ġnub u ma noħorgux naħdmu fin-nofs mhux se naslu."

Ir-rebħa ta' Najafi fl-elezzjonijiet hija meqjusa bħala rebħa għall-femministi li s-sena l-oħra kellhom jiġġieldu kontra l-brutalità tal-pulizija kontra l-attivisti nisa u kontra t-tħaġġir fl-Iran.

Fl-Emerati Għarab Magħquda, mara ġiet eletta wkoll fl-ewwel elezzjoni nazzjonali li qatt saret fil-pajjiż. *Gulf News* tirrapporta li Amal Abdullah al-Kubaissi. Perit, rebħet siġġu fil-Kunsill Nazzjonali Federali.Kienet waħda minn 438 kandidat li fosthom kien hemm 62 mara. Fl-Emerati, in-numru ta' dawk li jistgħu jivvutaw huwa limitat: skond *Middle East Online* minn madwar 300,000 li għandhom 18-il sena jew aktar, 6,695 biss intgħażlu mill-emerati rispettivi biex jivvutaw.

Fl-Ingilterra kellhom jgħaddu 522 sena biex jitkisser tabù ieħor: mis-sajf li ġej, bħala gwida fit-Torri ta' Londra se jkun hemm mara - l-ewwel waħda li se jkollha dan il-privileġġ minn meta, fl-1485, Henry VII ifforma l-gwardji wara r-rebħa militari f'Bosworth.

Din il-mara se taqla' madwar €36,000 fis-sena, u se jkollha appartament fit-torri. Se titgħallem bl-amment l-istorja tat-torri biex tkun tista' tagħti informazzjoni lit-turisti li jżuruh li jlaħħqu 'l fuq minn żewġ miljuni fis-sena. Ħafna minnhom jippużaw mal-*Beefeaters* għar-ritratti.

Bin-nomina ta' din il-mara, li s-*Sun* isserrħilna rasna li ħadet din il-kariga għax kienet l-aħjar fost sitta li applikaw (il-ħamsa l-oħra kienu rġiel), anki l-korp tal-*Yoeman Wardens*, li dejjem kellu x-xogħol li jħares it-torri, infetaħ għall-ugwaljanza.

Nota ta' l-aħħar : mhux kollox huwa ward u żahar. F'ħafna pajjiżi għad fadal ħafna xi jsir. Fuq quddiem nett għandna l-problema tal-għuħ fid-dinja li l-Papa Benedittu qalilna li huwa " skandlu li jidher li qed jiggrava u li huwa inaċċettabbli." Imbagħad is-saħħa tal-mara fejn, fil-kwestjoni ta' l-*AIDS*, tmur dejjem minn taħt. U wkoll nuqqasijiet għas-saħħa tan-nisa fil-Lvant Nofsani, fosthom in-nuqqas ta' ginekoloġi fl-Iran u l-Palestina.

*APPREZZAMENT (1)*

# Kan. Dun Manwel Galea



*Kien kmieni nhar is-26 ta' Frar 2007 meta l-qanpiena l-kbira tal-Bażilika tax-Xagħra daqqet it-tokki tal-mewt ta' saċerdot. Ġriet l-aħbar li miet il-Kan. Dun Manwel Galea.*

*Il-Mulej għoġbu jżejjen lil Dun Manwel b'ħajja ta' 52 sena saċerdozju u b'ministeru partikolari fost it-tfal fil-Parroċċa ta' Għajnsielem u fl-istampa t-tajba.*

*Il-funeral sar nhar is-Sibt 28 ta' Frar 2007 fil-Bażilika tax-Xagħra fejn ħadu sehem madwar ħamsin saċerdot. Ħa sehem l-Isqof t'Għawdex Monsinjur Mario Grech li fl-orazzjoni funebri semma l-kwalitajiet sbieħ li kien mogħni bihom Dun Manwel Galea. Iżda min kien Dun Manwel? Dun Manwel kien missier ta' bosta tfal u ġuvintur fl-Istitut ta' San Ġużepp ġewwa Għajnsielem Għawdex. Għal 30 sena sħaħ kien id-Direttur ta' dan l-Istitut. Fl-1956, Dun Manwel waqqaf l-istamperija Orphans Press (llum Gozo Press) li hija tad-Djoċesi Għawdxija. Dan għamlu sabiex il-ġuvintur ta' l-Istitut isibu fejn jaħdmu. It-twaqqif ta' l-istamperija u l-ħidma fiha jqegħdu lil Dun Manwel bħala pijunier fil-qasam tal-pubblikazzjoni f'Għawdex u fit-tixrid ta' l-istampa t-tajba.*

*Min jaf kemm Dun Manwel saqqaf wiċċu biex jitma' dawk it-tfal iltiema kollha li kienu numerużi. Iżda huwa qatt ma qata' qalbu. Dejjem ittama fil-providenza ta' Alla. Wara l-bews tal-Kurċifiss fuq it-tebut, kif inhi d-drawwa fix-Xagħra, telgħet fuq il-Presbiterju persuna li kienet fl-Istitut ta' San Ġużepp. Bid-dmugħ f'għajnejh irringrazzja lil Dun Manwel għax kien missieru fl-Istitut. Mur strieħ Dun Manwel għax għall-ġid li għamilt fuq din l-art jistħoqqlok il-premju ta'dejjem. Inti li qiegħed il-ġenna, itlob għalina li aħna midinbin.*

***Raymond Mifsud***

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

MARIO DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

John Portelli Enterprises Ltd.
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

## APPREZZAMENT (2)

# Patri Vitor Buhagiar OFM Cap.



*Hu fittex li jħobb 'l Alla, u għalhekk Alla ħabbu, u, billi kien jgħix fost il-midinbin, Alla ħadu miegħu (Għerf 4, 10). Dan il-kliem mill-Kotba Mqaddsa huwa ta' faraġ kbir għalina l-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini; issa li Patri Vitor jinsab f'dar il-Missier tagħna tas-Sema wara li temm il-ħajja tiegħu fuq din l-art.*

*Patri Vitor twieled fl-10 ta' Diċembru 1917 fix-Xagħra, Għawdex. Il-ġenituri tiegħu kienu Louis u Antonia nee' Gauci. Fil-magħmudija tawh l-isem ta' Lawrence. Fl-1 ta' Jannar 1936 daħal mal-Franġiskani Kapuċċini. Is-sena tan-novizzjat għamilha fil-kunvent tal-Madonna tal-Grazzja fil-Belt Victoria. Wara kompla l-istudji tiegħu fil-kunvent ta' Santa Liberata fil-Kalkara. Fit-23 ta' Settembru 1944 ġie ordnat saċerdot mill-E.T. Mons Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta.*

*Fil-ħajja reliġjuża wettaq diversi ministeri. Fis-sena 1959 kien magħżul bħala Gwardjan fil-fraternità ta' Għawdex. Tliet snin wara sar Gwardjan fil-kunvent tal-Kalkara. Bħala saċerdot Kapuċċin wettaq ħafna snin ta' ħidma pastorali fl-isptarijiet. Patri Vitor żgur li jibqa' mfakkar għall-ħidma li wettaq bħala kappillan fl-isptar San Luqa. Ġo dan l-isptar għadda 'l fuq minn tletin sena u fl-istess żmien kien jagħmel parti mill-fraternità ta' Għawdex.*

*Fil-ħidma li wettaq ġo l-isptarijiet, Patri Vitor ġie f'kuntatt ma' eluf ta' morda ta' kull età u ta' kull strata tas-soċjetà. Huwa kellu tjubija u stima kbira għall-morda. Il-kelma sempliċi u ħelwa tiegħu kienet tnissel ferħ u paċi fil-kuxjenza tagħhom. Fl-appostolat tiegħu kien isib ħin biex jgħid kelma tajba lill-membri ta' l-istaff ta' l-isptar u lill-qraba tal-morda li ħafna drabi huma wkoll jgħaddu minn żmien ta' tensjoni u tbatija. Il-ministeru ta' kappillan fl-isptar San Luqa baqa' jwettqu b'tant ġenerożità u imħabba sa ma kellu 76 sena. Din id-dedikazzjoni tiegħu kienet apprezzata u rikonoxxuta wkoll meta fl-2003 kien fost dawk nominati għall-Premju Anzjan tas-Sena.*

*Patri Vitor għamel ħafna ġid spiritwali fejn is-sodda tal-marid, però daqstant ieħor għamel ġid meta huwa stess kien marid fost il-morda fid-Dar ta' l-Anzjani tas-sorijiet Dumnikani, fir-Rabat Għawdex. Hawn, għal ħames snin kien mogħti ħafna attenzjoni u kura mis-sorijiet u mill-membri ta' l-istaff ta' din ir-residenza. Huwa kien rassenjat mal-volontà t'Alla u sofra ħafna fis-skiet u b'kalma kbira. Waqt din il-prova wera biċ-ċar kemm kien konvint mill-misteru tas-sofferenza fil-ħajja tan-nisrani.*

*Fl-4 ta' Frar 2007 Patri Vitor ġie rikoverat fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Il-Ġimgħa, 23 ta' Frar 2007, waqt li Malta u Għawdex kienu qed jesprimu l-ferħ tagħhom bid-daqq tal-qniepen għall-qdusija tal-Beatu Ġorġ Preca, Patri Vitor beda l-agonija tiegħu, assistit minn Fr. Joe Libreri u min-neputi tiegħu Fr. Gerard Buhagiar, sakemm dakinhar stess fis-1.30p.m. il-Mulej li hu għani fil-ħniena sejjaħlu fi ħdanu.*

*Il-funeral tiegħu sar il-Ħadd, 25 ta' Frar, fil-Bażilika ta' Marija Bambina, ix-Xagħra. Ippresieda l-konċelebrazzjoni l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, assistit mill-Ministru Provinċjal, Fr. Joe Alessandro, li għamel l-omelija, u min-neputi tiegħu, Fr Gerard Buhagiar. Madwar 55 saċerdot, Reliġjużi u Djoċesani, ħadu sehem fil-quddiesa. Fosthom il-Kanċellier, Mons. Salvino Debrincat, delegat ta' l-Isqof għar-Reliġjużi, u l-Arċipriet tax-Xagħra, Mons. Carmelo Refalo. Wara l-quddiesa, il-Gwardjan tal-Kapuċċini, Fr. Joe Libreri, akkumpanja l-kadavru għaċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fir-Rabat, fejn il-fdalijiet ta' Patri Vitor qegħdin jistrieħu fil-qabar tal-Patrijiet Kapuċċini.*

*L-għada, it-Tnejn, 26 ta' Frar, fis-6.00p.m. fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, saret quddiesa konċelebrata mill-Patrijiet Kapuċċini tal-Fraternità ta' Għawdex preseduta minn Fr. Gerard Buhagiar bħala suffraġju għar-ruħ Patri Vitor. Jiena nemmen li Patri Vitor Buhagiar meta deher quddiem il-Ħallieq semgħu jgħidlu "Idħol Patri Vitor fis-saltna tiegħi għax meta jien kont marid int ġejt maġenbi."*

***Fr. Joseph Libreri O.F.M. Cap.***

*APPREZZAMENT (3)*

# Mons. Ġużeppi Borġ



*Monsinjur Borg twieled il-Fontana fl-4 ta' Novembru 1912 minn Ġorġ u Franġiska neè Borġ u kien tifel uniku fil-familja. Minn ċkunitu wera sinjali ta' tifel miġbur u attent dejjem biex jagħmel id-dmirijiet tiegħu bħala student u bħala nisrani. Kien abbati ma' l-ewwel kappillan tal-parroċċa tal-Fontana Dun Ġużepp Hili u studja fis-Seminarju Minuri u s-Seminarju Maġġuri t'Għawdex sakemm laħaq saċerdot u ġie ordnat mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Mikiel Gonzi fit-3 ta' Ġunju 1939.*

*L-ewwel snin wara l-ordinazzjoni tiegħu huwa kien jgħallem il-Latin fis-Seminarju u wettaq ħidmiet ta' apostolat fil-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù. Meta kien Assistent Ekkleżjastiku taż-żgħażagħ tal-Azzjoni Kattolika, kien assidwu fil-laqgħat li kien jagħmlilhom fiċ-ċirklu li ma kienx ilu wisq li nbena.*

*Kien għadu fl-aħjar tiegħu meta fl-1948 l-Isqof Monsinjur Gużeppi Pace ħatru Kappillan tal-parroċċa ta' l-Għasri. F'din il-parroċċa barra mill-attività pastorali ta' l-amministrazzjoni tas-sagramenti u tax-xandir tal-kelma huwa mexxa ħafna 'l quddiem l-apostolat tal-lajċi permezz ta' l-għaqdiet ta' l-Azzjoni Kattolika u tal-"Figlie di Marija". Bit-tħabrik tiegħu nbniet it-koppla majestuża tal-Għasri fuq il-pjanta tal-Perit Bondi'.*

*Fl-1956, wara xi snin ta' ħidma fil-parroċċa ta' l Għasri, Dun Ġużepp Borġ ġie magħżul ragħaj spiritwali tal-parroċċa ta' l-Gharb fejn dam ghal tlieta u tletin sena. Fost il-ħidmiet tiegħu f'din il-parroċċa ta' min isemmi ż-żelu li kellu għall-vokazzjonijiet kemm dawk saċerdotali kif ukoll reliġjużi. Kien jagħti importanza kbira lill-katekiżmu mhux biss tat-tfal iżda wkoll taż-żgħażagħ u tal-kbar u kien iddedikat għat-tixrid tal-Kelma ta' Alla. Ħadem kemm felaħ biex ixerred id-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija u lejn l-Imqaddsa Verġni Marija u kien jagħmel ħiltu biex il-funzjonijiet liturġiċi jsiru bid-dekor li jixirqilhom.*

*Barra minn hekk, Mons. Borg kien jagħti lezzjonijiet ta' katekeżi lin-novizzi tas-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù fil-kunvent tagħhom ta' Triq Palma.*

*L-aħħar ħdax-il sena ta' ħajtu għaddihom fid-dar tal-Kleru taċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fejn bi kliemu u bl-imġieba tiegħu ħalla eżempju mill-isbaħ lil dawk li kienu midħla tiegħu.*

*Dun Ġużepp miet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex fl-24 ta' Marzu 2007 u l-funeral skond ix-xewqa tiegħu sar fil-Knisja Kolleġġjata u Bażilika ta' l-Għarb.*

***Mons. Nikol Ġ. Cauchi***
***Isqof Emeritu ta' Għawdex***



IRQAQAT MILL-IMGĦODDI

# (1) L-Ewwel Jum li Qatta' fl-Iskola l-Professur Ġużè Aquilina



L-awtur flimkien mal-Professur Aquilina

*minn Victor John Galea*

Il-professur Ġużè Aquilina (1911 - 1997), twieled il-Munxar, ir-raħal fejn għadda tfulitu għand zitu Regina Saliba. Oħroġ il-għaġeb missieru kien ħallieh għandha għax ma ridux joħroġ imqareb bħat-tfal tal-Belt fejn kien joqgħod, imma l-imqarbija Ġużè kienet f'demmu.

Ma' sħabu kien jinżel fil-widien taħt raħlu għaċ-ċawsri u jixxabbat għalih daqs xadin. Mara, li tfal kienet tilgħab miegħu, qalet li l-ġlied ma' sħabu kien jieklu bil-ħobż, għalkemm hi qatt ma kienet fitlitha miegħu.

Hu stess jgħidilna li meta kien żgħir tgħidx kemm kien imqareb u li wieħed mill-għalliema li kellu l-iskola ta' Sannat, li kien ikollu xkora nervi, dejjem bil-bajda mdawra, kull meta kien itellagħhomlu kien jaħfnu u jgħollih mas-saqaf billi Ġużè kien qisu sifja. Lili qaluli li kien imdorri jitla' fuq il-ħajt tas-sejjieħ li dak iż-żmien kien quddiem l-iskola fi Strada Rjali, u jittanta lis-surmast.

## Is-Surmast Mikiel Farrugia (1878 - 1957)

Is-surmast tal-Badiku, kif konna nafuh, twieled u trabba x-Xagħra, il-kbir fost disa' ħutu, li minnhom waħda biss kienet tifla. Is-surmast Farrugia jien sirt nafu meta xjieħ, ftit snin qabel ma miet meta jien kont il-Kulleġġ ta' San Mikiel għall-Għalliema, meta kont mort għandu fl-1952 għal xi ritratti li jien ridt għall-Istorja tax-Xagħra li kont qed nikteb bħala parti mix-xogħol li kellna hemmhekk.

Wara, għalkemm kont ngħallem Malta, ġejt li mort għandu u kont nibrek ħdejh nisimgħu jitkellem fuq l-imgħoddi, ħaġa li avolja issa xjaħt ukoll, għadni nagħmel biex nisma' lil ħaddieħor jgħidli fuq l-imgħoddi, billi jien, kif kien jgħidli Ġużè Cassar Pullicino, dejjem nistudja.

Fost affarijiet oħra niftakar li qalli li missieru li kien ħajjat kien jiġborhom kollha madwaru għad-dawl tal-musbieħ, biex, hu u jxellel u jħit, huma joqogħdu jistudjaw. Qalli wkoll kif kien qatta' l-ewwel jum l-iskola ta' Sannat il-professur Ġużè Aquilina.

Issa qabel ġabitu l-iskola zitu lis-surmast Mikiel avvertietu li kien tifel settier u mqareb qisu kellu l-molol ġo fih. Għalhekk ħa ħsieb biex iressaq il-bank ta' wara tal-klassi mal-ħajt biex ma jmurx jiżgiċċalu minn dik in-naħa. Il-bankijiet ta' dari kienu twal biex fuqhom joqogħdu kemm jistgħu tfal.

Forsi għax kien għadu ħarira ġdid fil-klassi, Ġużè libet f'postu. Jista' jkun li s-surmast Mikiel b'dawk il-mustaċċi mimlija u mibruma li kellu ġablu sudizzjoni. Min-naħa tiegħu s-surmast żiegħel bih u ma ħadux bil-herra tant li xħin il-qanpiena daqqet għall-brejk ta' nofsinhar, lit-tfajjel Ġużè taħ sitt ħabbiet (2m) jew sold (4m), għax illum insejt, biex imur jixtrilu galletta mill-kbar minn għand Roża ta' Marjanna, bil-ħanut tal-merċa fil-qrib.

Milli jidher is-surmast tal-Badiku kien bħali u l-iskola kien jingħad b'galletta jew tnejn. Jien kemm domt l-iskola, kemm tax-Xagħra fi żmien il-gwerra, u kemm tar-Rabat qatt ma ħadt ħobż miegħi l-iskola. Il-gallett nadif u sustanzjuż, għax is-smid iżommok.

Il-professur lili qatt ma' semmieli lis-surmast tal-Badiku fid-diskursati li konna nagħmlu sikwit bit-telefon meta kien qed jaħdem fuq id-dizzjunarju, billi jien tajtu daqs tliet volumi li kont żidt mal-Miklem ta' Erin Serracin Inglott. Kien isemmi biss lin-nannu ta' marti, Wenzu Muscat, li kien ukoll surmast fl-iskola ta' Sannat.



L-iskola l-qadima ta' Sannat

# (2)

# Patri Manwel Magri S.J.

## Id-Disa' Rettur tas-Seminarju f'għeluq il-mitt sena minn mewtu



*minn Mons. Joseph Bezzina*

Nhar it-28 ta' Settembru, 1902, is-Soċjetà tal-Ġiżwiti ħatret lill-Patri Emmanuele Magri bħala d-disa' rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù ta' Għawdex.

**Ġiżwita**

Emmanuele Magri twieled il-Belt Valletta nhar is-27 ta' Frar, 1851, bin l-avukat Kostantin Salvu Magri u Marija Micallef. Tilef lil missieru meta kellu biss erbgħa snin u trabba fid-dar ta' nannuh, missier missieru, il-Belt.

F'Ottubru 1870, applika biex jibda l-kors tal-Liġi l-Università ta' Malta u kien aċċettat. Iżda għamel inqas minn sena għax fid-9 ta' Mejju, 1871, daħal novizz mal-Ġiżwiti. Kien ordnat saċerdot f'Tolosa, Spanja, fis-sena 1881.

Is-sena ta' wara, wasal is-Seminarju ta' Għawdex fejn għamel ir-raba' sena tat-Teoloġija. Wara ħidma f'diversi pajjiżi kien lura fis-Seminarju ta' Għawdex fl-1892 fejn inħatar prefett ta' l-istudji u dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1898.

Tul dan iż-żmien serva wkoll ta' kappillan mas-suldati kattoliċi Ingliżi stazzjonati fil-Forti Chambray. Fl-istess żmien beda t-tiftix arkeoloġiku madwar Għawdex. Dan beda b'mod kurjuż. Kien jisma' mingħand xi tifel fis-Seminarju minuri li sabu xi post b'ħafna xaqquf. Ix-xaqquf kien jintuża biex ifarrkuh trab u jħalltuh mas-siment tal-bjut. Kien jiġri fuq il-post ħalli jara x-xaqquf – xaqquf ta' żmien preistoriku li fih kien hemm xhieda tal-ħajja f'Għawdex fiż-żminijiet bikrija. Min jaf kemm intaħħan xaqquf preistoriku b'dan il-mod Magri salva li seta'. Kien hu li kixef it-Tempju famuż ta' Santa Verna fix-Xagħra u t-Tempju Preistoriku tax-Xewkija li kompla jintaħan taħt il-Knisja Rotunda.

**Rettur**

Il-bidu tar-rettorat tiegħu fit-28 ta' Settembru, 1902, fisser ħafna riformi fis-Seminarju ta' Għawdex. Dawn ir-riformi kienu kemm fis-Seminarju Maġġuri, kif ukoll fis-Seminarju Minuri.

L-istudenti interni jew *boarders* kienu mifruda mis-seminaristi li kienu qegħdin iħejju ruħhom għas-saċerdozju. Hekk dawn ta' l-aħħar setgħu jingħataw formazzjoni differenti għall-missjoni li kienu qegħdin iħejju għaliha. Kien juża wkoll dixxiplina, għalkemm kien kapaċi jaħfer u jħenn.

L-istudenti tas-Seminarju Minuri kienu mħeġġa jibdew jersqu għall-eżamijiet finali msejħa *Oxford Local* u hekk il-livell tat-tagħlim fl-iskola sekondarja tas-Seminarju għola ħafna.

Fi żmienu, iċ-ċelebrazzjoni annwali ta' Jum ir-Rettur laħqet l-aqwa tagħha. F'dak il-jum, kienet issir akkademja bil-parteċipazzjoni ta' l-orkestra. Kienu jinqraw diskorsi u poeżiji, u jsir ħafna daqq u kant.

Mhux kollox kien ward u żahar. Meta fis-Sajf 1905 ħabbar żieda fil-miżata minħabba l-għoli tal-ħajja qamu l-irwiefen kollha. Kellu jieħu dan il-pass għax bdew jonqsu l-interni Maltin u naqsu wkoll il-flus.

**Tmiem**

Patri Magri dam rettur sa Awwissu 1906. Is-sena ta' wara, minkejja li kien batut f'saħħtu aċċetta li jmur jagħmel l-eżerċizzi tar-Randan lill-Maltin li kien hemm fit-Tunżija. Ippriedka f'Susa u kompla Sfax fejn miet sobtu nhar il-Ġimgħa l-Kbira, 29 ta' Marzu, 1907. Indifen f'Tunis.

Baqa' tifkira tiegħu fis-Seminarju. F'Jum ir-Rettur tas-sena 1905, l-istudenti u l-ġenituri tagħhom offrewlu b'radd il-ħajr għall-ħidma tiegħu f'Għawdex, statwa mdaqqsa ta' San Pawl. 'Il quddiem sarilha pedestal u tqiegħdet fil-bitħa li hemm kif tidħol fis-Seminarju.



MIX-XENA SPORTIVA

minn Joe Bajada



# Jinżamm it-tieni "Sport għal Kulħadd" f'Għawdex mill-KMS

Wara r-rispons pożittiv li kellu l-ewwel festival sportiv imtella minnu f'Għawdex nhar it-Tnejn 19 ta' Marzu, festa ta' San Ġużepp, il-Kunsill Malti għall-iSport organizza festival ieħor ta' Sport għal Kulħadd nhar is-Sibt 31 ta' Marzu, festa Nazzjonali ta' Jum il-Helsien, f'Għawdex stess. Dan il-festival sportiv inżamm fil-*Gozo Stadium* u sar bil-kollaborazzjoni ta' diversi entitajiet fosthom tal-Ministeru għal Għawdex, tal-*Gozo Football Association*, l-*Youth FA* Għawdxija, Skola Sport fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-iskejjel Sekondarji Għawdxin.



Diversi tipi ta' logħob kienu organizzati, fosthom anke sezzjonijiet ta' *Keep Fit* għall-ġenituri. Il-logħob kien ikkordinat mid-direttur tekniku tal-KMS, Andrew Decelis u tmexxa minn diversi *coaches* ta' Skola Sport, kif ukoll oħrajn Għawdxin fosthom Angelo Bonello, kordinatur ta' Skola Sport fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Bħal dejjem il-Kunsill Malti għall-iSport huwa mpenjat biex jagħti kull inizjattiva u opportunità lil kulħadd biex jibda jiċċaqlaq u jagħmel xi tip ta' eżerċizzju. B'hekk ukoll tkun qed tingħata opportunità ndaqs lil kulħadd għar-rigward ta' l-isport.

Aktar minn qatt qabel, l-isport illum għandu sehem ferm importanti fil-ħajja ta' miljuni ta' persuni b'bosta pajjiżi. Il-Kunsill Malti għall-iSport għandu politika li tagħraf ukoll dan is-sehem, kif ukoll is-siwi taż-żgħażagħ bħala wieħed mill-ikbar riżorsi umani tas-soċjeta' Maltija u Għawdxija b'risq l-iżvilupp sportiv tagħna. Għalhekk il-Kunsill Malti għall-iSport huwa mpenjat biex jipprovdi diversi opportunitajiet għaż-żgħażagħ kollha fil-formazzjoni sportiva tagħhom fejn jgħinhom ukoll biex jilħqu l-aspirazzjonijiet individwali u kollettivi tagħhom. F'dan ir-rigward ukoll il-Kunsill Malti għall-iSport irid jgħin liż-żgħażagħ tagħna fit-tnissil ta' spirtu qawwi ta' iktar fiduċja fihom infushom biex jiżviluppaw dejjem iktar it-talenti sportivi li jippossedu.

Il-Kunsill Malti għall-iSports huwa konxju minn nuqqas ta' attivitajiet sportivi fil-gżira Għawdxija u għalhekk qed jagħmel dak kollu possibbli biex mhux biss titnissel kuxjenza sportiva fost l-Għawdxin, iżda li jibdew jiġu organizzati b'mod regolari diversi attivitajiet sportivi. Il-Kunsill Malti għall-iSport jixtieq li f'kull lokalità Għawdxija tibda tkun organizzata xi attività sportiva. Huwa l-ħsieb wkoll li 'l quddiem f'Għawdex jibdew jiġu organizzati diversi kompetizzjonijiet fuq bażi ta' Għawdex kollu.

Hija wkoll l-idea tal-KMS li tkun promossa l-idea li l-isport jgħin ħafna biex kulħadd jgħix ħajja iktar b'saħħitha. Jekk din il-mentalità dwar l-importanza tal-isports fil-ħajja tiġi aċċettata u mplimentata mill-ġenituri, allura jkun iktar faċli u naturali illi t-tfal u żgħażagħ jieħdu l-isport bis-serjetà u b'mod konsistenti.

Għal dan il-Festival ta' Sport għal Kulħadd attendiet anke l-Ministru għal Għawdex Ġiovanna Debono li tkellmet mal-Uffiċjali tal-KMS dwar din l-attività, kif ukoll dwar attivitajiet oħra li jistgħu jkunu organizzati iktar 'l quddiem f'Għawdex.



BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073



# L-Irħula Għawdxin

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*





## 13. Iż-Żebbuġ

*Iż-Żebbuġ raħal fuqani*
*l-aktar kiesaħ tul is-snin*
*wisq imperreċ minn kull naħa*
*m'hemmx x'jilqagħlu f'xhur xitwin.*

*Il-Madonna mtellgħa s-sema*
*il-Patruna tal-Maltin*
*hawn fuq l-għolja ġiet biex toqgħod*
*qalb id-djar taż-Żebbuġin.*

*Knisja kollha rħam li nqala'*
*mill-għelieqi fuq l-irdum*
*sa f'San Ġwann tal-Belt issibu*
*'l hinn minn xtutna wkoll miżmum.*

*Tal-Virtut Sultana msejħa*
*skond kif jgħidu t-Tork għajjibt*
*tfajtlu l-ġebel sa m'għeb f'daqqa*
*miż-Żebbuġ għal dejjem ħlist.*

*Ħelwa l-ħarsa f'wiċċ il-vara*
*li minn Franza bl-ilma ġiet,*
*ferħet wisq in-nies x'ħin ratha*
*lis-Sultana tas-Smewwiet.*

*U kif nista' ż-Żebbuġ ngħanni*
*bla ma nsemmi ż-Żebbuġin;*
*nies imkissra f'xogħol il-ġebel*
*għal dax-xogħol fost l-ewlenin.*









# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit*

## IL-MERAVILJA NATURALI FIX-XWEJNI U L-QBAJJAR





# APS Bank Gozo Branch

## *At the Heart of the Gozitan Community...*

- *Investment Services*
- *Advisory Services*
- *Personal Loans*
- *Card Services*
- *Life Insurance*
- *House Loans*

*... and APS ATMs in*
*Victoria - Marsalforn - Xlendi*

**APS** bank

ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO

***The Bank You Want Us To Be***

*www.apsbank.com.mt*

*APS Bank Ltd is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority and is enrolled as an Insurance Sub-Agent for Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited.*